IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2026
COM(2026) 567 final

2026/0264 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1001 (Att Ewropew dwar l-Innovazzjoni)

{SEC(2026) 567 final} - {SWD(2026) 567 final} - {SWD(2026) 568 final}

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Unjoni Ewropea hi pijunier dinji fejn tidħol ir-riċerka xjentifika, u tipproduċi sehem sinifikanti tal-output xjentifiku ta' kwalità għolja fid-dinja. Iżda din is-setgħa mhijiex tissarraf f'livell proporzjonat ta' prestazzjoni fl-innovazzjoni u ta' suċċess kummerċjali fis-Suq Uniku u madwar id-dinja. L-ideat innovattivi żviluppati fl-Ewropa ħafna drabi mhux qed jirnexxilhom jaslu fis-suq, jimirħu lil hinn mill-fruntieri, jew jiġġeneraw setturi ġodda ta' tkabbir. Minħabba f'hekk, l-Unjoni qed jirnexxilha taħtaf biss sehem limitat tal-valur ekonomiku u soċjetali li kapaċi tiġġenera s-setgħa xjentifika u teknoloġika tagħha, u dan il-fatt qed ixekkel il-ftuħ ta' ditti li jkunu kompetittivi mad-dinja u jdgħajjef il-kapaċità tal-Ewropa li tikseb teknoloġiji u ktajjen tal-valur kritiċi u t-tkabbir tal-produttività fit-tul.

Li nsaħħu l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp, għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-iskalar ta' soluzzjonijiet innovattivi hija prijorità ċentrali tal-aġenda politika tal-Kummissjoni għall-2024-2029, li tpoġġi r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-kompetittività u l-prosperità sostenibbli tal-Ewropa. Hu essenzjali wkoll li nsaħħu r-reżiljenza, is-sigurtà ekonomika u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni f'ambjent ġeopolitiku dejjem aktar kompetittiv. F'dan il-kuntest, ir-Regolament propost jgħin fit-twettiq tal-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up[1] u hu rispons għall-mandat stabbilit fl-Ittra ta' Missjoni tal-Kummissarju Zaharieva billi jiżviluppa qafas li jiffaċilita l-ittestjar, il-finanzjament u l-iskalar ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-UE.

Fl-aħħar għoxrin sena, it-tkabbir ekonomiku tal-UE baqa' lura meta mqabbel mat-tkabbir ta' ekonomiji ewlenin oħra, b'mod partikolari tal-Istati Uniti (US) u taċ-Ċina, b'differenza dejjem akbar fil-livelli tal-PDG. Kaġun ewlieni ta' din id-diverġenza hu d-dgħufija dejjem akbar fit-tkabbir tal-produttività tal-UE. Peress li r-riċerka u l-innovazzjoni jammontaw għal sehem sostanzjali ta' gwadann fil-produttività, l-abbiltà li l-Unjoni ssarraf l-għarfien f'innovazzjonijiet kummerċjabbli hi fattur determinanti kritiku tal-kompetittività u l-prosperità fit-tul tagħha. Fattur determinanti ieħor daqsu hu l-abbiltà tal-Unjoni li tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi eċċessivi, tħares il-l-azzjoni libera tagħha, u tiżgura aċċess sigur għal teknoloġiji, prodotti u kapaċitajiet industrijali kritiċi.

L-isfida sottostanti hija l-ostakli strutturali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni. Filwaqt li l-UE għandha prestazzjoni tajba ħafna fir-riċerka ta' stadju bikri, qed issib diffikultajiet persistenti biex timxi minn riżultati tar-riċerka għal prodotti lesti għas-suq u negozji skalabbli. Id-ditti innovattivi qed isibu żewġ ostakli kritiċi: lakuni qabel il-kummerċjalizzazzjoni, għax il-proġetti jkunu riskjużi jew frammentati wisq biex jattiraw investiment privat, u lakuni tal-iskalar, meta d-ditti jsibuha diffiċli biex jespandu minħabba restrizzjonijiet finanzjarji, regolatorji u tas-suq. Dawn l-ostakli jnaqqsu l-inċentivi għall-investiment u jillimitaw il-ftuħ ta' ditti u setturi innovattivi ġodda.

Fl-aħħar snin, l-Unjoni għamlet passi sinifikanti biex tindirizza dawn l-isfidi. Il-programmi tal-finanzjament tal-UE, bħal Orizzont Ewropa, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-programm Ewropa Diġitali, u InvestEU, kif ukoll inizjattivi

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups Agħżel l-Ewropa biex tibda jew tespandi negozju, COM/2025/270final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0270

maħsuba għall-approfondiment tas-swieq kapitali u t-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, ilkoll għenu biex jitjiebu l-kundizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni. Dawn l-isforzi jappoġġaw ukoll l-objettiv usa' tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-reżiljenza, il-preparatezza u l-kapaċità teknoloġika f'setturi ta' importanza strateġika.

Iżda minkejja dan il-progress, **għad hemm ostakli u disparitajiet importanti bejn l-Istati Membri**, b'mod partikolari fit-tranżizzjoni mir-riċerka għall-adozzjoni fis-suq. Dawn l-ostakli mhux biss jimminaw il-prestazzjoni tal-innovazzjoni iżda jdewmu wkoll l-introduzzjoni skalata tat-teknoloġiji li huma essenzjali għas-sigurtà, għar-reżiljenza u għas-sovranità ekonomika tal-Ewropa.

Qabelxejn, is-swieq tal-akkwist tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), inkluż l-akkwist prekummerċjali, għadhom sottożviluppati minħabba n-nuqqas ta' qafas legali ċar. Id-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku jkopru s-servizzi tar-R&Ż biss meta jintlaħqu ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- il-benefiċċji jkunu esklużivament għax-xerrej pubbliku biex jintużaw fl-affarijiet tiegħu; u
- is-servizz jitħallas kollu mix-xerrej pubbliku.

Minħabba f'hekk, sehem sostanzjali tal-akkwist tar-R&Ż, inkluż l-akkwist prekummerċjali, jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Minn meta l-Kummissjoni ċċarat il-kunċett ta' akkwist prekummerċjali fil-Komunikazzjoni tagħha[2] tal-2007, dawn it-tipi ta' akkwist tar-R&Ż żdiedu filwaqt li l-każijiet ta' suċċess juru li l-użu strateġiku ta' dan l-istrument jippermetti lill-UE terġa' tikseb it-tmexxija u l-awtonomija strateġika fis-swieq tat-teknoloġija avvanzata. Iżda b'mod ġenerali, madwar l-UE, il-progress fiż-żieda tal-livelli tal-investiment għadu bil-mod wisq u frammentat. Ir-raġunijiet ewlenin huma li n-nuqqas ta' regoli armonizzati għen biex madwar l-Istati Membri jinħolqu prattiki diverġenti, inċertezzi legali, u jixxekkel l-użu tal-akkwist transfruntier konġunt tar-R&Ż, li spiss ikun meħtieġ biex tinkiseb il-massa kritika finanzjarja meħtieġa għall-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi. Dan hu partikolarment problematiku f'setturi strateġiċi fejn id-domanda frammentata, l-approċċi nazzjonali duplikati, u d-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE jistgħu jesponu lill-Unjoni għal vulnerabbiltajiet u riskji tal-provvista. Barra minn hekk, ir-reviżjoni proposta tal-qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE, l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, tipproponi li teskludi l-forom kollha ta' akkwist tar-R&Ż.

Dawn l-akkwisti pubbliċi tar-R&Ż huma vitali biex jinħolqu soluzzjonijiet innovattivi li jistgħu jtejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi, jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetajiet u jibnu kapaċità industrijali suffiċjenti għal soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi fl-UE biex jitħarsu s-sigurtà ekonomika u l-awtonomija strateġika tal-UE. Huma wkoll strument ewlieni biex jitħaffef l-iżvilupp tas-suq fejn jidħlu t-teknoloġiji kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika Ewropea, titjieb is-sigurtà tal-provvista, u jkun żgurat li l-kapaċitajiet rilevanti strateġikament jiġu żviluppati u implimentati fl-Unjoni. Ekonomiji ewlenin oħra fid-dinja qed jinvestu minn 5 sa 8 darbiet aktar fl-akkwist pubbliku tar-R&Ż mill-UE[3]. Żieda fl-

---

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "L-akkwist pubbliku prekummerċjali: inrawmu l-innovazzjoni biex niżguraw servizzi pubbliċi sostenibbli u ta' kwalità għolja fl-Ewropa", 14.12.2007, COM(2007) 799 final

[3] L-UE tonfoq 0,6% tal-akkwist pubbliku fuq ir-R&Ż, l-Istati Uniti jonfqu 3,5% u l-Korea t'Isfel tonfoq 5%. Żieda fl-investimenti fl-UE għal 3% tal-akkwist pubbliku totali fir-R&Ż tiġġenera investimenti pubbliċi addizzjonali fir-R&Ż li jammontaw għal 0,5% tal-PDG - EU wide benchmarking of innovation procurement policy frameworks and investments

investimenti pubbliċi fl-akkwist tar-R&Ż fl-UE minn 0,6% għal 3% tal-akkwist pubbliku totali jew minn EUR 17,28 biljun għal EUR 86,4 biljun, tgħin lill-UE żżid l-investimenti pubbliċi fir-R&Ż b'madwar 0,5% tal-PDG. Għalhekk, peress li dan jista' jżid ammont addizzjonali daqsu tal-investimenti privati fir-R&Ż, l-investimenti totali fir-R&Ż fl-UE jistgħu jiżdiedu minn 2,2% għal 3% tal-PDG[4].

It-tieni, in-nuqqas ta' ċarezza u komparabbiltà biżżejjed fil-valwazzjoni u l-monetizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali (PI) qed ikompli jfixkel il-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-innovazzjoni issa hi xprunata l-aktar minn assi intanġibbli, b'aktar minn 90% tal-valur korporattiv f'ċerti ditti ewlenin li ġej mill-proprjetà intellettwali. Madankollu fl-UE, il-PI għadha rarament tintuża bħala kollateral fil-finanzjament. Peress li l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE għadhom jiffukaw l-aktar fuq assi tanġibbli u fuq il-kontabbiltà tradizzjonali, il-kumpaniji b'komponent għoli ta' PI jsibuha diffiċli biex jiżguraw il-finanzjament. Minħabba f'hekk, l-istartups tal-UE jiġġeneraw madwar 50% inqas kapital mill-pari fl-Istati Uniti sal-għaxar sena tagħhom. Dan l-ispariġġ ħoloq vojt kbir fil-finanzjament tat-tkabbir għad-ditti innovattivi u ħfief fl-assi, stmat sa EUR 18-il biljun fis-sena[5]. Waħda mir-raġunijiet ewlenin li tispjega n-nuqqas ta' finanzjament appoġġat mill-PI fl-UE hija n-nuqqas ta' metodoloġija armonizzata għall-valwazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali. Dan ħoloq kundizzjonijiet diverġenti fost l-Istati Membri għall-użu ta' dawn l-assi fil-finanzjament tal-kumpaniji, inkluż bħala kollateral għall-finanzjament tad-dejn u għall-kunsiderazzjoni tagħhom fl-investiment fl-ekwità u f'deċiżjonijiet oħra ta' finanzjament. Raġunijiet ewlenin oħra huma n-nuqqas ta' suq sekondarju matur madwar l-UE għall-assi intanġibbli u l-iskarsezzi tal-ħiliet rigward il-finanzjament appoġġat mill-PI fost l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-istartups innovattivi. Dan jimmina l-aċċess tal-kumpaniji għall-kapital fis-Suq Uniku, u jxekkel it-tkabbir u l-investiment transfruntieri tagħhom. Dan inaqqas is-suċċess tal-kumpaniji tal-UE fl-iskalar u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjoni, speċjalment f'setturi tat-teknoloġija profonda u trasformattivi meta mqabblin ma' dawk minn ġuriżdizzjonijiet oħra bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Korea t'Isfel.

Għalhekk, jekk din il-proposta tindirizza dawn iż-żewġ ostakli, dan jaf iħalli impatt ġmielu biex jitjieb il-funzjonament tas-Suq Uniku għall-investimenti fir-R&Ż u fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-assi tal-PI, u b'hekk jgħin fl-indipendenza u l-kompetittività tal-Ewropa. Jgħin ukoll biex jiġi żgurat li l-Ewropa jibqa' jkollha l-finanzi u tiskala t-teknoloġiji kritiċi u l-assi relatati tal-PI bi qbil mal-objettivi tagħha tas-sigurtà, ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika. F'dan l-isfond, din il-proposta timplimenta l-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni 2024-2027 tal-President von der Leyen li jistabbilixxu prijoritajiet biex ir-riċerka u l-innovazzjoni jsibu posthom fil-qalba tal-ekonomija tagħna. L-**Att Ewropew għall-Innovazzjoni** tħabbar fl-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up u fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin li jsaħħu l-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE u jtejbu l-abbiltà tagħha li tikkompeti fid-dinja.

Din l-inizjattiva għandha l-objettiv ġenerali li ttejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku għall-innovazzjoni billi tnaqqas l-ostakli strutturali biex jinġiebu soluzzjonijiet innovattivi fis-suq, u b'hekk titħaffef il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom fl-UE. Dan l-objettiv jikkontribwixxi direttament għall-prijoritajiet usa' tal-Unjoni li jsaħħu l-kompetittività, irawmu tkabbir ekonomiku sostenibbli, u jżidu s-sovranità teknoloġika, filwaqt li jsaħħu wkoll is-sigurtà

---

4 Fl-2023, l-investimenti pubbliċi u privati fir-R&Ż kienu 2,2% tal-PDG fl-UE, meta mqabbla ma' 3,3% fil-Ġappun, 3,46% fl-Istati Uniti, u 4,93% fil-Korea t'Isfel - Science, Research and Innovation Performance (SRIP) report, l-edizzjoni tal-2024, il-Kummissjoni Ewropea

5 Il-Bank Ewropew tal-Investiment (2025). Investment Report 2024/2025: Innovation, integration and simplification in Europe

ekonomika, ir-reżiljenza u l-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi b'mod awtonomu f'oqsma importanti strateġikament.

Biex tilħaq dan, il-proposta tistinka favur sett ta' objettivi speċifiċi. Fosthom hemm li jissaħħaħ ir-rwol tal-akkwist pubbliku bħala fattur ewlieni tal-innovazzjoni u li jiżdiedu l-valwazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-PI.

L-Att Ewropew għall-Innovazzjoni għandu l-għan li jilħaq dawn l-objettivi billi:

- joħloq qafas armonizzat fil-livell tal-Unjoni għall-akkwist tar-R&Ż, inkluż l-akkwist prekummerċjali; u
- jagħti mandat biex jinfetaħ ċentru ta' kompetenza dwar il-finanzjament appoġġat mill-PI fil-livell tal-Unjoni bħala parti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), u jinħolqu qafas għall-Unjoni kollha għall-valwazzjoni tal-PI u suq tal-PI għall-Unjoni kollha għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PI.

Ir-Regolament propost jindirizza dawn l-isfidi b'mod koerenti u mmirat u għalhekk hu maħsub biex jiżgura li l-ideat innovattivi żviluppati fl-Ewropa jkunu jistgħu javvanzaw b'mod aktar effettiv mir-riċerka sas-suq, jeskalaw lil hinn mill-fruntieri, u jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-prosperità fit-tul tal-Unjoni, kif ukoll għar-reżiljenza, is-sigurtà ekonomika u l-awtonomija strateġika tagħha.

1.2. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Bħalissa ma jeżistix qafas leġiżlattiv komprensiv tal-Unjoni li jindirizza speċifikament l-ostakli trażversali li jaffettwaw l-iżvilupp, l-ittestjar u l-iskalar tas-soluzzjonijiet innovattivi fis-Suq Uniku kollu. Il-politiki eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw primarjament fuq l-appoġġ għall-ħolqien tal-għarfien, għat-trawwim tal-kollaborazzjoni u għall-għoti ta' finanzjament għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, filwaqt li jindirizzaw biss parzjalment il-kundizzjonijiet ta' qafas li jirregolaw it-tranżizzjoni mir-riċerka għas-suq.

Ir-Regolament propost jikkomplementa dawn l-inizjattivi eżistenti billi jimmira l-ostakli li jifdal tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk relatati mal-użu tal-akkwist tar-R&Ż, u mal-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-PI fil-finanzjament tal-kumpaniji innovattivi.

F'dan il-kuntest, l-aktar dispożizzjonijiet ta' politika rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni hemm:

Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) tinċentiva u tappoġġa strutturalment il-kollaborazzjoni transfruntiera fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, u primarjament timmira l-istadji bikrija taċ-ċiklu tal-ħajja tar-riċerka u l-innovazzjoni. Din hija implimentata parzjalment bi programmi tal-Unjoni bħal Orizzont Ewropa, li jipprovdu finanzjament għal riċerka kollaborattiva, skemi ta' mobbiltà u infrastrutturi tar-riċerka. B'mod paralleli, il-Forum taż-ŻER hu għodda ta' koordinazzjoni mhux vinkolanti li biha l-Istati Membri jallinjaw il-politiki, il-prijoritajiet u r-riformi nazzjonali tar-riċerka.

Il-programmi tal-finanzjament tal-Unjoni jipprovdu appoġġ finanzjarju sostanzjali għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-istadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni. B'mod partikolari, ċerti programmi bħal Orizzont Ewropa, inkluż il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, u InvestEU, il-programm Ewropa Diġitali, il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġaw l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni u, sa ċertu punt, l-iskalar ta' soluzzjonijiet innovattivi b'għotjiet, finanzjament imħallat, mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-riskju, u b'appoġġ għall-akkwisti tar-R&Ż. Mingħajr preġudizzju għan-negozjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss u għall-

implimentazzjoni ta' programmi tal-finanzjament futuri tal-UE, il-QFP li jmiss jista' jsaħħaħ dan l-appoġġ finanzjarju billi jtejjeb il-kapaċità tal-Unjoni li timmobilizza l-investiment pubbliku u privat fl-innovazzjoni u t-teknoloġiji strateġiċi. Ir-Regolament propost hu konsistenti ma' dawn il-programmi tal-Unjoni għax ma jipproponi l-ebda miżura ta' finanzjament iżda jsaħħaħ il-kundizzjonijiet qafas legali għall-innovazzjoni madwar l-Istati Membri, li jistgħu jikkomplementaw u jikkontribwixxu biex jitjieb l-impatt ta' dawn il-programmi tal-finanzjament tal-Unjoni b'diversi modi:

- Diversi minn dawn il-programmi tal-finanzjament tal-Unjoni jipprovdu appoġġ lix-xerrejja pubbliċi biex iwettqu akkwist tar-R&Ż. Dawn l-esperjenzi wrew ukoll in-nuqqas ta' fiduċja li għad hemm fost ix-xerrejja pubbliċi biex jiftħu akkwisti prekummerċjali, minħabba n-nuqqas ta' qafas legali ċar għall-UE kollha tal-akkwisti prekummerċjali, u wrew ukoll l-isforz u ż-żmien addizzjonali li jieħdu x-xerrejja pubbliċi biex jistabbilixxu akkwisti prekummerċjali transfruntieri konġunti minħabba frammentazzjoni fir-regoli nazzjonali tal-akkwist madwar l-Istati Membri. Ir-Regolament propost jgħin biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni billi jistabbilixxi regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-akkwist tar-R&Ż, inkluż l-akkwist prekummerċjali, u b'qafas armonizzat għal akkwisti transfruntieri konġunti tar-R&Ż, inkluż l-akkwisti prekummerċjali.
- Uħud minn dawn il-programmi tal-finanzjament tal-Unjoni jappoġġaw lill-innovaturi huma u jippruvaw jikkummerċjalizzaw il-PI tagħhom jew biex jużaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom bħala kollateral biex jiksbu investimenti finanzjarji. Dawn l-esperjenzi wrew li minħabba lakuni fl-għarfien u n-nuqqas ta' qafas ta' valwazzjoni aċċettat mal-Unjoni kollha u n-nuqqas ta' suq tal-Unjoni kollha għad-drittijiet tal-PI, l-innovaturi qed isibuha diffiċli biex isibu l-partijiet xierqa li jkunu interessati jixtru jew jilliċenzjaw l-PI tagħhom u biex jiksbu valur tajjeb mill-PI tagħhom ħalli jiksbu investimenti finanzjarji. Ir-Regolament propost jgħin biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni billi jestendi l-mandat tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ħalli dan jistabbilixxi ċentru ta' kompetenza għall-finanzjament appoġġat mill-PI, qafas komuni għall-valwazzjoni tal-PI u suq tal-Unjoni kollha għall-kummerċjalizzazzjoni tad-drittijiet tal-PI.

Minn dan joħroġ li r-Regolament propost hu konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni għax jikkomplementa l-programmi tal-finanzjament eżistenti b'qafas koerenti għall-akkwist tar-R&Ż u b'kompiti ġodda għall-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea li se jgħinu lill-innovaturi jiksbu finanzjament appoġġat mill-PI.

1.3. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Ir-Regolament propost hu inizjattiva transsettorjali u hu maħsub biex jipprovdi kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha għall-innovaturi fis-setturi kollha, flok ma jiffoka fuq setturi ta' applikazzjoni, oqsma tat-teknoloġija jew industriji speċifiċi. Il-miżuri tiegħu huma orizzontali mid-disinn u jindirizzaw ostakli strutturali fl-Istati Membri li qed jaffettwaw l-attivitajiet intensivi fl-innovazzjoni.

Ir-Regolament propost jikkomplementa t-28 qafas legali korporattiv tar-Reġim – EU Inc. futur, li jipprovdi qafas korporattiv armonizzat fakultattiv għall-kumpaniji li joperaw fl-Unjoni. Il-proposta tikkomplementa wkoll ir-riformi fl-ambitu tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, maħsuba biex japprofondixxu s-swieq kapitali tal-Unjoni u jidderieġu aktar tfaddil privat fl-ekwità, fil-kapital tar-riskju u fil-finanzjament tal-iskalar, u b'hekk itejbu l-

aċċess għall-finanzjament għad-ditti innovattivi. Minkejja l-progress mistenni fl-armonizzazzjoni regolatorja skont il-proposta EU Inc. tal-Kummissjoni Ewropea, mistennija tippersisti l-frammentazzjoni sinifikanti fil-mod kif il-kumpaniji jistgħu jinnavigaw iċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni. Din il-frammentazzjoni tissogra li xxekkel lill-kumpaniji milli jġibu soluzzjonijiet innovattivi fis-suq u dan jista' jillimita l-potenzjal tat-tkabbir tal-kumpaniji innovattivi, inkluż ta' dawk li huma stabbiliti skont il-qafas armonizzat tal-EU Inc. Fi kliem ieħor, filwaqt li l-proposa EU Inc. għandha l-għan li tiffaċilita l-istabbiliment u l-operat ta' negozju madwar l-Unjoni u tgħin lill-kumpaniji jattiraw l-investiment, ir-Regolament propost tfassal biex jindirizza konġestjonijiet ulterjuri fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni, u biex jiżgura li l-kumpaniji jkunu jistgħu jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw l-innovazzjonijiet tagħhom b'mod aktar faċli fis-Suq Uniku kollu.

Bl-istess mod, minkejja l-progress mistenni bl-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti fl-approfondiment tas-swieq kapitali tal-Unjoni u fil-mobilizzazzjoni tal-investiment privat, f'partijiet oħra taċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni għad hemm restrizzjonijiet sinifikanti. B'mod partikolari, l-ostakli relatati mal-iżvilupp, l-ittestjar, il-valwazzjoni u l-adozzjoni bikrija tas-soluzzjonijiet innovattivi għadhom qed jillimitaw ir-riżerva ta' proġetti lesti għall-investiment. Minħabba f'hekk, filwaqt li l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tfasslet biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzi u tappoġġa l-iskalar tal-kumpaniji innovattivi, ir-Regolament propost ineħħi l-ostakli li qed ixekklu lill-ideat innovattivi huma u jipprovaw jattiraw il-finanzjament appoġġat mill-PI, u jgħin lill-innovaturi jibbenefikaw bis-sħiħ minn integrazzjoni aħjar tas-suq kapitali.

Ir-Regolament propost jibni wkoll fuq il-Kartieri Ewropej tan-Negozju li ġejjin, li jissimplifikaw il-proċeduri tal-akkwist transfruntieri u l-interazzjonijiet diġitali bejn l-operaturi ekonomiċi u l-korpi tas-settur pubbliku. Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju se jistabbilixxu identità diġitali għall-operaturi ekonomiċi u jippermettu skambju sigur tad-data fil-forma ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi u b'mezz tal-komunikazzjoni sigur. Dawn se jissimplifikaw il-liċenzjar, ir-reġistrazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa u l-awtorizzazzjonijiet għall-akkwist, u l-operaturi ekonomiċi mhux se jintalbu jidduplikaw l-informazzjoni f'portali differenti, u b'hekk jonqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità. Għaldaqstant, ir-Regolament propost jipprevedi li l-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż għandhom jitwettqu esklużivament b'forma diġitali, u meta possibbli bil-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew b'mezzi elettroniċi alternattivi li jkunu interoperabbli mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.

Ir-Regolament propost jikkomplementa wkoll inizjattivi settorjali, bħall-Att eżistenti dwar il-Mediċini Kritiċi, l-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA, l-Att dwar il-Bijoteknoloġija I u l-Att li jmiss dwar il-Materjali Avvanzati u l-Att dwar il-Bijoteknoloġija II u l-Att dwar l-Oċeani, immirat lejn setturi jew teknoloġiji strateġiċi u maħsub biex isaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni bħala pijuniera fit-teknoloġija avvanzata. Filwaqt li dawn l-inizjattivi jipprovdu approċċi mfassla apposta u speċifiċi għas-settur fejn meħtieġa, l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni jindirizza l-lakuni trażversali li qed jaffettwaw l-innovazzjoni fis-setturi kollha u f'oqsma teknoloġiċi differenti. Dan jagħmlu mingħajr ma jippreġudika jew jinterferixxi ma' oqfsa speċifiċi għas-settur, u b'hekk jiżgura l-koerenza fix-xenarju ġenerali tal-politika tal-innovazzjoni tal-Unjoni.

Ir-Regolament propost jikkomplementa wkoll id-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku u r-reviżjoni proposta tagħhom permezz tal-Att dwar l-Akkwist Pubbliku (PPA). Id-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku jeskludu l-akkwist prekummerċjali, filwaqt li ċerti akkwisti tas-servizzi tar-R&Ż għadhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u l-akkwist tar-R&Ż hu element obbligatorju tal-proċedura ta' sħubija għall-innovazzjoni. B'kuntrast ma' dan, il-proposta tal-PPA teskludi l-forom kollha tal-akkwisti tas-servizzi tar-R&Ż u tneħħi

wkoll l-akkwist tar-R&Ż bħala komponent obbligatorju mill-proċedura attwali ta' sħubija għall-innovazzjoni billi tissostitwiha bi proċedura ġdida ta' sfida għall-innovazzjoni li bħala elementi obbligatorji għandha fażi tal-ittestjar u fażi tal-akkwist ta' implimentazzjoni kummerċjali, li tista' tinkludi volumi ta' soluzzjonijiet innovattivi.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1. Bażi legali

Il-bażi legali għar-Regolament propost hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li permezz tiegħu l-Unjoni tista' tadotta miżuri ta' armonizzazzjoni biex tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq intern. Dan hu meħtieġ biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u strutturali transfruntieri li jxekklu l-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku. Regoli nazzjonali diverġenti dwar l-akkwist tar-R&Ż, inkluż dwar l-akkwist prekummerċjali, jikkostitwixxu ostakli li jxekklu lill-kumpaniji milli jipparteċipaw u joffru s-servizzi tagħhom lix-xerrejja pubbliċi fi Stati Membri differenti. Bl-istess mod, approċċi differenti għall-valwazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PI jikkostitwixxu ostakli għall-innovaturi biex jattiraw finanzjament appoġġat mill-PI u jiskalaw in-negozji tagħhom madwar l-Unjoni. Dawn l-approċċi frammentati għall-akkwist tar-R&Ż u għall-valwazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali jxekklu l-moviment transfruntier tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-kapital fis-Suq Uniku.

2.2. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Ir-Regolament propost hu konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

It-titjib tal-kapaċità tal-Unjoni li tiżviluppa, tikkummerċjalizza u tiskala s-soluzzjonijiet innovattivi għandu rilevanza kbira għat-tisħiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. L-ekosistemi tal-innovazzjoni u s-swieq tal-kumpaniji innovattivi qed isiru dejjem aktar transfruntieri fin-natura tagħhom, filwaqt li l-kundizzjonijiet regolatorji u l-kundizzjonijiet qafas fl-Unjoni huma frammentati fuq livelli nazzjonali. Fin-nuqqas ta' miżuri fil-livell tal-Unjoni, l-isfidi tal-kompetittività li qed tiffaċċja l-industrija bħalissa aktarx iwasslu lill-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri ferm aktar unilaterali. Filwaqt li tali sforzi jaf ikunu ġġustifikati, jekk il-miżuri nazzjonali jitħallew mhux ikkoordinati u l-isfidi transfruntieri mhux indirizzati fil-miżuri nazzjonali jiġu injorati, ikun hemm ir-riskju li l-funzjonament tas-Suq Uniku jintlaqat ħażin u li tiżdied il-frammentazzjoni tiegħu, u b'hekk l-Unjoni ssir aktar vulnerabbli u dipendenti wisq fuq soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi minn pajjiżi terzi u ma tkunx tista' tingrana l-assi tas-Suq Uniku biex tiġġenera benefiċċji għall-ekosistemi nazzjonali u Ewropej.

B'mod partikolari, l-iskala meħtieġa biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni mir-riċerka għas-suq u biex tiġi żgurata d-diffużjoni effettiva tal-innovazzjoni taqbeż dak li l-Istati Membri individwali jistgħu jiksbu waħedhom. Approċċi nazzjonali diverġenti għall-valwazzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali, biex jattiraw finanzjament appoġġat mill-PI, u għall-akkwist tar-R&Ż joħolqu inċertezza legali, iżidu l-kostijiet u jillimitaw l-attivitajiet transfruntiera għal ditti innovattivi. Dawn id-diverġenzi għandhom impatt dirett u dimostrabbli fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku, u jimpedixxu l-moviment transfruntier ta' oġġetti, servizzi u kapital fl-Unjoni.

B'kuntrast ma' dan, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet qafas komuni u tiżgura l-koordinazzjoni madwar l-Istati Membri, u b'hekk tippermetti lill-innovaturi jiżviluppaw l-innovazzjoni, jattiraw finanzjament appoġġat mill-PI u jespandu fis-

Suq Uniku kollu. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tippermetti l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi, tnaqqas il-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni, u tiffaċilita l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi madwar l-Unjoni.

L-ebda Stat Membru waħdu mhu kapaċi jindirizza dawn il-kwistjonijiet b'mod effettiv minħabba n-natura integrata tal-isfida u l-ħtieġa ta' funzjonament xieraq tas-Suq intern għal żvilupp, ittestjar, kummerċjalizzazzjoni u skalar tas-soluzzjonijiet innovattivi madwar l-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ armonizzat fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku u biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tisħiħ tal-kompetittività u tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Il-miżuri inklużi f'din l-inizjattiva ma jkunux daqshekk effettivi li kieku jiġu implimentati mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom, peress li l-isfidi li jindirizzaw jikkonċernaw is-Suq Uniku. Huma ma humiex limitati għal Stati Membri individwali jew għal subsett ta' Stati Membri, iżda huma relatati mal-bażi industrijali tal-Unjoni u mal-ktajjen tal-valur fl-Unjoni kollha. Barra minn hekk, il-miżuri implimentati fil-livell tal-Istati Membri x'aktarx li ma jissodisfawx b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' ktajjen tal-provvista interkonnessi mill-qrib fis-Suq Uniku u jistgħu jwasslu għal aktar frammentazzjoni tas-suq, ħrib tal-innovazzjoni u rilokazzjoni industrijali lejn partijiet oħra tad-dinja u dgħufija ġenerali tal-kompetittività u tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

L-innovazzjoni hija sfida transfruntiera li teħtieġ azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex tikkomplementa u ssaħħaħ b'mod effettiv il-miżuri meħuda fil-livelli reġjonali, nazzjonali u lokali. Il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni huwa pan-Ewropew. Mingħajr azzjoni ulterjuri tal-Unjoni, aktarx li kollox jibqa' kif inhu, u jikber ir-riskju li l-Unjoni titlef kapaċitajiet industrijali strateġiċi, li s-Suq Uniku jsir aktar frammentat, u li l-Unjoni ssir dipendenti b'mod kritiku fuq il-pajjiżi terzi fejn jidħlu l-objettivi ekoloġiċi, diġitali, tad-difiża u tas-sigurtà ekonomika. Dan min-naħa tiegħu jista' jkollu implikazzjonijiet negattivi fuq is-sigurtà ekonomika, fuq id-difiża, fuq il-koeżjoni soċjali u territorjali tal-Unjoni, primarjament permezz ta' impatti fuq l-impjiegi, fuq l-iżvilupp reġjonali, u fuq l-aċċess ekwu għall-opportunitajiet industrijali.

Għalhekk, il-miżuri proposti jiffukaw fuq oqsma fejn hemm valur miżjud dimostrabbli fl-azzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, il-veloċità u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa. L-azzjonijiet għandhom l-għan li jtejbu l-argument għall-vijabbiltà għall-innovaturi biex iġibu l-innovazzjonijiet fis-suq billi jiffaċilitaw il-valwazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-PI biex jinkiseb il-finanzjament, u billi jagħmluha aktar faċli li jinstabu l-ewwel klijenti permezz tal-akkwist tar-R&Ż, inkluż l-akkwist prekummerċjali. Dan itejjeb l-effiċjenza billi jippermetti kooperazzjoni transfruntiera aħjar, jiżgura aċċess aktar ġust għall-opportunitajiet għall-kumpaniji innovattivi irrispettivament mill-post tagħhom, u jsaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tikkompeti globalment. Il-miżuri proposti jippermettu wkoll li jittejbu l-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, filwaqt li jiġu rrispettati l-impenji internazzjonali tal-Unjoni lejn is-sħab kummerċjali tagħha.

2.3. Proporzjonalità

Ir-Regolament propost huwa proporzjonat mal-għan tiegħu li jtejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku għall-innovazzjoni. Kull wieħed mill-komponenti tiegħu għandu fil-mira tiegħu objettiv speċifiku u huwa limitat għal dak li huwa xieraq u meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv, mingħajr ma jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-ostakli identifikati u mingħajr ma jiġu imposti piżijiet sproporzjonati fuq l-Istati Membri u l-entitajiet affettwati fl-Istati Membri li huma eċċessivi meta mqabbla mal-benefiċċji mistennija.

L-ewwel nett, ir-regoli komuni għall-akkwist tar-R&Ż, inkluż l-akkwist prekummerċjali, se joħolqu ffrankar sinifikanti ta' ħin u fil-kostijiet għax-xerrejja pubbliċi biex iwettqu proċeduri bħal dawn, u dan jippermetti lix-xerrejja pubbliċi jimmodernizzaw is-servizzi pubbliċi aktar malajr u lill-kumpaniji jaċċelleraw it-tkabbir tan-negozju fis-Suq Uniku kollu. Qafas armonizzat għall-akkwist transfruntier konġunt tar-R&Ż jippermetti lix-xerrejja pubbliċi jiffurmaw il-massa kritika meħtieġa biex l-industrija titqanqal tiżviluppa soluzzjonijiet tal-aħjar valur għall-flus u biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jkabbru n-negozju tagħhom aktar malajr fis-Suq Uniku kollu. Ir-rekwiżiti ta' magħmul fl-UE għall-akkwist tar-R&Ż huma proporzjonati għall-kapaċitajiet tar-R&Ż Ewropej u huma mfassla biex ma joħolqux piżijiet finanzjarji sinifikanti fuq il-baġits amministrattivi. L-istabbiliment ta' swieq ewlenin huwa kruċjali biex tiżdied il-kompetittività tas-setturi u tat-teknoloġiji, u b'hekk tissaħħaħ il-bażi industrijali tal-Unjoni u tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Din it-taħlita ta' miżuri dwar l-akkwist tar-R&Ż hija meħtieġa biex tipprovdi ċertezza legali, issaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tat-Trattat u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Dawn huma proporzjonati peress li huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi, imfassla biex ma joħolqux piż addizzjonali fuq l-Istati Membri u fuq ix-xerrejja pubbliċi, jibnu fuq prattiki eżistenti u użati b'mod wiesa', u jippermettu flessibbiltà fl-implimentazzjoni prattika tagħhom.

It-tieni, jekk l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea jiġi fdat bl-istabbiliment ta' ċentru ta' kompetenza għall-finanzi appoġġati mill-PI, kif ukoll bl-iżvilupp ta' qafas ta' valwazzjoni tal-PI għall-Unjoni kollha u suq diġitali tal-PI, l-innovaturi, il-kumpaniji, l-universitajiet u l-investituri finanzjarji jkunu jistgħu jnaqqsu l-kostijiet tal-valwazzjoni u jżidu l-liċenzjar u t-trasferiment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fl-Unjoni. Dan huwa kruċjali biex tiżdied il-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni. Il-bini fuq il-mandat, fuq l-għarfien espert u fuq ir-riżorsi eżistenti tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea jiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti ta' dawn il-miżuri. L-iżgurar li l-qafas ta' valwazzjoni jkun ibbażat fuq l-aħjar prattiki għal tipi differenti ta' drittijiet tal-PI u li s-suq diġitali tal-PI jkun imfassal biex jikkomplementa dawk eżistenti filwaqt li joffri l-valur miżjud addizzjonali tal-UE, jiżgura li dawn il-miżuri jkunu proporzjonati, peress li jingranaw l-istrutturi eżistenti, u b'hekk inaqqsu l-piż addizzjonali minn fuq l-Istati Membri, u jillimitaw l-intervent tal-UE għal dak li huwa meħtieġ biex jittejbu t-trasparenza, il-komparabbiltà u l-aċċess fi tranżazzjonijiet relatati mal-PI.

2.4. Għażla tal-istrument

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti l-possibbiltà lil-leġiżlatur li jadotta regolamenti u direttivi. Għal din il-proposta, regolament qed jitqies l-aktar strument xieraq għax hu applikabbli minnufih u jippermetti li jiġu stabbiliti rekwiżiti li japplikaw direttament għall-atturi pubbliċi u privati kollha fil-mira tal-miżuri proposti. Dan jgħin biex ikun żgurat li r-rekwiżiti jiġu implimentati fil-ħin u b'mod armonizzat, u b'hekk iżid iċ-ċertezza legali. Dan jiżgura qafas konsistenti u koerenti madwar l-Unjoni u jevita d-diverġenzi bejn ir-regoli nazzjonali li jxekklu l-iżvilupp, l-ittestjar u l-iskalar tal-innovazzjoni fis-Suq Uniku. Huwa meħtieġ regolament biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta' qafas uniformi, biex titnaqqas l-inċertezza legali u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-innovaturi u għall-kumpaniji innovattivi li joperaw bejn il-fruntieri. Direttiva ma tkunx biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi previsti, peress li tkun teħtieġ żmien għat-traspożizzjoni u tista' twassal għal traspożizzjoni u implimentazzjoni diverġenti madwar l-Istati Membri, u b'hekk tipperpetwa l-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni.

Regolament huwa wkoll strument legali meħtieġ u xieraq biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2017/1011 sabiex jitwessa' l-mandat tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni

Ewropea u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 207 tat-TFUE għal dawk il-miżuri relatati mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

3.1. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Din il-proposta hija bbażata fuq konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati mwettqa f'konformità mal-prinċipji tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u mal-istandards minimi. Il-Kummissjoni diġà bdiet tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati dwar l-ostakli għall-innovazzjoni indirizzati mill-Att Ewropew għall-Innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up. Is-Sejħa għall-Evidenza dwar l-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up ġiet ippubblikata fis-17 ta' Frar 2025 u għalqet fis-17 ta' Marzu 2025. Din ġabret kontribut minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi kumpaniji, assoċjazzjonijiet ta' impriżi, organizzazzjonijiet tar-riċerka, awtoritajiet pubbliċi u rispondenti individwali. Din attirat 589 tweġiba minn partijiet ikkonċernati f'36 pajjiż. L-ostakli ewlenin identifikati mill-partijiet ikkonċernati inkludew diffikultajiet għall-kumpaniji innovattivi biex jaċċessaw l-akkwisti u nuqqas ta' investiment fl-akkwist tal-innovazzjoni fl-UE, ostakli għall-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-valwazzjoni tal-proprjetà intellettwali, diffikultajiet għall-kumpaniji innovattivi biex jaċċessaw l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, nuqqas ta' possibbiltajiet ta' esperimentazzjoni fil-leġiżlazzjoni madwar l-UE u koordinazzjoni insuffiċjenti bejn il-politiki u l-programmi ta' innovazzjoni nazzjonali u tal-UE. L-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up li ġiet adottata fit-28 ta' Mejju 2025 stabbiliet strateġija komprensiva li tikkombina miżuri mhux leġiżlattivi u leġiżlattivi biex tneħħi l-ostakli identifikati għall-innovazzjoni, u dawk tal-aħħar jiġu indirizzati bl-Att Ewropew għall-Innovazzjoni.

Bi tħejjija għal din il-proposta, il-Kummissjoni mbagħad fetħet Sejħa għall-Evidenza u Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa apposta biex tiġbor rispons fuq kwistjonijiet speċifiċi u tidentifika soluzzjonijiet possibbli għall-ostakli legali identifikati qabel fl-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up. Din is-Sejħa għal Evidenza u din il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa ġew ippubblikati fit-8 ta' Lulju 2025 u ngħalqu fit-3 ta' Ottubru 2025. Dawn ġabru kontributi minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi kumpaniji, assoċjazzjonijiet ta' impriżi, organizzazzjonijiet tar-riċerka, awtoritajiet pubbliċi u rispondenti individwali. B'kollox, waslu 336 tweġiba għas-Sejħa għal Evidenza, inklużi 193 dokument ta' pożizzjoni. Il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa rċeviet 202 tweġiba, ikkomplementati minn 54 dokument ta' sostenn addizzjonali.

It-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni kienu mifruxin sew fost il-gruppi tal-partijiet ikkonċernati. Il-kumpaniji u n-negozji ammontaw għal 27% tat-tweġibiet (55 tweġiba), segwiti mill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi (23%, 47 tweġiba) u l-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka (16%, 33 tweġiba). Waslu kontributi oħrajn minn ċittadini tal-UE (8%, 17-il tweġiba), organizzazzjonijiet mhux governattivi (8%, 17-il tweġiba), awtoritajiet pubbliċi (4%, 8 tweġibiet), trade unions (2%, 4 tweġibiet), ċittadini mhux tal-UE (1%, 3 tweġibiet), u partijiet ikkonċernati oħra (9%, 18-il tweġiba). Fost il-kumpaniji parteċipanti, il-mikrointrapriżi (1-9 impjegati) irrappreżentaw l-akbar grupp (33%, 18-il tweġiba), segwiti minn kumpaniji kbar (29%, 16-il tweġiba), kumpaniji żgħar (20%, 11-il tweġiba) u kumpaniji ta' daqs medju (18%, 10 tweġibiet).

Ir-riżultati tal-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa u r-rapport fil-qosor korrispondenti dwar l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni ġew ippubblikati fl-4 ta' Diċembru 2025 u huma disponibbli online[6].

Barra minn hekk, twettqet konsultazzjoni mmirata dwar l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni bejn Ottubru u Novembru 2025 biex tappoġġa l-valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji mistennija tal-miżuri proposti. Din il-konsultazzjoni kkombinat 18-il intervista semistrutturata ma' partijiet ikkonċernati magħżula mis-setturi differenti ta' hawn fuq, 55 tweġiba għal stħarriġ online mmirat, u tliet gruppi fokali online li saru fl-24, fis-26 u fis-27 ta' Novembru 2025. Primarjament, il-gruppi fokali kellhom l-għan li jivvalidaw is-sejbiet tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji.

Fl-aħħar nett, twettqet konsultazzjoni mmirata dwar l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni ma' rappreżentanti responsabbli għall-politiki u għall-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati ta' Orizzont Ewropa li jipparteċipaw fil-Forum tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC). Il-membri tal-Forum tal-EIC adottaw Dokument ta' Pożizzjoni konġunt u lista ta' xewqat għall-Att Ewropew dwar l-Innovazzjoni f'Novembru 2025[7].

F'dawn is-sensiliet u tipi differenti ta' konsultazzjonijiet b'kollox inġabru 1210 tweġibiet li għenu fit-tħejjija ta' din il-proposta għall-Att Ewropew għall-Innovazzjoni. B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati esprimew appoġġ wiesa' għall-azzjoni tal-UE biex tindirizza l-ostakli identifikati għall-innovazzjoni. Maġġoranza kbira tar-rispondenti kkonfermaw kemm l-eżistenza tal-problemi identifikati kif ukoll ir-rilevanza tal-miżuri proposti għall-Att Ewropew għall-Innovazzjoni, maħsuba biex itejbu l-iżvilupp, l-ittestjar u l-iskalar tas-soluzzjonijiet innovattivi fis-Suq Uniku kollu.

3.2. Ġbir u użu tal-għarfien espert

It-tħejjija ta' din il-proposta hija bbażata fuq bażi wiesgħa ta' evidenza, inklużi ħidma analitika, rieżami tal-letteratura, kontribut tal-partijiet ikkonċernati u pariri esperti.

Il-Kummissjoni wettqet riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u rrieżaminat il-letteratura akkademika, ir-rapporti ta' politika u s-sorsi tad-data rilevanti biex tappoġġa l-analiżi tal-problemi u tal-għażliet ta' politika. Dan inkluda, fost l-oħrajn, data mill-Eurostat, it-Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea tal-Innovazzjoni, l-Istħarriġ Komunitarju dwar l-Innovazzjoni, il-valutazzjoni komparattiva Ewropea tal-oqfsa ta' politika nazzjonali u tal-investimenti fl-akkwist ta' innovazzjoni u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO), kif ukoll rapporti minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP), u letteratura akkademika rieżaminata bejn il-pari.

Intużaw ukoll inputs mill-gruppi ta' ħidma tal-Forum tal-EIC u inputs esperti, inkluż ir-rapport[8] tal-grupp ta' esperti minn 33 pajjiż maħtur mill-Kummissjoni li fformula rakkomandazzjonijiet għall-pajjiżi membri tal-UE u tal-Forum tal-EIC dwar kif jingħelbu l-

---

6 Ir-riżultati tal-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa u r-Rapport fil-Qosor tagħha, l-4 ta' Diċembru 2025, https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14593-European-Innovation-Act/public-consultation_mt

7 Position paper and wishlist for the European Innovation Act, il-Forum tal-EIC, Novembru 2025, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/b690e2af-d0bd-11f0-8da2-01aa75ed71a1/language-mt

8 Ir-rapport espert indipendenti, "Overcoming legal barriers for the uptake of innovation procurement in the EU", Mejju 2026, https://data.europa.eu/doi/10.2777/4586624

ostakli legali li jxekklu l-implimentazzjoni usa' tal-akkwist ta' innovazzjoni, inkluż l-akkwist tar-R&Ż, fl-Unjoni meta mqabbel ma' ekonomiji ewlenin oħra fid-dinja.

Kuntrattur estern appoġġa lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' riċerka addizzjonali bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, fl-analiżi tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika miftuħa u tal-konsultazzjonijiet immirati, fl-organizzazzjoni ta' gruppi fokali u ta' intervisti mal-partijiet ikkonċernati, u fil-kontribut għall-valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri proposti.

Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni pprovda appoġġ analitiku ulterjuri, inkluż l-analiżi tas-Sejħa għal Evidenza u l-immudellar makroekonomiku biex jiġu vvalutati l-impatti potenzjali tal-inizjattiva.

3.3. Valutazzjoni tal-impatt

F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, din il-proposta regolatorja hija appoġġata minn valutazzjoni tal-impatt li tanalizza l-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-kummerċjalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi favorevoli għall-innovazzjoni għall-kumpaniji innovattivi biex jespandu fis-Suq Uniku kollu tal-UE, f'kuntest ta' sfidi tal-kompetittività globali dejjem jikbru. Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika għażliet ta' politika biex jiġu indirizzati l-fatturi ewlenin tal-problemi u tivvaluta l-impatti probabbli tagħhom. Din ġiet żviluppata f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Tmexxija Interservizzi tal-Kummissjoni dwar l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni.

L-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ("il-Bord") fit-23 ta' Diċembru 2025. Fit-28 ta' Jannar 2026, saret laqgħa mal-Bord u din ġiet segwita minn opinjoni negattiva. Wara reviżjoni sostanzjali biex jiġu indirizzati l-kummenti tal-Bord, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata mill-ġdid fl-20 ta' Frar 2026. Fit-tieni sottomissjoni, il-Bord irrikonoxxa titjib sinifikanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-firxa mnaqqsa tal-miżuri proposti, tal-kjarifika tal-kuntest u tal-ambitu tal-inizjattiva, u tal-preżentazzjoni ġenerali tar-rapport. Madankollu, xi kummenti sostantivi, b'mod partikolari dawk relatati mal-evitar ta' trikkib mar-reviżjoni li jmiss tad-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku baqgħu diffiċli biex jiġu indirizzati, peress li l-konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni ta' dawn id-Direttivi kienet għadha ma tlestietx u l-miżuri ppjanati u l-valutazzjoni tal-impatt tar-reviżjoni ta' dawn id-Direttivi kienu għadhom ma humiex disponibbli f'dak iż-żmien. Għalhekk, il-Bord żamm opinjoni negattiva fis-27 ta' Frar 2026 u identifika tliet oqsma ewlenin li jeħtieġu aktar titjib fir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt għall-Att Ewropew għall-Innovazzjoni, jiġifieri li:

(1) **Tiġi żgurata koerenza aħjar tal-miżuri dwar l-akkwist pubbliku tal-Att Ewropew għall-Innovazzjoni** mar-reviżjoni li jmiss tad-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku u jiġu vvalutati ulterjorment il-proporzjonalità u s-sussidjarjetà tal-miżuri dwar l-akkwist, b'mod partikolari fir-rigward tal-miri obbligatorji tal-akkwist ta' innovazzjoni u l-inklużjoni tal-akkwist pubbliku taħt il-limiti finanzjarji stabbiliti skont il-qafas tal-UE.

(1) **Tiġi żgurata analiżi tal-impatt aktar kompluta** billi tiġi estiża l-valutazzjoni tal-miżuri tal-Att Ewropew għall-Innovazzjoni lil hinn mill-popolazzjoni stmata ta' kumpaniji innovattivi, peress li l-miżuri proposti ma humiex legalment limitati għal kategorija speċifika ta' ditti. Jintalab ukoll li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' definizzjoni legali ta' kumpaniji innovattivi fl-Att Ewropew għall-Innovazzjoni.

(2) **Tiġi pprovduta valutazzjoni aktar fil-fond tal-kostijiet u tal-benefiċċji** ta' xi miżuri tal-Att Ewropew għall-Innovazzjoni, b'enfasi partikolari fuq:

- stima aktar b'saħħitha tal-kostijiet ekonomiċi assoċjati mal-miri obbligatorji tal-akkwist ta' innovazzjoni u l-introduzzjoni ta' preferenza tal-UE fl-akkwist pubbliku;
- il-valutazzjoni tar-riskju li definizzjonijiet u prinċipji ristretti wisq għal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja jistgħu jeskludu opportunitajiet ta' esperimentazzjoni potenzjalment ta' benefiċċju.

Wara t-tieni opinjoni negattiva tal-Bord, il-Valutazzjoni tal-Impatt ġiet riveduta ulterjorment b'mod sostanzjali biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati. Il-punti msemmija hawn fuq ġew ikkunsidrati bis-sħiħ permezz ta' analiżi msaħħa u, fejn meħtieġ, billi ġie aġġustat il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. B'mod partikolari, il-kummenti tal-Bord ġew indirizzati kif ġej:

- **Il-miżuri dwar l-akkwist rigward proċeduri tal-akkwist li jiffavorixxu l-innovazzjoni u l-preferenza tal-UE tnaqqsu biex jiffokaw esklużivament fuq l-akkwist tar-R&Ż imwettaq mix-xerrejja pubbliċi**. It-tekniki tal-akkwist favorevoli għall-innovazzjoni applikabbli għal forom oħrajn ta' akkwist pubbliku b'mod usa', tneħħew mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Att Ewropew għall-Innovazzjoni. Barra minn hekk, ġie introdott limitu finanzjarju tal-UE ta' EUR 216 000 (li jikkorrispondi għal-limitu finanzjarju tal-UE użat fid-Direttiva ewlenija dwar l-akkwist pubbliku għall-awtoritajiet subċentrali), li jiżgura l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.
- **Il-mira obbligatorja għall-Istati Membri biex iżidu l-infiq ġenerali fuq l-akkwist ta' innovazzjoni tneħħiet** mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Att Ewropew għall-Innovazzjoni.
- **Żdiedet spjegazzjoni dwar id-definizzjonijiet ta' kumpaniji innovattivi, startups u scaleups**. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tiċċara li, wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-UE dwar id-definizzjonijiet ta' kumpaniji innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi, l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni ma għadux jinkludi dawn id-definizzjonijiet bħala parti mill-proposta. Fl-istess ħin, din tispjega li, f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-kostijiet u l-benefiċċji huma stmati fuq il-popolazzjoni affettwata ekonomikament (b'mod partikolari l-intrapriżi innovattivi) aktar milli fuq l-entitajiet legalment eliġibbli kollha. Din iċċarat id-differenza bejn id-ditti legalment eliġibbli u dawk affettwati ekonomikament u tispjega aktar fil-fond kif ġie stmat l-għadd ta' entitajiet affettwati.
- **Żdiedu stimi kwantitattivi.** Il-Valutazzjoni tal-Impatt ipprovdiet analiżi addizzjonali tal-kostijiet u tal-benefiċċji sabiex il-miżuri kollha inkludew kemm il-Mudell tal-Kost Standard kif ukoll stimi kwantitattivi bbażati fuq l-elastiċità tal-kostijiet u tal-benefiċċji. B'mod partikolari, żiedet il-kostijiet ekonomiċi relatati mar-riskju tal-miżuri dwar l-akkwist, irfinat l-istimi għall-valwazzjoni tal-PI u inkludiet taqsimiet iddedikati li jispjegaw aktar fil-fond is-suppożizzjonijiet sottostanti ta' kull stima.
- **Id-definizzjonijiet u l-prinċipji għall-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja tneħħew** mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Att Ewropew dwar l-Innovazzjoni u tmexxew għal proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.

L-opinjonijiet tal-Bord, kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt finali u s-sommarju eżekuttiv tagħha huma ppubblikati flimkien ma' din il-proposta.

Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni tal-impatt fil-livell tal-miżuri individwali, b'massimu ta' erba' varjanti kkunsidrati għal kull miżura bħala għażliet ta' politika alternattivi. Dan l-approċċ ippermetta l-identifikazzjoni tal-aktar intervent xieraq għal kull qasam problematiku speċifiku.

Fl-aħħar nett, l-għażla ta' politika ppreferuta għall-Att Ewropew għall-Innovazzjoni hija definita bħala pakkett kompost, li jgħaqqad l-aktar varjanti effettivi ta' kull waħda mid-disa' miżuri vvalutati. Għal kull miżura, il-varjant magħżul huwa dak li għandu l-aħjar prestazzjoni f'termini ta' effettività, effiċjenza, koerenza u proporzjonalità. Għalhekk, l-għażla ppreferuta tirrifletti taħlita koerenti tal-elementi bl-aktar prestazzjoni b'saħħitha fost il-miżuri kollha, aktar milli pakkett ta' politika wieħed predefinit.

L-**għażla ta' politika ppreferuta** tikkonsisti fil-miżuri li ġejjin.

L-ewwel miżura: l-istabbiliment, permezz tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), ta' ċentru ta' kompetenza għall-finanzi appoġġati mill-PI, kif ukoll l-iżvilupp ta' qafas ta' valwazzjoni tal-PI għall-Unjoni kollha u suq diġitali. Din il-miżura hija mistennija li żżid l-attività ta' trasferiment u ta' liċenzjar tal-PI u l-abbiltà tal-innovaturi li jattiraw finanzjament appoġġat mill-PI. Dan ikun jinvolvi kostijiet amministrattivi għall-EUIPO stmati għal madwar EUR 712 000 u kostijiet ta' aġġustament għall-EUIPO ta' madwar EUR 2,5 miljun, li se jkunu koperti mir-riżorsi proprji tal-EUIPO, mingħajr ebda kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni. Fl-istess ħin, din il-miżura hija mistennija li tiġġenera **ffrankar ta' madwar EUR 35 miljun f'kostijiet amministrattivi għall-kumpaniji**. Huwa stmat ukoll li l-miżura se tiġġenera **kapital ta' riskju u debitu addizzjonali appoġġati mill-PI ta' EUR 10.2 biljun kull sena għall-kumpaniji**.

It-tieni miżura: l-introduzzjoni ta' proċedura armonizzata għall-akkwist tar-R&Ż u għall-akkwist transfruntier konġunt tar-R&Ż. Din il-miżura hija mistennija li tiġġenera **EUR 1 biljun fis-sena f'iffrankar tal-kostijiet għax-xerrejja pubbliċi affettwati, kif ukoll EUR 25,92 biljun addizzjonali fi profitt tad-ditti kull sena**.

It-tielet miżura: l-istabbiliment tal-preferenza tal-UE għall-akkwist tar-R&Ż bi klawżoli ta' esklużjoni fakultattiva li jippermettu l-akkwist minn fornituri mhux koperti meta ma tkun teżisti l-ebda alternattiva koperta jew meta jkun hemm differenzi sproporzjonati fil-kostijiet bejn il-fornituri koperti u dawk mhux koperti[9]. Din il-miżura hija mistennija li tikkontribwixxi għat-**tisħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE**, b'mod partikolari għat-teknoloġiji kritiċi u għall-infrastrutturi strateġiċi, billi tnaqqas ir-riskji ta' dipendenza u tappoġġa l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista bbażati fl-UE. Il-klawżoli ta' esklużjoni fakultattiva huma stmati wkoll li **jimminimizzaw l-effetti makroekonomiċi negattivi tal-preferenza tal-UE**, stmati għal madwar EUR 464 miljun.

Il-kombinazzjoni ta' miżuri tiżgura l-koerenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni, filwaqt li tindirizza kemm l-ostakli min-naħa tal-provvista kif ukoll dawk min-naħa tad-domanda. Billi ttejjeb b'mod konġunt il-kundizzjonijiet ta' qafas, l-aċċess għar-riżorsi u l-opportunitajiet tas-suq, l-għażla ppreferuta timmassimizza l-effettività tal-miżuri individwali u tiġġenera impatti kumulattivi lil hinn mill-effetti awtonomi tagħhom. B'mod ġenerali, is-simulazzjoni makroekonomika bl-użu tal-istima msemmija tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-input issarrfet f'żieda fil-PDG tal-UE ta' 0.25-0.42% fuq orizzont ta' għaxar snin meta mqabbla ma' xenarju

[9] Hawnhekk, il-fornituri koperti huma l-fornituri mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi li kkonkludew ftehimiet internazzjonali mal-Unjoni u li fihom l-Unjoni għandha impenji li tiftaħ l-akkwisti ta' servizzi tar-R&Ż għal dawk il-pajjiżi terzi.

bażi mingħajr l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni, li jikkorrispondi għal sa 507,000 impjieg ġdid maħluq madwar l-UE matul dan il-perjodu ta' għaxar snin.

3.4. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Il-proposta se tkun konformi mal-objettivi ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni. Billi tistabbilixxi approċċi aktar armonizzati madwar l-Unjoni għat-twettiq tal-akkwist tar-R&Ż u billi l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea jingħata l-kompitu li jistabbilixxi qafas komuni għall-valwazzjoni tal-PI, suq fl-UE kollha għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PI u ċentru ta' kompetenza għall-finanzjament appoġġat mill-PI, din tnaqqas id-duplikazzjoni tal-kostijiet, l-asimmetriji fl-informazzjoni, u l-kostijiet tat-tiftix u tat-tranżazzjonijiet għall-innovaturi.

Fejn jiġu introdotti attivitajiet ġodda, il-proposta tibni fuq oqfsa u fuq proċessi eżistenti, u b'hekk tillimita l-piż amministrattiv addizzjonali.

Għall-awtoritajiet pubbliċi huma mistennija kostijiet ta' aġġustament addizzjonali limitati (EUR 45 miljun) minħabba l-ħtieġa għal aktar taħriġ biex jiġu implimentati tekniki tal-akkwist tar-R&Ż u l-preferenza tal-UE. Bis-settur pubbliku tal-UE mistenni jiffaċċja kost ta' aġġustament (EUR 2,4 miljun) biex jiżviluppa l-qafas ta' valwazzjoni tal-PI tal-UE, iċ-ċentru tal-PI, u l-pjattaforma ta' tlaqqigħ. Madankollu, dawn il-kostijiet amministrattivi addizzjonali huma kkumpensati b'iffrankar sinifikanti nett fil-kostijiet amministrattivi.

Għad-ditti u għax-xerrejja pubbliċi ma huma mistenni l-ebda kost amministrattiv addizzjonali peress li r-regolament propost ma jimponix obbligi addizzjonali fuqhom. Għall-kuntrarju, huwa mistenni ffrankar addizzjonali tal-kostijiet amministrattivi għall-kumpaniji:

- EUR 1 biljun fis-sena għax-xerrejja pubbliċi li għandhom l-għan li jwettqu akkwisti tar-R&Ż, minħabba qafas armonizzat għall-akkwist tar-R&Ż, inkluż għall-akkwisti transfruntiera konġunti tar-R&Ż;
- EUR 35 miljun fis-sena għal ditti li jkollhom ħafna PI, minħabba approċċi aktar armonizzati għall-valwazzjoni tal-PI u liċenzjar u trasferiment aktar faċli tal-PI permezz tas-suq tal-PI;

B'mod ġenerali, l-għażla ta' politika ppreferuta hija għalhekk mistennija li tiġġenera ffrankar annwali nett fil-kostijiet fis-sena (kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament flimkien) ta' madwar EUR 1,1 biljun mill-ewwel sena 'l quddiem, meta mqabbla mal-linja bażi, kemm fost il-partijiet ikkonċernati pubbliċi kif ukoll fost dawk privati. L-iffrankar nett mistenni jkompli jiżdied fis-snin sussegwenti, hekk kif il-kostijiet ta' aġġustament ta' darba jitneħħew gradwalment u jibqgħu biss il-kostijiet amministrattivi rikorrenti.

4. DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Ir-Regolament propost huwa bbażat fuq approċċ mhux diskriminatorju u jippromwovi t-trasparenza u t-trattament ugwali. Ma huwiex mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq id-drittijiet fundamentali protetti skont it-Trattati tal-Unjoni u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt stmat fuq in-nefqa u fuq il-persunal għall-2028 u lil hinn qiegħed jiżdied għal skopijiet illustrattivi biss u ma jippreġudikax il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Is-sors tal-finanzjament u l-ambitu tal-impenn finanzjarju tal-Unjoni fil-perjodu ta' wara l-2027

jibqgħu soġġetti għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-QFP 2028-2034, u wara għandhom jiġu ddeterminati bil-proċedura baġitarja annwali. L-approprjazzjonijiet u l-allokazzjonijiet tal-persunal kollha mill-2028 huma indikattivi. Il-proposta għandha implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni. B'mod speċifiku, dan se jirrikjedi madwar 3 ekwivalenti ta' ingaġġ full-time fis-sena biex jiġi implimentat. L-implikazzjonijiet baġitarji huma prinċipalment biex titwettaq il-ħidma prevista għall-appoġġ u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament, inkluż biex jitħejjew l-atti delegati u ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament. L-implikazzjonijiet baġitarji meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

6. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tikkonsisti fi tliet Kapitoli. Hija strutturata kif ġej:

Il-Kapitolu I fih id-dispożizzjonijiet ġenerali li jistabbilixxu s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost, kif ukoll jistabbilixxi d-definizzjonijiet applikabbli għar-Regolament propost. Dan jiċċara li l-Kapitolu I tar-Regolament japplika biss għall-akkwisti ta' servizzi tar-R&Ż li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2014/23, tad-Direttiva (UE) 2014/24 u tad-Direttiva (UE) 2014/25 u jiċċara li l-Kapitolu III tar-Regolament japplika biss għall-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kapitolu II jistabbilixxi regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż, inkluż l-akkwist konġunt tar-R&Ż.

Il-Kapitolu III jistabbilixxi l-kompiti fdati minn dan ir-Regolament lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea biex jistabbilixxi qafas komuni għall-valwazzjoni tal-proprjetà intellettwali (PI), suq għall-UE kollha għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PI u ċentru ta' kompetenza biex jgħin lill-innovaturi jaċċessaw finanzjament appoġġat mill-PI.

2026/0264 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1001 (Att Ewropew dwar l-Innovazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[(1)],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[(2)],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Għad hemm ostakli importanti, li jxekklu l-aċċess tal-innovazzjonijiet għas-suq u l-iskalar tal-intrapriżi innovattivi fl-Unjoni. L-innovaturi jiffaċċjaw nuqqas ta' opportunitajiet biex iġibu ideat innovattivi fis-suq tal-akkwist pubbliku għall-Unjoni kollha minħabba n-nuqqas ta' qafas legali komuni għall-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp ("akkwist tar-R&Ż") u suq intern sottożviluppat għall-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali (PI). Il-miżuri nazzjonali mmirati biex jindirizzaw ostakli kumplessi bħal dawn li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali huma frammentati u joħolqu riskju li jimminaw il-funzjonament tas-suq intern. Din il-frammentazzjoni toħloq ostakli għall-kummerċ transfruntier fl-Unjoni u distorsjonijiet fis-suq intern. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti miżuri armonizzati biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

(2) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri[10] talbet lill-Kummissjoni tindirizza l-livell baxx ta' kompetizzjoni għall-akkwist pubbliku fl-Unjoni. Minħabba ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni u d-domanda dejjem tikber minn xerrejja pubbliċi madwar l-Unjoni għal soluzzjonijiet innovattivi magħmula fl-Unjoni, hemm interess transfruntier akbar mill-operaturi ekonomiċi biex jipparteċipaw fl-akkwist tar-R&Ż imwettaq minn xerrejja pubbliċi minn Stati Membri oħra. Filwaqt li d-Direttivi

(1) ĠU C [...], [...], p. [...]
(2) ĠU C [...], [...], p. [...]
10 Rapport Speċjali 28/2023: L-akkwist pubbliku fl-UE, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Diċembru 2023, https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2023-28/SR-2023-28_EN.pdf

2014/23/UE[11], 2014/24/UE[12], u 2014/25/UE[13] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jarmonizzaw il-proċeduri għall-akkwisti pubbliċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, il-proċeduri għall-akkwisti li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom bħalissa huma rregolati primarjament minn regoli nazzjonali frammentati jew huma eżentati mir-regoli nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku u huma soġġetti biss għall-prinċipji fundamentali skont it-Trattati kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan jikkonċerna l-maġġoranza tal-akkwisti tar-R&Ż, b'mod partikolari dawk li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi minħabba li l-benefiċċji li jirriżultaw mis-servizzi ta' R&Ż akkwistati ma humiex esklużivament dovuti lix-xerrej pubbliku għall-użu minnu fit-twettiq tal-affarijiet tiegħu stess, bħal kif inhu l-każ fl-akkwist prekummerċjali, jew minħabba li s-servizzi ta' R&Ż akkwistati ma humiex kompletament remunerati mix-xerrej pubbliku[14]. Madankollu, l-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji waħedha ma tipprovdix biżżejjed ċarezza legali lix-xerrejja pubbliċi, ma tindirizzax il-frammentazzjoni transfruntiera fl-implimentazzjoni tal-akkwist tar-R&Ż u lanqas ma tindirizza l-ostakli strutturali għax-xerrejja pubbliċi biex jipparteċipaw fl-akkwist transfruntier konġunt tar-R&Ż. Għal dik ir-raġuni, għal akkwisti tar-R&Ż li jaqbżu ċertu valur, jenħtieġ li jiġu adottati regoli komuni biex jiġi żgurat li dawk il-prinċipji jingħataw effett prattiku biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

(3) Għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż li għalihom ma japplikawx l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/25/UE, ix-xerrejja pubbliċi jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Madankollu, il-karatteristiċi partikolari tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża jagħmlu l-akkwist pubbliku tar-R&Ż f'dak il-qasam partikolarment sensittiv, li ħafna drabi jirrikjedi livell għoli ta' kunfidenzjalità u flessibbiltà akbar għall-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi ma jkunux meħtieġa japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għal akkwist tar-R&Ż li jaqa' taħt l-eżenzjonijiet għall-akkwisti tar-R&Ż stabbiliti fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].

(4) Id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż hija essenzjali għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, peress li tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-piżijiet amministrattivi, iżżid l-effiċjenza, u ttejjeb it-trasparenza. Għalhekk, jenħtieġ li, fejn possibbli, il-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni

---

11 Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/23/oj).

12 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj).

13 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/25/oj).

14 Bis-saħħa tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/23/UE, tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2014/24/UE u tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/25/UE, dawk id-Direttivi japplikaw biss għall-akkwisti ta' servizzi tar-R&Ż meta l-benefiċċji jkunu dovuti esklużivament lix-xerrej pubbliku għall-użu minnu fit-twettiq tal-affarijiet tiegħu stess, u s-servizz ipprovdut ikun remunerat kompletament mix-xerrej pubbliku,

15 Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76–136, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

ta’ dan ir-Regolament jitwettqu permezz tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew b’mezzi elettroniċi alternattivi li jkunu interoperabbli mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.

(5) Sabiex jittejjeb l-aċċess għall-opportunitajiet tan-negozju fl-akkwist tar-R&Ż u tiżdied il-kompetizzjoni għall-għoti ta’ kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta’ gruppi ta’ operaturi ekonomiċi tiġi ffaċilitata ulterjorment. Dan huwa ta’ importanza partikolari għall-SMEs, għall-istartups innovattivi u għall-iscaleups innovattivi, li spiss jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għal opportunitajiet akbar tal-akkwist tar-R&Ż. Għalhekk, ir-regoli li jirregolaw il-parteċipazzjoni ta’ gruppi ta’ operaturi ekonomiċi u l-użu ta’ kapaċitajiet kombinati jenħtieġ li jiġu ċċarati u ssimplifikati, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu imposti biss ir-rekwiżiti neċessarji għall-eżekuzzjoni xierqa tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

(6) Is-sottokuntrattar ta’ partijiet ta’ kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż jibqa’ għodda prattika u b’saħħitha ta’ kollaborazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li r-regoli għas-sottokuntrattar f’dan ir-Regolament jippreservaw il-libertà kuntrattwali u jiffaċilitaw l-aċċess għall-SMEs, għall-istartups innovattivi u għall-iscaleups innovattivi, b’tali mod li jippermettulhom jipparteċipaw b’mod effettiv fl-akkwist tar-R&Ż u fil-ktajjen tal-provvista relatati. Madankollu, jenħtieġ li s-sottokuntrattar ta’ kuntratt sħiħ tal-akkwist tar-R&Ż ma jkunx permess skont dan ir-Regolament, b’mod partikolari sabiex jiġi evitat li s-sottokuntrattar jintuża ħażin speċjalment f’setturi li jistgħu jkunu aktar vulnerabbli għall-isfruttament ta’ ħaddiema minħabba pressjonijiet tal-kostijiet u ktajjen ta’ sottokuntrattar kumplessi. Meta input, komponent jew servizz speċifiku li jkun essenzjali għat-twettiq tar-R&Ż fl-interess pubbliku jkun disponibbli biss minn operatur ekonomiku stabbilit f’pajjiż li ma jkollux aċċess għall-akkwist tar-R&Ż, jenħtieġ li x-xerrej pubbliku jkun jista’ jippermetti l-użu ta’ dak l-input, il-komponent jew is-servizz, inkluż permezz ta’ sottokuntrattar.

(7) Mingħajr ma jikkonsultaw is-suq, ix-xerrejja pubbliċi joħolqu riskju li jniedu proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż abbażi ta’ speċifikazzjonijiet tal-offerti li ma humiex adattati biżżejjed għall-kapaċitajiet reali tal-operaturi tas-suq, li jiffavorixxu soluzzjonijiet stabbiliti, jew li ma jipprovdux biżżejjed lok għal soluzzjonijiet innovattivi. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni biex jiġi żgurat li l-konsultazzjonijiet preliminari tas-suq jitwettqu b’mod trasparenti u aċċessibbli għall-pubbliku bi tħejjija għal tali proċeduri.

(8) In-negozjati, bil-possibbiltà ta’ negozjar fi stadji, jistgħu jippermettu lix-xerrejja pubbliċi jtejbu l-kwalità, l-effiċjenza u l-valur ġenerali tas-servizzi ta’ R&Ż akkwistati u r-riżultati maħsuba tagħhom, speċjalment meta s-suġġett ikun jeħtieġ adattament tad-dokumenti tal-akkwist għall-ħtiġijiet operazzjonali u tal-innovazzjoni jew l-ibbilanċjar ta’ kunsiderazzjonijiet strateġiċi oħra. Jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jiġu pprovduti bi flessibbiltà fakultattiva bħal din li tippermettilhom jiddeċiedu li jħallu ċerti elementi tad-dokumenti tal-akkwist miftuħa għan-negozjar, inkluża l-iskeda ta’ ħlasijiet jew il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim, u b’hekk jitneħħa wieħed mill-piżijiet ewlenin għall-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku.

(9) F’konformità mal-qafas legali internazzjonali u tal-UE għall-akkwist pubbliku, għall-akkwist tar-R&Ż, inkluż l-akkwist prekummerċjali, jista’ jinkludi l-produzzjoni u l-provvista limitati ta’ prototipi jew tal-ewwel prodotti, servizzi jew xogħlijiet sabiex jiġu inkorporati r-riżultati tal-ittestjar fuq il-post u jintwera li l-prodott, is-servizz jew ix-xogħol ikun adattat għall-produzzjoni jew għall-provvista fi kwantità sa standards ta’ kwalità aċċettabbli, u x-xerrejja pubbliċi jistgħu jiksbu s-sjieda ta’ dan is-sett

limitat ta' prototipi jew tal-ewwel prodotti, servizzi jew xogħlijiet li ġew żviluppati fuq talba tax-xerrej pubbliku matul u għal dak il-kuntratt partikolari tal-akkwist ta' servizzi tar-R&Ż. Matul akkwist ta' servizzi tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi ma jistgħux jiksbu sjieda ta' prototipi tal-ewwel prodotti, servizzi jew xogħlijiet li ma jkunux ġew żviluppati fuq talba tagħhom stess jew li jkunu ġew żviluppati għal kuntratti oħra. Biex tkun żgurata t-trasparenza għall-operaturi ekonomiċi, ir-regoli komuni għandhom jiżguraw li f'każ ta' akkwist tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi jispeċifikaw fid-dokumenti tal-akkwist jekk hux qed jinkludu l-possibbiltà li tinkiseb is-sjieda ta' dan is-sett limitat ta' prototipi żviluppati jew tal-ewwel prodotti, servizzi jew xogħlijiet.

(10) Għal ċerti prodotti, servizzi jew xogħlijiet li jeħtieġ li jiġu akkwistati wara akkwist tar-R&Ż għas-salvagwardja tal-interessi tas-sigurtà jew tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, inkluż biex jiġi evitat in-nuqqas ta' provvista għal teknoloġiji kritiċi, jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jkunu jistgħu jiżguraw meta jibdew akkwist tar-R&Ż li jkunu jistgħu jixtru, permezz ta' proċedura tal-akkwist separata, l-ammonti neċessarji ta' prodotti, ta' servizzi jew ta' xogħlijiet li jirriżultaw mill-akkwist tar-R&Ż. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet komuni jippermettu lix-xerrejja pubbliċi jinkludu fil-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż dispożizzjonijiet li jipprovdulhom dritt ta' prijorità sabiex jixtru volum jew valur predefinit ta' tali prodotti, servizzi jew xogħlijiet, qabel ma dawn jiġu offruti lil xerrejja potenzjali oħra. L-inklużjoni ta' dritt ta' prijorità għax-xiri f'kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż ma tagħtix lix-xerrejja pubbliċi d-dritt li jiffavorixxu lill-kuntratturi li pparteċipaw fl-akkwist tar-R&Ż f'xiri aktar tard ta' dawk il-prodotti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet. Kwalunkwe xiri bħal dan jeħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku.

(11) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku ma jestendux għall-operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni ma kkonkludietx ftehimiet kummerċjali li jiftħu s-suq tal-akkwist pubbliku tagħha. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' din il-ġurisprudenza u tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet komuni li jiftħu l-aċċess għall-akkwisti tar-R&Ż, b'mod ġenerali, biss għall-operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet kummerċjali li jiftħu s-suq tal-akkwist tar-R&Ż. Meta dan jirriżulta f'nuqqas ta' offerti jew f'kostijiet sproporzjonati, jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jitħallew jiftħu l-akkwist tar-R&Ż anke għal operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehimiet internazzjonali li jiftħu s-suq tal-akkwist pubbliku tagħha mingħajr impenji għall-ftuħ tas-suq tal-akkwist tar-R&Ż tagħha. Meta l-pajjiżi kandidati jkunu kkonkludew ftehim mal-Unjoni li jipprevedi l-aċċess għall-akkwist pubbliku, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn dawk il-pajjiżi jitqiesu bħala operaturi ekonomiċi li jaqgħu taħt l-Artikolu 11, il-paragrafu 4, ta' dan ir-Regolament, f'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim rilevanti. Dan l-approċċ jirrifletti l-perspettiva tat-tkabbir u l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati fis-suq intern tal-Unjoni, u huwa maħsub biex jappoġġa integrazzjoni ekonomika aktar mill-qrib, iħeġġeġ l-allinjament regolatorju, u jsaħħaħ l-applikazzjoni tar-regoli u tal-istandards tal-Unjoni fil-viċinat immedjat tagħha. Fejn ikun ġustifikat mill-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jkunu jistgħu jirrestriġu ulterjorment l-aċċess għall-akkwisti tar-R&Ż biss għall-operaturi ekonomiċi li jkunu joriġinaw mill-Istati Membri u li ma jkunux soġġetti għall-kontroll ta' pajjiż terz. Meta proċedura tal-akkwist tar-R&Ż tkun appoġġata mill-Unjoni skont programmi u strumenti tal-Unjoni, inklużi proġetti pilota jew azzjonijiet preparatorji,

jenħtieġ li jiġi ċċarat li x-xerrejja pubbliċi jridu jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonijiet marbuta mal-appoġġ tal-Unjoni anke f'każijiet li fihom dawn il-kundizzjonijiet jikkomplementaw jew jidderogaw mir-regoli stabbiliti skont dan ir-Regolament

(12) Huma neċessarji regoli ċari u uniformi dwar id-determinazzjoni tal-oriġini biex jiġu żgurati l-applikazzjoni effettiva u konsistenti tal-kopertura internazzjonali u l-aċċess għad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist tar-R&Ż fil-proċeduri kollha tal-akkwist tar-R&Ż. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ta' oriġini għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-aċċess għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż stabbiliti hawnhekk.

(13) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiġu esklużi mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż fejn ikunu nstabu ħatja b'sentenza finali għal reati serji definiti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-miżuri ta' awtotindif ma jkunux permessi għal raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni, filwaqt li għal raġunijiet fakultattivi ta' esklużjoni, li huma relatati mal-affidabbiltà tal-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li dawk l-operaturi jkunu jistgħu juru l-affidabbiltà tagħhom permezz ta' miżuri ta' awtotindif. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li titqies kif xieraq kwalunkwe kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi bl-għan li jiġu ċċarati l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jżidux raġunijiet oħra għall-esklużjoni abbażi ta' kriterji relatati mas-sitwazzjoni professjonali tal-offerent: madankollu, jenħtieġ li dan ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jżidu raġunijiet leġittimi oħra għall-esklużjoni, bħal dawk immirati lejn il-prevenzjoni jew l-indirizzar ta' theddid għas-sigurtà nazzjonali.

(14) Biex ikunu żgurati opportunitajiet indaqs għall-operaturi ekonomiċi kollha madwar l-Unjoni, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli komuni li jipprevedu li x-xerrejja pubbliċi ma jużawx raġunijiet għall-esklużjoni, kriterji tal-għażla u rekwiżiti ta' garanzija finanzjarja fil-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż li jkunu sproporzjonati għall-ambitu u n-natura tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż. Meta jkun hemm bżonn jintużaw raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni, jenħtieġ li l-użu tal-kriterji tal-għażla u tar-rekwiżiti ta' garanzija finanzjarja jibqa' fakultattiv u jenħtieġ li ma jintużax meta ma jkunx meħtieġ, ħalli jkunu żgurati eżiti tajbin għall-akkwist tar-R&Ż. Jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi ma jirrikjedux esperjenza minn qabel fil-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż bħala tali, sakemm din ma tkunx strettament ġustifikata min-natura tas-servizzi tar-R&Ż ikkonċernati, u jenħtieġ li jevitaw ukoll rekwiżiti amministrattivi u finanzjarji eċċessivi li jistgħu jeskludu bla bżonn lill-intrapriżi innovattivi mill-opportunitajiet tal-akkwist tar-R&Ż. Meta jkunu meħtieġa rekwiżiti minimi ta' kapaċità finanzjarja, jenħtieġ li ma jiġux skwalifikati startups jew scaleups innovattivi li ma jkollhomx rekord ta' rapporti ta' fatturat jew finanzjarji iżda li jkunu teknikament u finanzjarjament vijabbli peress li jkollhom riżorsi finanzjarji oħra bħal investimenti ta' kapital ta' riskju jew assi tal-proprjetà intellettwali ta' valur. Meta jkunu meħtieġa garanziji finanzjarji, jenħtieġ li dawn jitnaqqsu għal startups, għall-iscaleups u għall-SMEs innovattivi, u jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jnaqqsu jew jirrilaxxaw il-garanziji finanzjarji f'waqthom ladarba ma jibqgħux ġustifikati.

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-innovazzjoni tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tas-servizzi pubbliċi u għat-tisħiħ tal-awtonomija strateġika, fl-akkwist tar-R&Ż, jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi japplikaw kriterji tal-għoti u kriterji ta' monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt ibbażati fuq l-impatt tal-kwalità u tal-innovazzjoni tal-offerta aktar milli fuq il-prezz waħdu. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni dwar kif jenħtieġ li jiġu fformulati kriterji bħal dawn sabiex jiqties il-valur miżjud tal-offerta

għas-suq intern. Jenħtieġ li l-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż jingħataw abbażi tal-metodu tal-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi ponderazzjoni minima ta' 50% għall-kriterji tal-kwalità u ponderazzjoni minima ta' 15% għall-kriterji tal-għoti relatati mal-innovazzjoni fil-fażi tal-għoti.

(16) Rekwiżiti dettaljati żżejjed spiss jikkontribwixxu għat-tnaqqis bla bżonn tal-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi u jistgħu jfixklu l-innovazzjoni. Sabiex jiġu ffaċilitati s-swieq kompetittivi tal-akkwist tar-R&Ż, jenħtieġ li, bħala regola ġenerali, il-karatteristiċi tas-servizzi tar-R&Ż li jkunu soġġetti għall-akkwist tar-R&Ż jiġu abbozzati billi tingħata preferenza lir-rekwiżiti funzjonali u, fejn meħtieġ, lir-rekwiżiti ta' prestazzjoni minflok billi jitfasslu rekwiżiti preskrittivi. Dan jista' jinkludi l-ispeċifikazzjoni ta' liema funzjonalitajiet l-ittestjar għandu jkollu bħala minimu, bħall-ittestjar tat-tagħbija jew l-istress test, jew l-ebda wieħed minnhom jew it-tnejn li huma f'daqqa. Dan jista' jinkludi wkoll liema prestazzjoni għandu jkollhom ir-riżultati maħsuba tal-ittestjar, pereżempju x'għandu jkun il-livell ta' akkuratezza meħtieġ tad-data tat-test li għandha tiġi prodotta mill-ittestjar.

(17) Li l-kuntratturi jitħallew iżommu s-sjieda tal-PI tagħhom jattira aktar offerti ta' kwalità u aħjar għall-akkwisti tar-R&Ż u jiffranka l-kostijiet tar-reġistrazzjoni, tal-manutenzjoni u tal-litigazzjoni tal-PI għax-xerrejja pubbliċi. Dan jippermetti wkoll lill-kuntratturi jikkummerċjalizzaw ir-riżultati tar-R&Ż tagħhom u jbigħu prodotti u servizzi żviluppati lis-suq permezz ta' ekonomiji ta' skala. Jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jkunu jistgħu jżommu l-libertà tagħhom li joperaw u jipprevjenu l-intrappolament tal-forniturі billi jiksbu drittijiet xierqa biex jużaw ir-riżultati tar-R&Ż għalihom infushom u għall-kuntratturi l-oħra tagħhom. Meta l-kuntratturi jonqsu milli jikkummerċjalizzaw ir-riżultati tar-R&Ż jew jabbużaw mir-riżultati tar-R&Ż għall-kuntrarju tal-interess pubbliku, jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jkunu jistgħu jirrikorru għal-liċenzjar jew għat-trasferiment tar-riżultati tar-R&Ż tal-kuntratturi, u madankollu jenħtieġ li dan isir biss f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli u ma' obbligi internazzjonali oħra dwar il-PI sabiex il-kuntratturi ma jiġux imċaħħda mid-drittijiet tal-PI tagħhom b'mod indebitu. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni biex jitħeġġeġ li fl-akkwist tar-R&Ż, ir-riskji u l-benefiċċji relatati mar-riżultati u mad-drittijiet tal-PI jiġu kondiviżi bejn ix-xerrejja pubbliċi u l-kuntratturi skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Jenħtieġ li l-akkwisti tar-R&Ż li ma humiex akkwisti prekummerċjali jkunu jistgħu jidderogaw mill-kondiviżjoni tar-riskji u tal-benefiċċji skont kundizzjonijiet tas-suq li jippermettu lix-xerrejja pubbliċi jakkwistaw is-sjieda tad-drittijiet tal-PI ġġenerati mill-kuntratturi, f'każijiet debitament ġustifikati ta' interessi pubbliċi prevalenti.

(18) Huwa neċessarju li jiġu ċċarati ċerti aspetti relatati mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt li għandhom rabta mill-qrib mal-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż innifisha, inklużi l-pagamenti, it-terminazzjoni tal-kuntratti, u l-modifiki tal-kuntratti. Il-pagamenti f'waqthom u l-użu xieraq ta' pagamenti bil-quddiem huma importanti biex jiġu mminimizzati l-impatt negattiv fuq il-likwidità u l-ikkumplikar tal-ġestjoni finanzjarja tal-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li jiġu ddefiniti l-obbligi biex jiġu tterminati kuntratti li jkunu għaddejjin għall-prevenzjoni ta' ksur tal-obbligi tat-Trattat jew tar-raġunijiet għall-esklużjoni. Minbarra li jkomplu jippermettu lix-xerrejja pubbliċi jimmodifikaw il-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż għal sitwazzjonijiet li kienu previsti sa mill-bidu nett, jenħtieġ li jiġi ċċarat kif il-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż ikunu jistgħu jiġu mmodifikati f'kundizzjonijiet mhux previsti. Jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jippermettu applikazzjoni aħjar f'sitwazzjonijiet li jiġġustifikaw modifika mingħajr ma

jniedu proċedura ġdida tal-akkwist tar-R&Ż. Madankollu, jenħtieġ li l-valur tal-modifiki meta mqabbel mal-kuntratt oriġinali tal-akkwist tar-R&Ż jitqies biss bħala limitu għall-pubblikazzjoni *ex ante* u għar-rieżami potenzjali biex jiġi miġġieled l-użu ħażin potenzjali.

(19) Huwa neċessarju li tiġi pprovduta ċertezza legali dwar kif ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jwettqu b'mod korrett l-inġinerija tal-valur fl-akkwist tar-R&Ż, peress li din tiġġenera ffrankar sinifikanti tal-kostijiet u titjib fil-kwalità għax-xerrejja pubbliċi[16] billi tippermetti l-flessibbiltà li jiġu mmodifikati l-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż sabiex jiġu inkorporati l-innovazzjonijiet emerġenti matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni biex jitrawwem l-użu tal-inġinerija tal-valur fl-akkwist tar-R&Ż, b'mod partikolari f'kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż ta' valur kbir fejn l-impatt potenzjali fuq il-kost jew fuq it-titjib fil-kwalità jkun l-aktar sinifikanti.

(20) L-akkwist minn diversi sorsi fl-akkwist tar-R&Ż jiffaċilita d-dħul fis-suq għal parteċipanti ġodda u jippermetti lix-xerrejja pubbliċi jnaqqsu l-kostijiet tar-R&Ż u r-riżultati maħsuba tiegħu billi jintroduċu kompetizzjoni fl-iżvilupp ("Żvilupp kompetittiv"). Dan jgħin ukoll lix-xerrejja pubbliċi jżommu katina tal-provvista kompetittiva wara l-akkwist tar-R&Ż u jnaqqas id-dipendenzi żejda fuq operaturi ekonomiċi individwali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-akkwist minn diversi sorsi fl-akkwist tar-R&Ż. Fir-rigward tal-akkwisti tar-R&Ż li ma humiex akkwisti prekummerċjali, jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jkunu jistgħu jidderogaw mill-użu tal-akkwist minn diversi sorsi, f'każijiet debitament ġustifikati ta' interessi pubbliċi prevalenti.

(21) L-organizzazzjoni ta' żvilupp kompetittiv f'fażijiet tippermetti wkoll lix-xerrejja pubbliċi jnaqqsu l-għadd ta' kuntratturi wara kull fażi ta' R&Ż, li jnaqqas ir-riskji tar-R&Ż u tal-investiment għax-xerrejja pubbliċi. Approċċ f'fażijiet jippermetti wkoll lill-kuntratturi jkabbru n-negozju tagħhom tul il-kompiti u d-daqsijiet tal-kuntratti li jikbru ta' fażijiet suċċessivi ta' R&Ż, li jkompli jnaqqas id-dħul fis-suq għall-intrapriżi iżgħar u għall-parteċipanti ġodda. Approċċ gradwali jista' jgħin ukoll biex jittejjeb l-appoġġ għar-riċerka industrijali u għall-iżvilupp sperimentali, sabiex jitnaqqas id-distakk persistenti bejn l-eċċellenza xjentifika u l-implimentazzjoni industrijali fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-iżvilupp kompetittiv f'fażijiet fl-akkwist tar-R&Ż. Fir-rigward tal-akkwisti tar-R&Ż li ma humiex akkwisti prekummerċjali, jenħtieġ li x-xerrejja pubbliċi jkunu jistgħu jidderogaw mill-użu tal-iżvilupp kompetittiv f'fażijiet, f'każijiet debitament ġustifikati ta' interessi pubbliċi prevalenti.

(22) Il-protezzjoni insuffiċjenti tal-informazzjoni kunfidenzjali u tad-data personali fl-akkwist tar-R&Ż tista' tagħmel ħsara lit-tkabbir tan-negozju tal-kuntrattur, lis-sikurezza tas-servizzi pubbliċi u lid-drittijiet fundamentali tal-partijiet terzi li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' R&Ż. Għalhekk, jenħtieġ li la x-xerrejja pubbliċi u lanqas il-kuntratturi ma jiddivulgaw informazzjoni kunfidenzjali pprovduta lilhom fil-kuntest tal-akkwist tar-R&Ż. Sabiex jiġi żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirrestriġu wkoll il-lokalizzazzjoni tad-data personali u l-aċċess għat-tali data personali li tiġi pproċessata fl-akkwisti tar-R&Ż fl-Unjoni, f'konformità mal-limitazzjonijiet fuq it-trasferiment ta' data personali barra

[16] Ir-rapport espert indipendenti, "Overcoming legal barriers for the uptake of innovation procurement in the EU", Mejju 2026, https://data.europa.eu/doi/10.2777/4586624

mill-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [17] u fid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [18].

(23) Jistgħu jirriżultaw kunsiderazzjonijiet relatati mas-sigurtà u mas-sikurezza pubblika f'firxa wiesgħa ta' proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż, inklużi setturi esterni tad-difiża u tas-sigurtà sensittivi. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għax-xerrejja pubbliċi dwar il-valutazzjoni u l-indirizzar ta' riskji bħal dawn fid-disinn u fit-twettiq tal-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż u fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

(24) Hemm interess akbar mix-xerrejja pubbliċi fi Stati Membri differenti li jikkooperaw fl-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist tagħhom fir-R&Ż. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-akkwist konġunt biex jingħelbu l-ostakli li x-xerrejja pubbliċi jiffaċċjaw daż-żmien minħabba regoli nazzjonali frammentati biex jorganizzaw l-akkwist tar-R&Ż b'mod kollaborattiv, kemm tramite l-korpi ċentrali tal-akkwist kif ukoll bl-akkwist konġunt, inkluż bejn il-fruntieri. Hemm ukoll interess akbar tax-xerrejja pubbliċi fl-Istati Membri biex jikkollaboraw mal-entitajiet tal-Unjoni dwar l-akkwist tar-R&Ż. Peress li ħafna mid-dispożizzjonijiet il-ġodda f'dan ir-Regolament huma utli wkoll għall-entitajiet tal-Unjoni iżda l-entitajiet tal-Unjoni ma humiex soġġetti għal dan ir-Regolament, ir-reviżjonijiet futuri tar-Regolament Finanzjarju tal-UE se jkollhom l-għan li jtejbu d-dispożizzjonijiet li jippermettu lill-istituzzjonijiet, lill-korpi jew lill-aġenziji tal-Unjoni jwettqu akkwist tar-R&Ż, inkluż l-akkwist prekummerċjali, għalihom infushom, b'mod konġunt ma' entitajiet oħra tal-Unjoni jew f'isimhom u b'mod konġunt max-xerrejja pubbliċi fl-Istati Membri jew f'isimhom.

(25) L-operaturi ekonomiċi jiffaċċjaw diffikultajiet fl-ingranaġġ tal-assi tal-PI biex jiksbu finanzjament tat-tkabbir minħabba n-nuqqas ta' approċċi konsistenti u affidabbli għall-valwazzjoni tal-assi intanġibbli, ta' swieq sekondarji strutturati għall-assi intanġibbli u ta' ħiliet dwar il-finanzjament appoġġat mill-PI. Għalhekk, jenħtieġ li fi ħdan l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("l-Uffiċċju") jiġi stabbilit Ċentru ta' Kompetenza biex jappoġġa l-finanzjament appoġġat mill-PI u l-kummerċjalizzazzjoni tal-PI biex jiżviluppa qafas volontarju tal-Unjoni għall-valwazzjoni u d-divulgazzjoni tad-drittijiet tal-PI, biex jistabbilixxi u jmantni pjattaforma diġitali multilingwi ta' tlaqqigħ għall-Unjoni kollha[19] li tiffaċilita tranżazzjonijiet trasparenti u effiċjenti tal-PI bejn l-investituri u d-detenturi tal-PI, u biex tappoġġa lill-komunità finanzjarja fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji li jkunu mfassla apposta għall-assi tal-PI permezz ta' appoġġ konsultattiv, servizzi ta' helpdesk u programmi ta' żvilupp tal-ħiliet. Jenħtieġ li l-aċċess għas-servizzi pprovduti miċ-Ċentru ta' Kompetenza jkun volontarju. Meta possibbli, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li juża l-Kartieri Ewropej tan-Negozju u jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jinteraġixxu għalkollox b'mod diġitali, sigur u effiċjenti permezz tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, jew b'mezzi elettroniċi oħra li jissodisfaw

---

[17] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, pp. 1–88, https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj/eng.

[18] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj)..

[19] L-għażliet tal-istrateġija għall-iżvilupp u l-akkwist tal-IT se jkunu soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel mill-Bord tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u taċ-Ċibersigurtà tal-Kummissjoni Ewropea.

ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li jkunu interoperabbli mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, ħalli l-proċeduri jkunu jistgħu jsiru diġitali għalkollox.

(26) Jenħtieġ li l-Uffiċċju jkun jista' jimponi imposti għal servizzi speċifiċi pprovduti permezz taċ-Ċentru ta' Kompetenza għall-benefiċċju individwali tal-utenti, f'konformità mal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]. Jenħtieġ li dawn it-tariffi jkunu trasparenti, mhux diskriminatorji u limitati għall-kost tas-servizz ipprovdut. Jenħtieġ li ċerti servizzi, inklużi l-aċċess għall-qafas ta' valwazzjoni volontarja, l-aċċess bażiku għall-pjattaforma diġitali ta' tlaqqigħ u l-helpdesk fil-livell tal-Unjoni, jibqgħu mingħajr ħlas.

(27) L-użu effettiv tal-qafas ta' valwazzjoni volontarju tal-Unjoni jirrikjedi valutazzjonijiet minn professjonisti kwalifikati, indipendenti u affidabbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Uffiċċju jistabbilixxi u jamministra skema ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-valwaturi tal-assi tal-proprjetà intellettwali.

(28) In-nuqqas ta' informazzjoni aċċessibbli u konsistenti madwar l-Unjoni dwar tranżazzjonijiet li fihom id-drittijiet tal-PI jintużaw bħala kollateral ifixkel it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet finanzjarji ġodda. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Uffiċċju, permezz taċ-Ċentru ta' Kompetenza, jikkoopera mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati rilevanti biex jiġbor u janalizza data mill-Unjoni kollha dwar tranżazzjonijiet kollateralizzati permezz tal-PI, filwaqt li jiżgura salvagwardji xierqa għas-sigrieti kummerċjali u għad-data personali.

(29) Il-kompiti mogħtija lill-Uffiċċju b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu riflessi f'taqsima separata tal-programm strateġiku pluriennali u l-programm ta' ħidma annwali tiegħu, li tistabbilixxi l-objettivi, l-attivitajiet, ir-riżultati mistennija, l-indikaturi tal-prestazzjoni u r-riżorsi stmati rilevanti. Ir-rapport annwali tal-attività jenħtieġ li jkun fih valutazzjoni korrispondenti tal-implimentazzjoni, tar-riżorsi użati u tad-dħul mit-tariffi.

(30) Ir-Regolament (UE) 2017/1001 jistabbilixxi l-Uffiċċju u l-kompiti tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi emendat biex jirrifletti l-kompiti l-ġodda fdati lill-Uffiċċju.

(31) Sabiex jitqies l-iżvilupp teknoloġiku u jinżamm qafas effiċjenti ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tal-innovazzjoni fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn: is-supplimentar ta' dan ir-Regolament bl-esklużjoni ta' offerti li joriġinaw minn pajjiż terz li jkun naqas milli jipprovdi trattament nazzjonali relatat mal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni fl-akkwist tar-R&Ż li jmur kontra l-impenji tiegħu dwar l-akkwist pubbliku fi ftehim internazzjonali mal-Unjoni; l-emendar tal-lista tal-każijiet meta x-xerrejja pubbliċi jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx kondiviżjoni tar-riskji u tal-benefiċċji, li ma japplikawx akkwist mingħand diversi sorsi jew li ma japplikawx l-iżvilupp kompetittiv f'fażijiet. jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji, kriterji tal-għażla, kriterji tal-għoti jew klawżoli dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt biex jindirizzaw interess speċifiku identifikat tas-sigurtà u tas-

[20] Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1001/oj).

sikurezza pubblika tal-Unjoni għal kategoriji speċifiċi ta' servizzi tal-akkwist tar-R&Ż jew għar-riżultati maħsuba tagħhom. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[21]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(32) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u ta' mudelli għall-qafas volontarju tal-Unjoni għall-valwazzjoni u d-divulgazzjoni tad-drittijiet tal-PI; standards tekniċi komuni, rekwiżiti tal-interoperabbiltà u speċifikazzjonijiet operazzjonali ta' pjattaforma diġitali ta' tlaqqigħ; u kundizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni għall-valwaturi tal-proprjetà intellettwali. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(33) Meta s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi ddelegata lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(34) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(35) Dan ir-Regolament jenħtieġ ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 101, 102 u 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jintużawx biex jirrestrinġu jew ixekklu l-kompetizzjoni b'mod li jmur kontra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[21] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu 1
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għat-twettiq tal-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp ("akkwist tar-R&Ż") inkluż qafas armonizzat tal-Unjoni għall-akkwist konġunt tar-R&Ż.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll Ċentru ta' Kompetenza fl-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea u jistabbilixxi l-kompiti tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali.

Artikolu 2

Ambitu

1. Soġġett għall-paragrafu 3, il-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament japplika għall-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp minn xerrejja pubbliċi b'valur nett tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) stmat li jkun ugwali għall-ammont stabbilit fl-Artikolu 4(c) tad-Direttiva 2014/24/UE jew akbar minnu.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, u soġġett għall-paragrafu 3, il-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament japplika għall-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp minn xerrejja pubbliċi, li jkunu aġenziji tal-innovazzjoni, b'valur nett mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) stmat li jkun ugwali għall-ammont stabbilit fl-Artikolu 15(a) tad-Direttiva 2014/25/UE jew akbar minnu, dment li:

   (a) l-aġenzija tal-innovazzjoni taġixxi skont il-mandat tagħha stess u mhux sempliċiment f'isem xerrej pubbliku ieħor;

   (b) l-akkwist tas-servizzi tar-riċerka u l-iżvilupp jkun jirrispetta l-prinċipji tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trattament ugwali.

3. Il-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament ma japplikax għal:

   (a) l-akkwist pubbliku li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;

   (b) l-akkwist pubbliku li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE;

   (c) l-akkwist pubbliku li huwa eskluż mid-Direttiva 2009/81/KE bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

4. Il-Kapitolu 3 japplika għall-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "**akkwist ta' servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp ("akkwist tar-R&Ż")** tfisser l-akkwist ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali u ta' żvilupp sperimentali sal-iżvilupp oriġinali, fejn

(a) l-iżvilupp oriġinali tal-ewwel prodott, servizz jew xogħol jista' jinkludi produzzjoni jew provvista limitata sabiex jiġu inkorporati r-riżultati tal-ittestjar fuq il-post u sabiex jintwera li l-prodott, is-servizz jew ix-xogħol ikkonċernat ikun xieraq għall-produzzjoni jew għall-provvista fi kwantità għal standards tal-kwalità aċċettabbli, iżda ma għandux jinkludi l-produzzjoni jew il-provvista ta' kwantità sabiex tiġi stabbilita l-vijabbiltà kummerċjali jew sabiex jiġu rkuprati l-kostijiet tar-riċerka u tal-iżvilupp.

(b) l-akkwist ta' servizzi tar-riċerka u tal-iżvilupp jista' jinkludi l-kisba ta' sjieda ta' prototipi jew tal-ewwel prodotti, servizzi jew xogħlijiet li jiġu żviluppati fuq talba tax-xerrej pubbliku matul u għal kuntratt partikolari tal-akkwist tar-R&Ż, iżda ma għandux jinkludi l-implimentazzjoni kummerċjali ta' prodotti finali, ta' servizzi jew ta' xogħlijiet;

(2) "**akkwist prekummerċjali**" tfisser l-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp li jinvolvi l-kondiviżjoni tar-riskji u tal-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq, u l-iżvilupp kompetittiv f'fażijiet.

(3) "**xerrej pubbliku**" tfisser awtorità kontraenti kif definita fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/23/UE, fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE, fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jew entità kontraenti kif definita fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2014/23/UE u skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE;

(4) **"aġenzija tal-innovazzjoni"** tfisser aġenzija speċjalizzata li l-kompitu statutorju prinċipali tagħha huwa l-finanzjament jew l-akkwist tar-riċerka u tal-iżvilupp;

(5) "**Kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż**" tfisser kuntratt konkluż bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u xerrej pubbliku wieħed jew aktar u li għandu bħala s-suġġett tiegħu l-provvista ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(6) **"offerent"** tfisser attur ekonomiku li jkun ippreżenta offerta;

(7) "**kuntrattur**" tfisser operatur ekonomiku li jkun ingħata kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż;

(8) **"kodiċijiet tal-vokabularju komuni tal-akkwist (CPV) għas-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp" tfisser** il-kodiċijiet skont id-Diviżjoni 73 tal-Vokabolarju Komuni dwar l-akkwist stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2008[22].

(9) "**operatur ekonomiku**" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuni u/jew entitajiet bħal dawn, inkluża kwalunkwe assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi, li joffru l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, il-forniment ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi fis-suq;

---

[22] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 213/2008 tat-28 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE u 2004/18/KE dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fir-rigward tar-reviżjoni tas-CPV (*ĠU L 74*, 15.3.2008, *p. 1*, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/213/oj).

(10) “**dokument tal-akkwist**” tfisser kwalunkwe dokument prodott jew li ssir referenza għalih mix-xerrej pubbliku sabiex jiddeskrivi jew jiddetermina elementi tal-akkwist jew tal-proċedura, inkluż l-avviż dwar kuntratt, l-avviż ta’ informazzjoni minn qabel fejn dan jintuża bħala mezz ta’ sejħa għall-kompetizzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, id-dokument deskrittiv, il-kondizzjonijiet proposti tal-kuntatt, il-formats għall-preżentazzjoni tad-dokumenti mill-offerenti, informazzjoni dwar l-obbligi applikabbli b’mod ġenerali u kwalunkwe dokument addizzjonali;

(11) “**akkwist minn diversi sorsi**” tfisser akkwist tar-R&Ż li bih xerrej pubbliku wieħed jew aktar jagħtu kuntratti multipli tal-akkwist tar-R&Ż b’mod parallel lil operaturi ekonomiċi multipli u jinkarigawhom bl-eżekuzzjoni ta’ servizzi ta’ R&Ż identiċi jew kważi identiċi li jridu jitwettqu b’mod parallel;

(12) “**informalità jew irregolarità minuri ta’ offerta**” tfisser difett oġġettivament identifikabbli f’offerta li huwa purament formali fin-natura tiegħu u ma jikkonċernax element essenzjali tal-offerta, li l-korrezzjoni jew il-kjarifika tiegħu ma tirriżultax f’modifika tal-offerta, ma tammontax għas-sottomissjoni ta’ offerta ġdida, u ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni u ma tiksirx il-prinċipji ta’ trattament ugwali u trasparenza;

(13) **“Innovazzjoni**” tfisser l-implimentazzjoni ta’ prodott, servizz, xogħol jew proċess, metodu ta’ kummerċjalizzazzjoni, jew metodu organizzazzjonali ġdid jew imtejjeb b’mod sinifikanti fil-prattiki tan-negozju, fl-organizzazzjoni tal-post tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet esterni;

(14) “**SME**” tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta’ daqs medju kif definita fl-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[23];

(15) “**startup innovattiva**” tfisser, għall-finijiet ta’ dan l-Att u mingħajr ma tali definizzjoni ssir vinkolanti għal skopijiet oħra, intrapriża li tissodisfa l-kriterji ta’ startup innovattiva stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/720[24];

(16) **“scaleup innovattiva”** tfisser, għall-finijiet ta’ dan l-Att u mingħajr ma tali definizzjoni ssir vinkolanti għal skopijiet oħra, intrapriża li tissodisfa l-kriterji ta’ scaleup innovattiva stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/720;

(17) **“intrapriża innovattiva”** tfisser, għall-finijiet ta’ dan l-Att u mingħajr ma tali definizzjoni ssir vinkolanti għal skopijiet oħra, intrapriża li tissodisfa l-kriterji ta’ intrapriża innovattiva stabbiliti fil-punt 2.1 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/720;

(18) “**sitwazzjoni ta’ emerġenza**” tfisser tfixkil f’daqqa, mhux mistenni u serju fl-operazzjonijiet ekonomiċi, li jinvolvi nuqqasijiet ta’ prodotti, xogħlijiet jew servizzi kritiċi, volatilità estrema tal-prezzijiet, jew diżaggregazzjonijiet tal-katina tal-provvista li jeħtieġu azzjoni immedjata biex tiġi evitata aktar ħsara lill-ekonomija, lin-negozji jew lill-konsumaturi fl-Unjoni;

---

[23] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta’ intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

[24] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/720 tat-18 ta’ Marzu 2026 dwar id-definizzjoni ta’ intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi (ĠU L, 2026/720, 24.03.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2026/720/oj).

(19) "**rekwiżit funzjonali**" tfisser rekwiżit li jiddeskrivi l-funzjonijiet li għandhom jitwettqu, mingħajr ma jiġu prestabbiliti l-mezzi tekniċi, id-disinn, is-soluzzjoni jew il-metodi speċifiċi li bihom għandhom jinkisbu dawk il-funzjonijiet;

(20) "**rekwiżit ta' prestazzjoni**" tfisser rekwiżit li jiddefinixxi l-prestazzjoni jew l-eżiti li għandhom jinkisbu, inklużi kriterji tal-verifika tal-konformità, mingħajr ma jiġu preskritti l-mezzi tekniċi, it-tfassil, is-soluzzjoni jew il-metodi speċifiċi li bihom għandhom jinkisbu dawk l-eżiti;

(21) "**rekwiżit tat-tfassil**" tfisser rekwiżit li jiddefinixxi f'dettall il-karatteristiċi tekniċi li jistabbilixxu kif għandhom jitfasslu l-prodotti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li jiġu żviluppati fuq it-talba tax-xerrej pubbliku matul u għal kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż partikolari, inklużi l-materjali, id-dimensjonijiet, u s-soluzzjonijiet, il-metodi jew il-proċessi li għandhom jintużaw;

(22) "**riżultati**" tfisser kwalunkwe eżitu tanġibbli jew intanġibbli ta' attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, bħal data, għarfien jew kompetenzi, fi kwalunkwe forma jew natura, kemm jekk jistgħu jiġu protetti kif ukoll jekk le, kif ukoll kwalunkwe dritt marbut ma' tali eżiti, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, li jiġu ġġenerati, kompletament jew parzjalment, permezz ta' attivitajiet imwettqa skont il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż;

(23) **"inġinerija tal-valur"** tfisser teknika użata mix-xerrejja pubbliċi sabiex jirrikjedu jew jippermettu lill-kuntratturi jinnovaw matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż sabiex joħolqu valur addizzjonali għax-xerrej pubbliku li jtejjeb il-prestazzjoni, il-kwalità, il-kost jew il-karatteristiċi tas-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp mogħtija u kwalunkwe prototip, l-ewwel prodott, servizz jew xogħol li jiġi żviluppat matul u għal kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż partikolari, u sabiex jiġi kondiviż kwalunkwe ffrankar li jirriżulta miftiehem bejn ix-xerrej pubbliku u l-kuntrattur;

(24) "**proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur**" tfisser proposta sottomessa minn kuntratturi matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż biex jittejbu s-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp mogħtija u kwalunkwe prototip, l-ewwel oġġett, servizz jew xogħol li jiġi żviluppat matul u għal kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż partikolari jew biex jiġu ssostitwiti dawk is-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp jew il-prototipi, is-servizzi jew ix-xogħlijiet b'oħrajn li jinkorporaw avvanzi jew innovazzjonijiet teknoloġiċi, u li jistgħu jinvolvu s-sostituzzjoni jew iż-żieda ta' sieħeb ta' konsorzju jew ta' sottokuntrattur ġdid;

(25) "**klawżola tal-inġinerija tal-valur**" tfisser klawżola kuntrattwali f'kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż li tiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tax-xerrej, tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi rigward kif għandha tiġi applikata l-inġinerija tal-valur skont dak il-kuntratt;

(26) "**teknoloġiji kritiċi**" tfisser it-teknoloġiji fl-oqsma kritiċi tat-teknoloġija elenkati fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2113[25];

(27) "**materja prima kritika**" tfisser materja prima elenkata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26];

---

[25] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2113 tat-3 ta' Ottubru 2023 dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri (ĠU L, 2023/2113, 11.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/2113/oj)

(28) **“entitajiet pubbliċi u privati fl-oqsma tal-finanzi u tal-assigurazzjoni”** tfisser awtoritajiet pubbliċi, korpi tas-settur pubbliku, impriżi pubbliċi u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra attivi fil-forniment, fil-finanzjament, fir-regolamentazzjoni, fis-superviżjoni jew fl-intermedjazzjoni ta’ servizzi finanzjarji, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (120), tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27].

Kapitolu 2
AKKWIST TA’ SERVIZZI TA’ RIĊERKA U ŻVILUPP

TAQSIMA 1
PROĊEDURA TAL-AKKWIST TAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP U EŻEKUZZJONI TAL-KUNTRATT

Artikolu 4

Prinċipji ġenerali

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom iwettqu l-akkwist tar-R&Ż f’konformità mar-regoli stabbiliti f’dan ir-Regolament. Ix-xerrejja pubbliċi u l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jevitaw jew jippruvaw jevitaw l-obbligi stabbiliti f’dan ir-Regolament.

2. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b’mod trasparenti u proporzjonat. L-akkwist tar-R&Ż ma għandux jitfassal bl-intenzjoni li jiġi eskluż mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament jew li jirrestrinġi l-kompetizzjoni b’mod artifiċjali. Il-kompetizzjoni għandha titqies ristretta artifiċjalment meta t-tfassil tal-akkwist tar-R&Ż isir bl-intenzjoni li jagħti vantaġġ jew żvantaġġ indebitu lil ċerti operaturi ekonomiċi.

3. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jfasslu d-dokumenti tal-akkwist u jwettqu l-akkwist tar-R&Ż, inklużi l-attivitajiet ta’ konsultazzjoni mas-suq, tal-offerti u ta’ eżekuzzjoni tal-kuntratt, bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni u jistgħu jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu feedback ta’ konsultazzjoni tas-suq, offerti, riżultati u kwalunkwe skambju ta’ komunikazzjoni ieħor matul l-akkwist bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

4. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiżguraw b’mezzi elettroniċi li l-operaturi ekonomiċi li jkollhom aċċess għall-proċedura tal-akkwist ikollhom aċċess mingħajr restrizzjonijiet u dirett sħiħ mingħajr ħlas għal kwalunkwe komunikazzjoni elettronika u għad-dokumenti tal-akkwist, inklużi d-dokumenti mħejjija mix-xerrejja pubbliċi għal konsultazzjoni tas-suq, sa tliet snin wara l-għoti tal-kuntratt tal-akkwist

---

[26] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj)

[27] Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/83/oj)

tar-R&Ż. Meta għal ċerti partijiet ta' dawn id-dokumenti ma jkunx jista' jiġi pprovdut l-aċċess b'mezzi elettroniċi, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jindikaw kif dawn il-partijiet tad-dokumenti se jsiru disponibbli b'mezzi oħra għajr dawk elettroniċi. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom iwettqu l-komunikazzjoni diretta kollha għall-akkwist tar-R&Ż meta possibbli permezz tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew b'mezzi elettroniċi alternattivi li jkunu interoperabbli mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.

5. Fil-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż li jeħtieġu pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jużaw il-formoli standard applikabbli għall-avviżi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1780[28].

6. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li, fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż, l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli relatati mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kif stabbilit bid-dritt tal-Unjoni, bid-dritt nazzjonali, jew bi ftehimiet kollettivi u bid-dritt ambjentali, soċjali u tax-xogħol internazzjonali.

   F'każijiet fejn ikun hemm obbligi kif imsemmija fis-subparagrafu 1, ix-xerrejja pubbliċi għandhom ifasslu u jeżegwixxu l-akkwist tar-R&Ż tagħhom b'mod li jqis il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari:

   (a) it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni permezz ta' suq intern b'saħħtu, it-tnaqqis tad-diskrepanza fl-innovazzjoni u t-tisħiħ tal-bażi industrijali u tal-manifattura tal-Unjoni;

   (b) il-kisba tal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni;

   (c) l-insegwiment ta' soċjetà ġusta u inklużiva;

   (d) is-sikurezza ekonomika, is-sigurtà, ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz ta' indipendenza strateġika.

Artikolu 5

Operaturi ekonomiċi

1. Ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx jeżiġu li l-operaturi ekonomiċi jkollhom forma ġuridika speċifika biex jipparteċipaw fil-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż.

2. L-operaturi ekonomiċi li, skont il-liġi tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, ikunu intitolati li jipprovdu s-servizz rilevanti ta' R&Ż, ma għandhomx jiġu rrifjutati unikament minħabba r-raġuni li, skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jingħata l-kuntratt, l-operatur ekonomiku kien ikun meħtieġ li jkun persuni fiżika jew ġuridika.

3. Fil-każ ta' servizzi ta' R&Ż, ta' xogħlijiet jew ta' operazzjonijiet ta' għażla tas-sit u ta' installazzjoni, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirrikjedu li qabel il-bidu tal-eżekuzzjoni tal-kompiti kkonċernati l-persuni ġuridiċi jindikaw l-ismijiet u l-

[28] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1780 tat-23 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 ("Formuli Elettroniċi") (ĠU L 272, 25.10.2019, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1780/oj).

kwalifiki rilevanti tal-persunal responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni.

Artikolu 6

Gruppi ta' operaturi ekonomiċi

4. Ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx jiddefinixxu l-kriterji tal-għażla skont l-Artikolu 15 għal gruppi ta' operaturi ekonomiċi li jvarjaw minn dawk għal operaturi ekonomiċi individwali sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor f'dan l-Artikolu.

   Il-gruppi tal-operaturi ekonomiċi għandhom jitqiesu li jissodisfaw kriterju tal-għażla meta:

   (a) operatur ekonomiku wieħed fil-grupp ikollu l-abbiltà teknika u professjonali jew il-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja neċessarja; jew,

   (b) meta tali abbiltà jew pożizzjoni tkun tista' tiġi stabbilita billi tiġi kkombinata l-abbiltà teknika u professjonali rilevanti jew il-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja minn żewġ membri jew aktar tal-grupp, sakemm tali kombinazzjoni ma tiksibx l-istess livell ta' abbiltà jew ta' pożizzjoni.

5. Meta jkunu ġustifikati min-natura tal-kuntratt u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu

   (a) jidderogaw mill-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a) jew (b) għall-kriterji tal-għażla rilevanti għal ċerti kompiti kritiċi;

   (b) jirrikjedu li ċerti kompiti kritiċi jitwettqu direttament mill-membru tal-grupp li jissodisfa l-kriterju tal-għażla rilevanti għal dak il-kompitu.

   Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jidentifikaw il-kompiti kritiċi u r-rekwiżiti relatati, filwaqt li jindikawhom b'mod ċar u l-ġustifikazzjoni tagħhom fid-dokumenti tal-akkwist.

6. Il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż minn gruppi jistgħu jitħallew ivarjaw biss minn dawk imposti fuq operaturi ekonomiċi individwali, meta dan ikun iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi, proporzjonati u indikati b'mod ċar fid-dokumenti tal-akkwist.

7. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom, ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx jirrikjedu li l-gruppi ta' operaturi ekonomiċi jassumu forma ġuridika speċifika ladarba jkunu ngħataw il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

8. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jagħtu kunsiderazzjoni partikolari biex ma joħolqux ostakli mhux ġustifikati jew sproporzjonati relatati mad-daqs tal-operaturi ekonomiċi li jipparteċipaw fi grupp, b'mod partikolari għall-SMEs, għall-istartups innovattivi u għall-iscaleups innovattivi.

Artikolu 7

Dipendenza fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra

1. Fir-rigward tal-kriterji tal-għażla kif stabbiliti skont l-Artikolu 15, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jibbażaw fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura legali tar-rabtiet li jkollhom magħhom.

2. Ix-xerrej pubbliku għandu jivverifika jekk l-entitajiet li fuq il-kapaċità tagħhom l-operatur ekonomiku jkollu l-ħsieb li jibbaża jissodisfaw il-kriterji tal-għażla rilevanti u jekk hemmx raġunijiet għall-esklużjoni tagħhom.

3. Ix-xerrej pubbliku għandu jirrikjedi li l-operatur ekonomiku jissostitwixxi entità li ma tkunx tissodisfa l-kriterji tal-għażla rilevanti, jew li fir-rigward tagħha jkun hemm raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni. Ix-xerrej pubbliku għandu jirrikjedi li l-operatur ekonomiku jissostitwixxi entità li fir-rigward tagħha jkun hemm raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni.

4. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jitolbu fid-dokumenti tal-akkwist li l-operatur ekonomiku jagħti prova li se jkollu r-riżorsi rilevanti tal-entità li jkun beħsiebu jibbaża fuqha għad-dispożizzjoni tiegħu tul il-perjodu tat-twettiq tal-kuntratt, pereżempju b'dikjarazzjoni għal dak il-għan minn dawk l-entitajiet.

5. Meta operatur ekonomiku jibbaża fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra fir-rigward ta' kriterji relatati mal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja, ix-xerrej pubbliku jista' jirrekjedi li l-operatur ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli b'mod konġunt għax-xerrej pubbliku għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-tal-akkwist tar-R&Ż.

6. Meta operatur ekonomiku jibbaża fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra bħala prova tal-abbiltà teknika u professjonali, ix-xerrej pubbliku jista' jirrikjedi fid-dokumenti tal-akkwist li dik l-entità l-oħra twettaq ix-xogħlijiet jew is-servizzi li għalihom ikunu meħtieġa dawn il-kapaċitajiet.

Artikolu 8

Sottokuntrattar

1. Partijiet minn kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż jistgħu jiġu sottokuntrattati. Il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż mogħti lil operatur ekonomiku ma għandux jiġi sottokuntrattat kollu kemm hu, u ma għandux lanqas ikompli jiġi sottokuntrattat kollu kemm hu.

2. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jindikaw fl-offerta tagħhom kwalunkwe sehem mill-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż li huma jipprevedu li jissottokuntrattaw lil partijiet terzi, u kwalunkwe sottokuntrattur propost.

   Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jirrikjedu li l-kuntrattur ewlieni jinfurmahom wara l-għoti tal-kuntratt u qabel il-bidu tat-twettiq tal-kuntratt dwar il-kompiti u l-attivitajiet li jkun beħsiebu jissottokuntratta. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jirrikjedu wkoll informazzjoni dwar l-identità ta' kull sottokuntrattur. Ix-xerrej pubbliku għandu jirrikjedi li l-kuntrattur ewlieni jinnotifika lix-xerrej pubbliku mill-aktar fis possibbli dwar kull bidla f'din l-informazzjoni waqt il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

3. Ix-xerrej pubbliku għandu jirrikjedi li l-operatur ekonomiku jissostitwixxi sottokuntrattur li fir-rigward tiegħu jkun hemm raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni skont l-Artikolu 13. Ix-xerrej pubbliku jista' jirrikjedi li l-operatur ekonomiku jissostitwixxi sottokuntrattur li fir-rigward tiegħu jkun hemm raġunijiet fakultattivi għall-esklużjoni skont l-Artikolu 14.

4. Meta jkunu ġġustifikati min-natura tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirrikjedu li ċerti kompiti kritiċi jitwettqu direttament mill-kuntrattur ewlieni. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jidentifikaw il-kompiti kritiċi u r-rekwiżiti relatati, filwaqt li jindikawhom b'mod ċar u l-ġustifikazzjoni tagħhom fid-dokumenti tal-akkwist.

5. Is-sottokuntrattar skont id-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-kuntrattur ewlieni.

6. L-osservanza mis-sottokuntratturi tal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 4(6) hija żgurata permezz ta' azzjoni adegwata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaġixxu fl-ambitu tar-responsabbiltà u l-kompetenza tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu miżuri proporzjonati addizzjonali li jillimitaw is-sottokuntrattar meta jkunu identifikaw riskju akbar debitament sostanzjat ta' nonkonformità mal-obbligi tal-liġi soċjali u tax-xogħol.

Artikolu 9

Konsultazzjoni tas-suq

1. Qabel it-tnedija tas-sejħa għall-offerti għall-akkwist tar-R&Ż imsemmija fl-Artikolu 23, ix-xerrejja pubbliċi għandhom iwettqu konsultazzjoni tas-suq biex jinfurmaw lill-operaturi ekonomiċi dwar is-sejħa tal-offerti għall-akkwist tar-R&Ż li jmiss, u jiksbu għarfien dwar is-suq, inkluż dwar id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet innovattivi, jew il-potenzjal li jiżviluppawhom, u dwar il-fehmiet tagħhom dwar l-ambitu, il-valur u l-modalitajiet proposti tal-implimentazzjoni tal-akkwist tar-R&Ż.

2. Qabel ma jibdew il-konsultazzjoni dwar is-suq, ix-xerrejja pubbliċi għandhom iħabbru l-konsultazzjoni dwar is-suq permezz ta' avviż ta' informazzjoni minn qabel. L-avviż għandu:

   (a) jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u, wara dan, jiġi ppubblikat fuq il-portal nazzjonali tal-akkwist pubbliku tal-Istat Membru tax-xerrej pubbliku;

   (b) jinkludi referenzi għall-kodiċijiet rilevanti tas-CPV għas-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp, jindika li l-konsultazzjoni tas-suq titwettaq għal akkwist tar-R&Ż u tkun relatata mal-innovazzjoni billi jiġi mmarkat il-kamp "innovazzjoni" fl-avviż ta' informazzjoni minn qabel u billi, fejn applikabbli, jiġi inkluż il-kliem "Akkwist Prekummerċjali" fil-kamp "titolu tal-akkwist".

   (c) jinkludi l-format magħżul mix-xerrej pubbliku għat-twettiq tal-konsultazzjoni tas-suq, bħal kwestjonarji online, webinars online jew laqgħat fiżiċi, u kwalunkwe link jew kuntatt rilevanti fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni dwar it-twettiq tal-akkwist tar-R&Ż.

3. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jikkonsultaw is-suq b'mod wiesa'. Għal dan l-għan, wara li jħabbru l-konsultazzjoni tas-suq permezz ta' avviż ta' informazzjoni minn qabel, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jippubblikaw u jippromwovu t-tħabbir tal-konsultazzjonijiet tas-suq permezz ta' kwalunkwe media disponibbli b'mod wiesa'.

4. B'deroga mill-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, fejn ikun neċessarju u ġustifikat biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà jew tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), ix-xerrejja pubbliċi għandhom jippubblikaw u jippromwovu mal-media l-avviż ta' informazzjoni minn qabel filwaqt li jeskludu l-informazzjoni sensittiva kollha u jitolbu lill-operaturi ekonomiċi jesprimu l-interess tagħhom li jipparteċipaw fil-konsultazzjoni tas-suq. L-informazzjoni sensittiva għandha tintbagħat biss lill-operaturi ekonomiċi li jkunu esprimew interess, jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u ma joħolqux riskju għas-sigurtà skont it-tifsira tal-Artikolu 28(4), il-punt (b).

5. B’deroga mill-paragrafi 2, 3 u 9 ta’ dan l-Artikolu, meta l-pubblikazzjoni u l-promozzjoni fil-media ta’ avviż ta’ informazzjoni minn qabel u l-pubblikazzjoni ta’ dokumenti li jispjegaw l-isfond u d-dettalji loġistiċi għall-organizzazzjoni tal-konsultazzjoni tas-suq ikunu kontra l-interessi tas-sigurtà jew tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta’ wieħed jew ta’ aktar mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), ix-xerrej pubbliku ma għandux iħabbar il-konsultazzjoni tas-suq skont il-paragrafi 2, 3 u 9 ta’ dan l-Artikolu iżda għandu jibgħat stedina għall-parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni tas-suq lil operaturi ekonomiċi potenzjalment xierqa identifikati permezz ta’ riċerka tas-suq u jikkondividi d-dokumenti ta’ konsultazzjoni tas-suq biss ma’ dawk li jesprimu interess, jissodisfaw il-kriterji ta’ kwalifika u ma joħolqux riskju għas-sigurtà skont it-tifsira tal-Artikolu 28(4), il-punt (d).

6. Ix-xerrejja pubbliċi ma għandhom jeskludu lil ebda operatur ekonomiku li joriġina fil-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 11(1), mill-parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni tas-suq.

   Permezz ta’ deroga mill-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, fejn neċessarju u ġustifikat għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta’ wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirrestrinġu l-konsultazzjoni tas-suq biss għall-operaturi ekonomiċi li joriġinaw fl-Istati Membri.

7. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiżguraw aċċess ugwali għall-informazzjoni matul il-konsultazzjoni tas-suq. Dawn għandhom jikkondividu kwalunkwe informazzjoni dwar l-akkwist tar-R&Ż ipprovduta lil operatur ekonomiku wieħed li jipparteċipa fil-konsultazzjoni tas-suq mal-operaturi ekonomiċi l-oħrajn kollha li jipparteċipaw fl-istess konsultazzjoni tas-suq.

8. Matul il-konsultazzjoni tas-suq, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jfittxu jew jaċċettaw informazzjoni u pariri mill-pubbliku ġenerali, minn esperti indipendenti, minn awtoritajiet pubbliċi, minn parteċipanti fis-suq jew minn partijiet rilevanti oħra. Il-konsultazzjoni tas-suq tista’ tieħu l-forma ta’ skambji bil-miktub jew verbali, ta’ kwestjonarji online, ta’ webinar ta’ laqgħat fiżiċi, ta’ żjarat jew ta’ dimostrazzjonijiet fuq il-post, jew formati oġġettivi xierqa oħra. L-informazzjoni u l-pariri mfittxija jew aċċettati jistgħu jintużaw fl-ippjanar u fit-twettiq tal-akkwist tar-R&Ż, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji ta’ trattament ugwali, ta’ nondiskriminazzjoni, ta’ kompetizzjoni ġusta u ta’ trasparenza.

9. Sakemm ma jkunx kuntrarju għall-interessi tas-sigurtà jew tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta’ wieħed jew ta’ aktar mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), ix-xerrejja pubbliċi għandhom jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom kwalunkwe dokument relatat mal-konsultazzjoni tas-suq, inklużi kwalunkwe dokument li jispjega l-isfond u d-dettalji loġistiċi għall-organizzazzjoni tal-konsultazzjoni tas-suq, il-mistoqsijiet ippreżentati mill-operaturi ekonomiċi flimkien mat-tweġibiet għal dawk il-mistoqsijiet mix-xerrej pubbliku u, fejn disponibbli, sommarju dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni tas-suq jew il-minuti bil-miktub, jew reġistrazzjoni bil-vidjo jew bl-awdjo ta’ kwalunkwe laqgħa ta’ konsultazzjoni tas-suq.

10. Il-parteċipazzjoni ta’ operatur ekonomiku f’konsultazzjoni tas-suq ma għandhiex tippreġudika l-eliġibbiltà tiegħu li jipparteċipa f’sejħa għall-offerti sussegwenti għall-akkwist tar-R&Ż.

11. B’deroga mill-paragrafu 1, l-obbligu li titwettaq konsultazzjoni tas-suq skont dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż li għandhom bħala l-uniku suġġett tagħhom l-akkwist ta’ servizzi ta’ konsulenza dwar ir-riċerka u l-iżvilupp kif kopert mill-kodiċijiet 73200000-4,73210000-7 u 73220000-0 tas-CPV.

Artikolu 10

Dokumenti tal-akkwist

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jispeċifikaw fid-dokumenti tal-akkwist mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) il-ħtieġa tal-akkwist tar-R&Ż f’konformità mal-paragrafu 4;

(b) il-valur stmat tal-akkwist tar-R&Ż stabbilit f’konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 5, u kwalunkwe kontribuzzjoni fi flus jew *in natura* li x-xerrejja pubbliċi jkun beħsiebhom jew jistgħu jagħmlu disponibbli għall-kuntratturi matul l-akkwist tar-R&Ż;

(c) l-informazzjoni dwar it-twettiq u l-eżitu tal-konsultazzjoni tas-suq magħmula disponibbli f’konformità mal-Artikolu 9(7) u mal-Artikolu 9(9);

(d) il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-akkwist tar-R&Ż, f’konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 11;

(e) ir-raġunijiet għall-esklużjoni applikabbli, il-kriterji tal-għażla u l-garanziji finanzjarji f’konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 13, 14, 15 u 16;

(f) ir-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu ssodisfati mill-offerenti kollha;

(g) il-kriterji tal-għoti relatati mal-innovazzjoni, inklużi l-ponderazzjonijiet rispettivi tagħhom, li għandhom jiġu applikati fl-evalwazzjoni tal-offerti, f’konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17;

(h) id-diviżjoni tad-drittijiet u tal-obbligi relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u s-sjieda tar-riżultati, f’konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 19;

(i) id-dispożizzjonijiet għall-modifiki tal-kuntratt u, fejn applikabbli, għall-inġinerija tal-valur, f’konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 20 sa 21;

(j) id-dispożizzjonijiet għas-sejħa għall-offerti, inklużi d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar in-negozjar stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 3 ta’ dan l-Artikolu u n-numru minimu ta’ kuntratturi li għandhom jintgħażlu meta jintużaw lottijiet u l-akkwist minn diversi sorsi, f’konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu għall-akkwist minn diversi sorsi stabbiliti fl-Artikolu 22 u mad-dispożizzjonijiet għat-tnedija tas-sejħa għall-offerti stabbiliti fl-Artikolu 23;

(k) fejn applikabbli, l-għadd ta’ fażijiet ta’ R&Ż li fuqhom jinqasmu l-attivitajiet ta’ R&Ż u jekk ix-xerrej pubbliku jinkludix l-għażla li jagħmel użu mill-possibbiltà li jistieden lill-operaturi ekonomiċi li ma jkunux ipparteċipaw f’fażijiet preċedenti tal-akkwist tar-R&Ż biex jipparteċipaw f’fażijiet aktar tard tal-akkwist tar-R&Ż, f’konformità mal-obbligi għall-iżvilupp kompetittiv f’fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 24;

(l) jekk u kif ix-xerrej pubbliku għandux l-intenzjoni li jikseb is-sjieda tar-riżultati tal-akkwist tar-R&Ż, inklużi kwalunkwe prototipi jew l-ewwel prodotti, servizzi jew xogħlijiet żviluppati bħala parti mill-akkwist tar-R&Ż;

(m) l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati mal-innovazzjoni definiti, sal-punt massimu prattikabbli bħala rekwiżiti ta' prestazzjoni, u l-metodu għall-valutazzjoni tagħhom, biex tiġi mmonitorjata l-eżekuzzjoni tal-kuntratt matul l-akkwist tar-R&Ż, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 24(5);

(n) id-dispożizzjonijiet għall-pagamenti, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 25;

(o) l-obbligi applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 26;

(p) fejn applikabbli, kwalunkwe rekwiżit għall-kuntratturi biex jikkontribwixxu għall-istandardizzazzjoni, għaċ-ċertifikazzjoni jew għall-pubblikazzjoni tar-riżultati, inkluż billi jagħmluhom disponibbli bħala data miftuħa jew sors miftuħ, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 26 għall-obbligi fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali stabbiliti fl-Artikolu 19;

(q) id-dispożizzjonijiet dwar it-terminazzjoni tal-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 27 u 29;

(r) l-obbligi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika applikabbli, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 28, 29 u 30;

(s) fejn applikabbli, id-dispożizzjonijiet għat-twettiq tal-proċedura bħala akkwist konġunt tar-R&Ż, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 31;

(t) li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw għall-akkwist tar-R&Ż.

2. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jindikaw fid-dokumenti tal-akkwist li l-kundizzjonijiet essenzjali tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż ma humiex soġġetti għal negozjati. Ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx ibiddlu s-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż b'mod sostanzjali bħala riżultat tan-negozjati. In-negozjati jistgħu jikkonċernaw il-karatteristiċi tal-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp u tar-riżultati maħsuba li għandhom jiġu żviluppati għax-xerrej pubbliku matul dawk l-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp bħala parti mill-akkwist tar-R&Ż, inklużi l-kwalità, il-kwantitajiet kif ukoll l-aspetti soċjali, ambjentali u innovattivi, jistgħu jkunu soġġetti għal negozjati, dment li dawk il-karatteristiċi ma jikkostitwux rekwiżiti minimi.

3. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom, fid-dokumenti tal-akkwist, jindikaw kwalunkwe element speċifiku mhux elenkat fil-paragrafu 1 li għalih jistiednu lill-offerenti biex jindikaw, fl-offerta tagħhom, l-approċċ preferut tagħhom, filwaqt li jħallu l-finalizzazzjoni ta' dawk l-elementi soġġetta għal negozjati.

4. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jabbozzaw id-dokumenti tal-akkwist għall-akkwist tar-R&Ż filwaqt li jqisu s-sejbiet tal-konsultazzjoni tas-suq u kwalunkwe riċerka tas-suq li jkun wettaq ix-xerrej pubbliku dwar l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku ta' kwalunkwe pjan direzzjonali ta' riċerka u ta' żvilupp u ta' ppjanar tal-prodotti tal-operaturi ekonomiċi li jkun għaddej. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jifformulaw l-akkwist tar-R&Ż imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu bħala problema li jeħtieġ li tiġi solvuta mingħajr ma jiġu ristretti bla bżonn l-approċċi possibbli biex tissolva l-problema. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jagħtu preferenza għall-użu tar-rekwiżiti funzjonali jew tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18 biex jifformulaw ir-rekwiżiti li jindirizzaw il-bżonn ta' akkwist tar-R&Ż. L-informazzjoni pprovduta fid-dokumenti tal-akkwist għandha tkun preċiża biżżejjed

biex tippermetti lill-operaturi ekonomiċi jidentifikaw in-natura u l-ambitu tal-akkwist tar-R&Ż u jiddeċiedu jekk jissottomettux offerta.

5. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jikkalkolaw il-valur stmat tal-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż abbażi tal-valur massimu stmat nett mill-VAT tas-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp li għandhom jiġu pprovduti fil-kuntest tal-kuntratt jew tal-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż, li huma mistennija li jingħataw bħala parti mill-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, inkluż kwalunkwe lott, għażla jew tiġdid. Il-kalkolu tal-valur stmat għandu jqis il-valur stmat tat-tipi kollha ta' spejjeż relatati mar-riċerka u l-iżvilupp, irrispettivament mis-sehem tagħhom fil-valur totali stmat, inkluż il-valur tal-manodopera, tal-materjali, tal-komponenti u tal-għodod li huma meħtieġa biex jinkisbu r-riżultati mistennija, inklużi, fejn rilevanti, ir-riċerka u l-iżvilupp li twettqu qabel il-bidu tal-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż. Meta x-xerrejja pubbliċi jkollhom l-intenzjoni li jiksbu s-sjieda esklużiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għar-riżultati ġġenerati mill-kuntratturi, il-valur stmat għandu jinkludi l-valur stmat ta' dawk id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Il-valur stmat ma għandu jinkludi l-ebda kontribuzzjoni fi flus jew *in natura* li x-xerrejja pubbliċi jkun beħsiebhom jew jistgħu jagħmlu disponibbli għall-kuntratturi matul l-akkwist tar-R&Ż.

6. Fir-rigward ta' prodotti, ta' servizzi jew ta' xogħlijiet li jirriżultaw mis-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp akkwistati u li huma meħtieġa sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew ta' diversi mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), inkluż sabiex jiġu evitati kwistjonijiet ta' sigurtà tal-provvista, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu, fid-dokumenti tal-akkwist, jispeċifikaw li x-xerrejja pubbliċi jkollhom dritt ta' prijorità biex jixtru volum jew valur predefinit ta' dawk il-prodotti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet qabel ma dawn jiġu offruti lil xerrejja potenzjali oħra. F'każ bħal dan, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jistabbilixxu d-dritt ta' prijorità għax-xiri bħala obbligu kuntrattwali fil-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

Artikolu 11

Kundizzjonijiet għall-aċċess għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż u rekwiżiti tal-post tal-eżekuzzjoni

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiftħu l-parteċipazzjoni fl-akkwist tar-R&Ż biss għal:

   (a) operaturi ekonomiċi li joriġinaw fl-Istati Membri;

   (b) operaturi ekonomiċi li joriġinaw f'pajjiżi li kkonkludew ftehim kummerċjali bilaterali jew multilaterali mal-Unjoni, dment li l-akkwist tar-R&Ż jaqa' fl-ambitu tal-impenji tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni f'dak il-ftehim.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 39 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi teskludi, kompletament jew parzjalment, soġġetta għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, pajjiż terz mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-punt (b), abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

   (a) dak il-pajjiż terz ikun naqas milli jipprovdi trattament nazzjonali relatat mas-servizzi jew mal-entitajiet ta' R&Ż tal-Unjoni skont il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b);

(b) tali esklużjoni tkun ġustifikata biex jiġu evitati d-dipendenzi jew kwalunkwe żvilupp ieħor li jista' jhedded is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni tal-prodotti, tax-xogħlijiet jew tas-servizzi rilevanti inkwistjoni;

(c) tali esklużjoni tkun ġustifikata skont kwalunkwe eċċezzjoni oħra skont il-ftehim applikabbli.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn neċessarju u ġustifikat biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew diversi tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirrestringu l-parteċipazzjoni fl-akkwist tar-R&Ż biss għall-operaturi ekonomiċi li joriġinaw fl-Istati Membri u li ma humiex soġġetti għall-kontroll ta' pajjiż terz jew ta' entità ġuridika li hija soġġetta għall-kontroll ta' pajjiż terz.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (b), ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jiftħu l-aċċess għall-akkwist tar-R&Ż anke għall-operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn pajjiżi li kkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni li fih l-Unjoni għamlet impenji tal-akkwist pubbliku iżda mhux għall-akkwisti tar-R&Ż, biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(d) meta permezz ta' riċerka tas-suq li tinkludi konsultazzjoni tas-suq estensiva u mxerrda sew, ix-xerrej pubbliku jkun jista' jiddetermina li s-servizzi tar-R&Ż meħtieġa ma jistgħux jipprovduhom operaturi ekonomiċi mill-pajjiżi elenkati fil-paragrafu 1, u ma teżisti l-ebda alternattiva jew sostitut raġonevoli;

(e) meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda offerta jew talba xierqa għall-parteċipazzjoni, inkluż bi tweġiba għal proċedura tal-akkwist tar-R&Ż simili mnedija minn xi xerrej pubbliku mill-pajjiżi elenkati fil-paragrafu 1 fis-sentejn ta' qabel it-tnedija tal-proċedura l-ġdida ppjanatatal-akkwist tar-R&Ż; jew

(f) meta l-limitazzjoni tal-aċċess għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż f'konformità mal-paragrafu 1 tkun tfisser li xerrej pubbliku se jkollu jakkwista s-servizzi tar-R&Ż b'kostijiet sproporzjonati.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), differenza stmata ta' aktar minn 20% bejn il-kost stmat ta' offerta minn operatur ekonomiku li joriġina f'pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 u dik minn operatur ekonomiku li joriġina f'pajjiż li kkonkluda ftehim internazzjonali mal-Unjoni li fih l-Unjoni għamlet impenji tal-akkwist pubbliku iżda mhux għal akkwisti ta' R&Ż abbażi ta' data oġġettiva u trasparenti, tista' tiġi preżunta mix-xerrejja pubbliċi li tkun sproporzjonata.

5. Is-sottokuntrattar ma għandux jintuża bl-intenzjoni jew bl-effett li jiġu evitati r-regoli dwar l-aċċess għall-akkwist tar-R&Ż. Il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-akkwist tar-R&Ż ma għandhomx japplikaw għal entitajiet li l-offerent jiddependi fuq il-kapaċità tagħhom jew għal sottokuntratturi, sakemm ix-xerrejja pubbliċi ma jillimitawx is-sottokuntrattar:

(a) fejn japplika l-paragrafu 1 jew 4, għal sottokuntratturi li joriġinaw fil-pajjiżi elenkati fil-paragrafu 1; jew

(b) fejn japplika l-paragrafu 3 u fejn neċessarju u ġustifikat biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew ta' diversi mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), għal sottokuntratturi li joriġinaw fl-Istati Membri u li ma humiex soġġetti għall-kontroll ta' pajjiż terz jew ta' entità ġuridika li hija soġġetta għall-kontroll ta' pajjiż terz.

6. Meta jkun japplika l-paragrafu 4, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirriżervaw għadd ta' kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż fl-istess proċedura tal-akkwist tar-R&Ż:

   (a) għall-operaturi ekonomiċi li joriġinaw mill-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b); jew

   (b) meta jkun neċessarju u ġustifikat għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà jew tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew ta' diversi mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), għal operaturi ekonomiċi li joriġinaw fl-Istati Membri u li ma humiex soġġetti għall-kontroll ta' pajjiż terz jew ta' entità ġuridika li hija soġġetta għall-kontroll ta' pajjiż terz.

7. Sakemm ma jkunx kuntrarju għas-sigurtà jew għas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew ta' diversi mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2) għal raġunijiet ġustifikati fid-dokumenti tal-akkwist, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jirrikjedu li l-kuntratturi jwettqu mill-inqas 50% tal-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp skont il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż fil-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1, inkluż ix-xogħol ta' persunal prinċipali ta' riċerka u ta' żvilupp b'responsabbiltà xjentifika għall-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

8. Meta jkun neċessarju u ġustifikat għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà jew tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew ta' diversi mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirrikjedu, minbarra l-miżura fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, li l-kuntratturi jwettqu l-attivitajiet kollha ta' riċerka u ta' żvilupp relatati ma' komponenti ġodda tas-sigurtà tar-riżultati maħsuba fl-Unjoni, inkluż ix-xogħol tal-persunal prinċipali ta' riċerka u ta' żvilupp b'responsabbiltà xjentifika għall-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

9. Meta operatur ekonomiku jonqos milli jipprovdi informazzjoni jew dokumentazzjoni mitluba mix-xerrej pubbliku relatata mal-verifika tal-kundizzjonijiet tal-post tal-prestazzjoni msemmija fil-paragrafi 7 u 8 mingħajr ebda spjegazzjoni raġonevoli u b'hekk jipprevjeni l-verifika tal-konformità tal-operatur ekonomiku mal-kundizzjonijiet tal-post tal-prestazzjoni minn xerrejja pubbliċi jew jagħmel tali verifika prattikament impossibbli jew diffiċli ħafna, dak l-operatur ekonomiku għandu jiġi eskluż mill-parteċipazzjoni fil-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż.

10. Minbarra r-regoli stabbiliti skont dan ir-Regolament jew b'deroga minnhom, inkluż jew b'deroga mil-lista tal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 4, għall-għoti u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż appoġġati minn programm jew minn strument tal-Unjoni, ix-xerrejja pubbliċi għandhom japplikaw kwalunkwe kundizzjoni neċessarja biex jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-appoġġ tal-Unjoni fil-modi kollha ta' ġestjoni stabbiliti fl-Artikolu 62 tar-Regolament (UE, EURATOM) 2024/2509[29].

11. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tagħmel disponibbli mingħajr ħlas għodda online aċċessibbli għall-pubbliku, li tistabbilixxi, b'mod komprensiv u aġġornat, l-impenji tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni, inklużi l-impenji tal-akkwist tar-R&Ż, fi ftehimiet internazzjonali.

    Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiddeterminaw, għall-finijiet ta' proċedura partikolari tal-akkwist tar-R&Ż, il-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), u fil-paragrafu 4

[29] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

abbażi tal-ftehimiet internazzjonali applikabbli kif riflessi fl-għodda online msemmija fis-subparagrafu 1 ta' dan il-paragrafu.

12. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiddeterminaw, għall-finijiet ta' proċedura tal-akkwist partikolari, abbażi tal-ftehimiet internazzjonali applikabbli kif riflessi fl-għodda online msemmija fil-paragrafu 1 għall-parametri mdaħħla, inklużi x-xerrej pubbliku kkonċernat, is-suġġett u l-valur stmat tal-kuntratt fir-rigward tal-limiti applikabbli.

13. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom:

(a) jirrestringu l-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż fil-każ ta' gruppi ta' operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 6, għal gruppi li huma magħmula biss minn operaturi ekonomiċi li għandhom l-oriġini tagħhom fil-pajjiżi msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 f'dan l-Artikolu;

(b) jirrifjutaw offerta matul proċedura tal-akkwist tar-R&Ż fejn ma tkunx sottomessa minn operaturi ekonomiċi li joroiġinaw fil-pajjiżi msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 f'dan l-Artikolu jew fi gruppi tagħhom kif imsemmi fil-punt (a).

Artikolu 12

Determinazzjoni tal-oriġini

1. L-oriġini ta' operatur ekonomiku għandha titqies bħala:

(a) fil-każ ta' persuna fiżika, il-pajjiż fejn il-persuna tkun nazzjonal jew fejn dik il-persuna jkollha dritt ta' residenza permanenti;

(b) fil-każ ta' persuna ġuridika, kwalunkwe wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-pajjiż li skont il-liġijiet tiegħu l-persuna ġuridika tkun ikkostitwita jew b'xi mod ieħor organizzata u li fit-territorju tiegħu l-persuna ġuridika tkun impenjata f'operazzjonijiet sostanzjali ta' negozju;

(ii) jekk il-persuna ġuridika ma tkunx impenjata f'operazzjonijiet sostanzjali ta' negozju fit-territorju tal-pajjiż li fih tkun ikkostitwita jew b'xi mod ieħor organizzata, l-oriġini tal-persuna ġuridika għandha tkun dik tal-persuna jew tal-persuni li jistgħu jeżerċitaw, direttament jew indirettament, influwenza dominanti fuq il-persuna ġuridika minħabba s-sjieda tagħhom ta' dik il-persuna ġuridika, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolaw dik il-persuna ġuridika.

2. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b)(ii), għandu jiġi preżunt li dik il-persuna jew dawk il-persuni għandhom influwenza dominanti fuq il-persuna ġuridika fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin li fihom huma, direttament jew indirettament:

(a) iżommu l-maġġoranza tal-kapital sottoskritt tal-persuna ġuridika;

(b) jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti marbuta mal-ishma maħruġin mill-persuna ġuridika; jew

(c) jistgħu jaħtru aktar minn nofs il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-persuna ġuridika.

3. Fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jitolbu lill-operatur ekonomiku jissottometti, jissupplimenta, jiċċara jew jikkompleta l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni relatata mal-verifika tal-oriġini

tal-operatur ekonomiku fi ħdan limitu ta' żmien xieraq, dment li tali talbiet isiru f'konformità mal-prinċipji tat-trattament ugwali u tat-trasparenza. Meta l-operatur ekonomiku jonqos milli jipprovdi tali informazzjoni jew dokumentazzjoni mingħajr spjegazzjoni raġonevoli, u b'hekk iwaqqaf il-verifika tal-oriġini tal-operatur ekonomiku mix-xerrejja pubbliċi jew jagħmel tali verifika prattikament impossibbli jew diffiċli ħafna, dak l-operatur ekonomiku għandu jiġi eskluż mill-parteċipazzjoni fil-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż ikkonċernata.

Artikolu 13

Raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom fi kwalunkwe ħin jeskludu lil operatur ekonomiku, inkluż lil membri individwali ta' grupp ta' operaturi ekonomiċi, mill-parteċipazzjoni fi proċedura tal-akkwist tar-R&Ż meta dak l-operatur ekonomiku, jew persuna ewlenija fil-funzjonament ta' persuna ġuridika kif definita fit-tieni subparagrafu, kienet is-suġġett, f'xi Stat Membru, ta' kundanna b'sentenza finali għal xi waħda mir-reati elenkati f'dan is-subparagrafu jew, fir-rigward tal-Istati Membri mhux marbuta bl-att rilevanti tal-Unjoni, ir-reati kif definiti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ekwivalenti:

   (a) parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, kif definita fl-Artikolu 1, il-punt 1, tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/ĠAI[30];

   (b) reati tal-korruzzjoni, skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2026/1021[31];

   (c) frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u r-reati tal-Komunitajiet Ewropej imsemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 skont id-Direttiva (UE) 2017/1371[32];

   (d) reati terroristiċi u reati relatati ma' grupp terroristiku, kif ukoll reati relatati ma' attivitajiet terroristiċi, kif definiti fl-Artikoli 3 sa 12 tad-Direttiva (UE) 2017/541[33];

   (e) Ħasil tal-flus skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2018/1673/UE[34];

---

30 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2008/841/oj).

31 Id-Direttiva (UE) 2026/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2026 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2026/1021, 11.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2026/1021/oj).

32 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj).

33 Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/541/oj).

34 Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 284, 12.11.2018, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1673/oj).

(f) it-traffikar tal-bnedmin skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2011/36[35];

(g) reati kriminali li jikkonċernaw l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, kif imsemmi fl-Artikoli 2, 3 u 9 tad-Direttiva 2009/52/KE[36];

(h) reati kriminali ambjentali kif imsemmija fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva (UE) 2024/1203[37];

(i) reati kriminali li jikkonċernaw il-ksur ta' Miżuri Restrittivi tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva (UE) 2024/1226[38];

(j) użu frawdolenti ta' strumenti ta' pagament mhux bi flus kontanti kif imsemmi fl-Artikoli 3 sa 8 tad-Direttiva 2019/713/UE[39]

(k) reati fil-qasam tal-abbuż sesswali u tal-isfruttament sesswali tat-tfal u ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal kif imsemmi fl-Artikolu 3 sa 9 tad-Direttiva 2011/93/UE[40];

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, persuna ewlenija fil-funzjonament ta' persuna ġuridika tfisser persuna li jkollha pożizzjoni ewlenija fi ħdan il-persuna ġuridika, abbażi ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

(c) awtorità li teżerċita l-kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. Ir-raġunijiet għall-esklużjoni stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal ħames snin mid-data tal-għoti tas-sentenza finali, ħlief meta l-perjodu ta' esklużjoni jkun ġie stabbilit mis-sentenza finali, li jfisser li ma għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni ta' esklużjoni wara l-iskadenza tal-perjodi msemmija f'din is-sentenza.

3. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom fi kwalunkwe ħin waqt il-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, jeskludu lil operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni fi proċedura tal-akkwist

---

35 Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj).

36 Id-Direttiva (UE) 2024/1203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/KE (ĠU L, 2024/1203, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1203/oj).

37 Id-Direttiva (UE) 2024/1203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/KE (ĠU L, 2024/1203, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1203/oj).

38 Id-Direttiva (UE) 2024/1226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' penali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva (UE) 2018/1673 (ĠU L, 2024/1226, 29.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1226/oj).

39 Id-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI (ĠU L 123, 10.5.2019, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/713/oj).

40 Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/93/oj.

tar-R&Ż meta jsir magħruf li l-operatur ekonomiku jew il-kuntrattur ikun qed jikser l-obbligi tiegħu relatati mal-ħlas tat-taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u dan ikun ġie stabbilit b'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva finali, ħlief jekk sa dak il-mument, l-operatur ekonomiku jkun ikkonkluda arranġament vinkolanti dwar il-ħlas tat-taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti, inkluż, fejn applikabbli, kwalunkwe mgħax dovut jew multa.

Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jidderogaw mill-esklużjoni obbligatorja prevista fl-ewwel subparagrafu fejn esklużjoni tkun sproporzjonata b'mod ċar, b'mod partikolari fejn ma jkunux tħallsu ammonti żgħar biss.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jidderogaw mill-esklużjoni obbligatorja prevista f'dan l-Artikolu, fuq bażi eċċezzjonali, għal raġunijiet prevalenti relatati mal-interess pubbliku bħas-saħħa pubblika jew il-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk, kwalunkwe deċiżjoni ta' deroga u l-ġustifikazzjoni għandhom jiġu ddokumentati fid-dokumentazzjoni individwali tal-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż.

Artikolu 14

Raġunijiet fakultattivi għall-esklużjoni

1. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu fi kwalunkwe ħin waqt proċedura tal-akkwist tar-R&Ż jeskludu lil operatur ekonomiku, inkluż lil membri individwali ta' gruppi ta' operaturi ekonomiċi, mill-parteċipazzjoni fi proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, meta:

   (a) ix-xerrej pubbliku jkun jista' juri bi kwalunkwe mezz xieraq li l-operatur ekonomiku jkun kiser l-obbligi applikabbli skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 4(6);

   (b) l-operatur ekonomiku jkun fallut jew ikun is-suġġett ta' proċedimenti ta' insolvenza jew ta' stralċ jew ta' sitwazzjoni komparabbli;

   (c) ix-xerrej pubbliku jista' juri b'mezzi xierqa mġiba professjonali ħażina serja mill-operatur ekonomiku, li tagħmel l-integrità jew l-affidabbiltà tiegħu dubjuża;

   (d) ix-xerrej pubbliku ikollu indikazzjonijiet plawżibbli biżżejjed biex jikkonkludi li l-operatur ekonomiku jkun daħal fi ftehimiet ma' operaturi ekonomiċi oħrajn li jkollhom l-għan li jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni;

   (e) l-operatur ekonomiku jkun wera nuqqasijiet sinifikanti jew persistenti fit-twettiq ta' rekwiżit sostantiv skont kuntratt pubbliku preċedenti, li wassal għal terminazzjoni bikrija ta' dak il-kuntratt preċedenti, għal danni jew għal sanzjonijiet komparabbli oħra mix-xerrej pubbliku;

   (f) fil-kuntest tal-proċedura kkonċernata tal-akkwist tar-R&Ż, l-operatur ekonomiku jkun instab responsabbli għal rappreżentazzjoni ħażina serja fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa għall-verifika tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni jew l-issodisfar tal-kriterji tal-għażla; jew inkella jkun impenja ruħu li jikseb vantaġġi b'mod mhux xieraq fil-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż;

   (g) ix-xerrej pubbliku jista' juri bi kwalunkwe mezz xieraq, inkluż iżda mhux limitat għal informazzjoni klassifikata jew għal valutazzjonijiet mhux pubblikament divulgabbli pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li l-operatur ekonomiku ma jkunx affidabbli biżżejjed biex jiġu eskluži riskji

għall-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

(h) l-operatur ekonomiku jkun ibbenefika minn sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern, stabbiliti minn att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2022/2560[41], fit-tliet snin ta' qabel il-proċedura tal-akkwist pubbliku, u x-xerrej pubbliku jkollu indikazzjonijiet plawżibbli biżżejjed biex jikkonkludi li s-sussidji barranin ikkonċernati aktarx ikollhom impatt fuq l-offerta tal-operatur ekonomiku.

2. Kwalunkwe operatur ekonomiku soġġett għal esklużjoni skont il-paragrafu 1 jista' jipprovdi evidenza biex jirribatti l-eżistenza tar-raġuni għall-esklużjoni jew biex juri li jkun ħa miżuri suffiċjenti biex juri l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza tar-raġuni għall-esklużjoni.

Għal dan l-għan, l-operatur ekonomiku għandu, b'mod partikolari, jagħti prova li jkun

(a) ħallas jew ħa impenn li jħallas kumpens fir-rigward ta' kwalunkwe dannu kkawżat mill-imġiba ħażina;

(b) iċċara l-fatti u ċ-ċirkostanzi b'mod komprensiv billi kkopera b'mod attiv mal-awtoritajiet investigattivi; u

(c) ħa miżuri tekniċi, organizzattivi u tal-persunal konkreti li huma xierqa biex jipprevjenu mġiba ħażina ulterjuri.

Jekk ix-xerrej pubbliku jqis l-evidenza pprovduta bħala suffiċjenti, l-operatur ekonomiku kkonċernat ma għandux ikun eskluż mill-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż.

Il-miżuri meħuda mill-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu evalwati b'kont meħud tal-gravità u taċ-ċirkostanzi partikolari tal-imġiba ħażina. Fil-valutazzjoni tal-miżuri meħuda mill-operaturi ekonomiċi, ix-xerrejja pubbliċi għandhom iqisu n-natura, il-firxa u t-twaqqit tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi rilevanti.

Meta l-miżuri jitqiesu insuffiċjenti, l-operatur ekonomiku għandu jirċievi dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

Operatur ekonomiku li jkun ġie eskluż b'sentenza finali fi kwalunkwe Stat Membru milli jipparteċipa fi proċeduri tal-akkwist ma għandux ikun intitolat jagħmel użu mill-possibbiltà prevista f'dan il-paragrafu matul il-perjodu ta' esklużjoni li jirriżulta minn dik is-sentenza.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw awtorità nazzjonali kompetenti biex tevalwa l-evidenza u tiddeċiedi jekk hijiex biżżejjed għall-finijiet ta' dan il-paragrafu. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jibbażaw fuq deċiżjoni pożittiva tal-awtorità nazzjonali kompetenti għall-finijiet tal-proċeduri tal-akkwist tagħhom.

4. Meta ma tittieħed l-ebda miżura minn dawk speċifikati fil-paragrafu 2 u meta l-perjodu ta' esklużjoni ma jkunx ġie stabbilit b'sentenza finali, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jeskludu lil operaturi ekonomiċi skont dan l-Artikolu matul perjodu ta' ħames snin mid-data tal-imġiba li twassal għall-esklużjoni jew, fil-każ ta' atti kontinwi jew ripetuti, id-data meta tintemm l-imġiba, iżda mhux wara dak il-perjodu massimu.

[41] Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2560/oj).

5. Meta xerrej pubbliku jeskludi operatur ekonomiku abbażi tal-paragrafu 1, il-punt (h), huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 15

Kriterji tal-għażla

1. Meta x-xerrejja pubbliċi jiddeċiedu li jużaw il-kriterji tal-għażla bħala rekwiżiti għall-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż, dawn għandhom jistabbilixxu dawk il-kriterji f'konformità mal-kundizzjonijiet f'dan l-Artikolu.

2. Il-kriterji tal-għażla għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż għandhom ikunu relatati biss ma':

   (a) l-adegwatezza għat-twettiq tal-attività professjonali skont it-tifsira tal-paragrafu 4;

   (b) l-abbiltà teknika u professjonali skont it-tifsira tal-paragrafu 5;

   (c) il-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja skont it-tifsira tal-paragrafi 6, 7 u 8.

3. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jillimitaw ir-rekwiżiti għall-kriterji tal-għażla għal dawk xierqa biex ikun żgurat li operatur ekonomiku jkollu l-kapaċitajiet u l-abbiltajiet meħtieġa biex iwettaq il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż. Ir-rekwiżiti kollha għall-kriterji tal-għażla għandhom ikunu relatati u proporzjonati mal-kumplessità u r-riskji assoċjati tas-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż u jkunu jikkonformaw mal-prinċipji tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità.

   Kull referenza li għandha tiġi pprovduta bħala mezz ta' prova ta' konformità ma' kwalunkwe wieħed mill-kriterji tal-għażla għandha tkun akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti" biex l-offerenti jkunu jistgħu jipprovdu kwalunkwe tip ta' evidenza alternattiva ta' konformità.

4. Fil-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż, sa fejn l-operaturi ekonomiċi huma meħtieġa jkollhom awtorizzazzjoni partikolari jew ikunu membri ta' organizzazzjoni partikolari sabiex ikunu jistgħu jwettqu f'pajjiżhom l-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp ikkonċernati fil-pajjiż fejn l-operatur ekonomiku jwettaq l-attività ewlenija tiegħu, ix-xerrej pubbliku jista' jirrikjedi li tali operaturi ekonomiċi jipprovdu prova li jkollhom tali awtorizzazzjoni jew sħubija.

   Reġistrazzjoni ċċertifikata fuq il-listi uffiċjali mill-korpi kompetenti jew ċertifikat maħruġ mill-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jikkostitwixxi preżunzjoni tal-konformità fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi.

5. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jimponu rekwiżiti li jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jkollhom ir-riżorsi umani u tekniċi u l-esperjenza meħtieġa biex iwettqu l-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż bi standard xieraq ta' kwalità.

   Sakemm ma jkunx ġustifikat minħabba l-kumplessità tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż jew in-nattura tas-suġġett, ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx jirrikjedu esperjenza preċedenti f'kuntratti oħrajn bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni fi proċedura tal-akkwist tar-R&Ż.

   Xerrej pubbliku jista' jassumi li operatur ekonomiku ma jkollux il-kapaċitajiet professjonali meħtieġa fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta x-xerrej pubbliku jkun stabbilixxa bi kwalunkwe mezz li l-operatur ekonomiku jkollu interessi kunfliġġenti li jistgħu jaffettwaw l-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt b'mod negattiv;

(b) meta x-xerrej pubbliku jkun ġie mgħarraf b'xi mezz li l-operatur ekonomiku jippreżenta tħassib għas-sigurtà għal Stat Membru jew għall-Unjoni kollha kemm hi.

Ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx jirrikjedu esperjenza minn qabel f'kuntratti oħra mingħajr ma jirrikjedu li l-kuntratturi jkollhom ir-riżorsi umani u tekniċi neċessarji biex jeżegwixxu l-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż. Ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx iqisu li l-operaturi ekonomiċi mhux konformi mar-rekwiżiti dwar l-abbiltà teknika u professjonali sempliċiment għax ikollhom nuqqas ta' esperjenza minn qabel f'kuntratti oħra.

6. Kwalunkwe referenza għall-kwalifiki jew għal-livelli ta' kwalifiki inklużi fil-kriterji tal-għażla għandha ssemmi l-livelli tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki stabbiliti fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017[42].

7. Meta x-xerrejja pubbliċi jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jkollhom pożizzjoni ekonomika u finanzjarja minima, dawn jistgħu jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jkollhom waħda jew it-tnejn li huma minn dawn li ġejjin:

(a) ċerta kapaċità finanzjarja minima;

(b) livell xieraq ta' assigurazzjoni ta' indennizz għar-riskju professjonali.

8. Meta x-xerrejja pubbliċi jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jipprovdu prova tal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja minima, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jipprovdu tali prova bi kwalunkwe mezz xieraq, inkluża kwalunke waħda minn dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjonijiet minn banek jew, fejn xieraq, evidenza ta' assigurazzjoni ta' indennizz għar-riskju professjonali rilevanti;

(b) dikjarazzjonijiet finanzjarji jew siltiet minn dikjarazzjonijiet finanzjarji, meta l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tkun meħtieġa skont il-liġi tal-pajjiż li fih ikun stabbilit l-operatur ekonomiku;

(c) dikjarazzjoni tal-fatturat tal-operatur ekonomiku għal massimu tal-aħħar tliet snin finanzjarji disponibbli, skont id-data li fiha l-operatur ekonomiku ġie stabbilit jew beda jinnegozja, sa fejn l-informazzjoni dwar tali fatturat tkun disponibbli;

(d) pjan ta' direzzjoni tan-negozju appoġġat minn dikjarazzjonijiet jew minn evidenza oħra tal-assi finanzjarji tanġibbli u intanġibbli tal-operatur ekonomiku, inklużi l-assi tal-proprjetà intellettwali tiegħu, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn investituri finanzjarji jew minn korpi ta' finanzjament, jew evidenza ta' kapital proprju investit fl-operatur ekonomiku.

Meta tkun meħtieġa kapaċità finanzjarja minima, din ma għandhiex taqbeż il-50% tal-valur stmat tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, ħlief meta debitament ġustifikat bħal

[42] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 15.6.2017, p.15).

f'każijiet relatati ma' riskji speċjali marbuta man-natura tas-servizzi tar-R&Ż akkwistati. Kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż. Ix-xerrej pubbliku għandu jispeċifika r-raġunijiet ewlenin għal rekwiżit bħal dan fid-dokumenti tal-akkwist.

Fil-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja u ekonomika minima, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jikkunsidraw informazzjoni mill-kontijiet annwali tal-operatur ekonomiku biss meta x-xerrej pubbliku jkun speċifika l-metodi u l-kriterji għal tali kunsiderazzjoni fid-dokumenti tal-akkwist. Dawn il-metodi u kriterji għandhom ikunu trasparenti, oġġettivi u nondiskriminatorji.

Meta x-xerrejja pubbliċi jimponu kriterji għall-għażla tal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja f'konformità mal-paragrafu 6, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jippermettu lill-offerenti jipprovdu l-prova msemmija f'dan il-paragrafu, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), bejn id-data li fiha x-xerrej pubbliku jinnotifika lill-offerenti dwar id-deċiżjoni li jingħata l-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż u d-data tal-iffirmar ta' dak il-kuntratt.

9. Meta x-xerrejja pubbliċi jirrikjedu assigurazzjoni ta' indennizz għar-riskju professjonali, dawn għandhom jiżguraw u għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni fid-dokumenti tal-akkwist li l-kopertura tar-responsabbiltà meħtieġa tkun proporzjonata għall-ammont raġonevolment prevedibbli ta' telf jew ta' dannu li l-kuntratturi u s-sottokuntratturi jistgħu jikkawżaw matul jew bħala riżultat tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

10. Meta l-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż applikata mix-xerrej pubbliku ma tinkludix għażla minn qabel tal-operaturi ekonomiċi abbażi tal-kriterji tal-esklużjoni jew tal-għażla, ix-xerrej pubbliku għandu jitlob evidenza dokumentarja sħiħa li tagħti prova tal-konformità mar-raġunijiat għall-esklużjoni u mal-kriterji tal-għażla applikabbli biss mill-offerti rebbieħa li jkunu kklassifikaw l-ogħla abbażi tal-kriterji tal-għoti. L-informazzjoni li tista' tiġi ddeterminata minn bażijiet tad-data nazzjonali eżistenti stabbiliti minn korp pubbliku, jew mir-reġistrazzjoni f'listi jew f'ċertifikazzjonijiet uffiċjali ma għandhiex tiġi kkontestata mingħajr ġustifikazzjoni suffiċjenti.

11. Meta l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni sottomessa mill-operaturi ekonomiċi tkun jew tidher li tkun mhux kompluta jew żbaljata jew meta jkunu neqsin dokumenti speċifiċi, ix-xerrejja pubbliċi, f'konformità mal-prinċipji tat-trattament ugwali u tat-trasparenza, għandhom jipprovdu lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati bl-opportunità li jissottomettu, jissupplimentaw, jiċċaraw jew jikkompletaw l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni rilevanti f'limitu ta' żmien xieraq biex jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas li jirriżulta minn informalità jew minn irregolarità minuri ta' offerta li ma tpoġġix f'dubju d-deċiżjoni li jingħataw il-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż.

Artikolu 10

Garanziji finanzjarji

1. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirrikjedu li l-offerenti jipprovdu garanziji ta' offerti, garanziji ta' eżekuzzjoni jew garanziji ta' żamma dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) l-ammont tal-garanziji tal-offerti ma jaqbiżx it-2% tal-valur totali stmat tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, b'ammont massimu tal-garanzija tal-offerta ta' EUR 500 000 għal kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż b'valur stmat ta' aktar minn

EUR 5 000 000 u minn EUR 100 000 għal kuntratti b'valur stmat ta' inqas minn EUR 5 000 000.

(b) għall-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż b'valur tal-kuntratt stmat ta' aktar minn EUR 500000, l-ammont tal-garanziji ta' prestazzjoni u ta' żamma ma jaqbiżx il-5% tal-prezz speċifiku tal-kuntratt, li jista' jiżdied għal 10% għal kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż kumplessi jew riskjużi ħafna meta jkun ġustifikat minn analiżi tar-riskju.

(c) Għal kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż b'valur stmat tal-kuntratt ta' inqas minn EUR 500000, ma għandha tkun meħtieġa l-ebda garanzija ta' prestazzjoni jew żamma.

2. Il-valuri tal-garanziji ta' offerti, ta' prestazzjoni u ta' żamma li x-xerrejja pubbliċi jeħtieġu mill-offerenti għandhom jitnaqqsu b'50% għall-SMEs, għall-istartups innovattivi u għall-iscaleups innovattivi.

3. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiżguraw it-tnaqqis f'waqtu jew ir-rilaxx ta' garanziji finanzjarji ladarba ma jibqgħux ġustifikati.

Artikolu 17

Kriterji tal-għoti relatati mal-innovazzjoni

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jagħtu l-kuntratt lill-operatur ekonomiku li joffri l-aħjar kwalità għall-flus. Għal dak l-għan, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jevalwaw l-offerti riċevuti skont l-aħjar metodu ta' proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità. Sabiex jiġi ddeterminat l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jevalwaw l-offerti permezz ta' tqabbil tal-prezz u tal-kwalità tagħhom, b'din tal-aħħar abbażi tal-kriterji tal-kwalità relatati mas-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż. Il-kostijiet jistgħu jitqiesu wkoll meta jiġi ddeterminat l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità. Meta jiġu evalwati l-offerti abbażi tal-aħjar metodu tal-kwalità tal-prezz, il-piż kombinat tal-kriterji kollha tal-għoti tal-kwalità għandu jirrappreżenta mill-inqas 50% tal-ponderazzjoni totali tal-kriterji tal-għoti kollha. Il-kriterju tal-prezz għandu jkun relatat biss mal-prezz tal-offerta. Il-ponderazzjoni mogħtija lill-kriterji relatati mal-kost totali tas-sjieda għandha tingħadd fi ħdan is-sehem perċentwali rispettiv.

2. Il-kriterji tal-kwalità għandhom jirreferu għal kwalunkwe kriterju użat biex jiġi vvalutat il-grad sa fejn offerta tipproponi eżiti ta' benefiċċju, effiċjenti jew sostenibbli fir-rigward tas-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

Il-kwalità tal-offerta tista', pereżempju, tkun relatata mal-aspetti li ġejjin:

(a) il-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibbiltà, id-disinn għall-utenti kollha, il-metodi ta' riċerka u ta' żvilupp;

(b) l-objettivi ambjentali, relatati mal-klima, soċjali u ta' innovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(6), l-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika f'konformità mal-Artikolu 28, jew ir-rekwiżiti ta' preferenza Ewropea fejn xerrej pubbliku japplika dawk ir-rekwiżiti fil-forma ta' allokazzjoni tal-punti tal-għoti;

(c) il-kwalità tal-persunal assenjat li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-livell ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt, bħall-organizzazzjoni, il-kwalifika u l-esperjenza tal-persunal assenjat għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż;

(d) il-kwalità tal-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kwalità tal-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż;

3. Il-kriterji tal-għoti għandhom ikunu nondiskriminatorji, proporzjonati, speċifiċi, oġġettivi u li jistgħu jitkejlu; dawn għandhom jiġu evalwati fi proċess li jkun fih biżżejjed salvagwardji kontra l-irregolaritajiet. Dawn għandhom jippermettu lix-xerrej pubbliku jqabbel b'mod effettiv il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tas-servizzi ta' R&Ż offruti u ma għandux ikollhom l-effett li jagħtu libertà tal-għażla mingħajr restrizzjonijiet lix-xerrej pubbliku.

4. Fil-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi għandhom japplikaw, bħala parti mill-kriterji tal-għoti tal-kwalità msemmija fil-paragrafu 2, mill-kriterji tal-għoti tal-kwalità mfassla biex ikejlu l-impatt potenzjali tal-offerti fuq l-innovazzjoni u fuq il-ħolqien ta' valur miżjud għall-Unjoni. Tali kriterji tal-għoti tal-kwalità relatati mal-innovazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 2(e) ta' dan l-Artikolu, għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) il-grad ta' innovattività tal-offerta u l-punt sa fejn dan il-grad ta' innovattività jikkontribwixxu għall-kwalità ġenerali tal-proposta li għandha tiġi rriċerkata, żviluppata jew ittestjata matul l-akkwist tar-R&Ż, fejn possibbli bl-użu ta' kriterji tal-kwalità li huma speċifiċi għar-riżultati maħsuba tal-akkwist tar-R&Ż;

(b) il-kost totali tas-sjieda u l-benefiċċji fit-tul tal-offerta, inkluż l-impatt ta' kwalunkwe approċċ tal-inġinerija tal-valur li huwa propost fl-offerta fuq dawk il-kostijiet u l-benefiċċji;

(c) l-impatt tal-offerta fuq it-tisħiħ tal-katina tal-provvista tat-teknoloġija u l-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni fl-Unjoni, inkluż għal teknoloġiji kritiċi;

(d) is-sehem tal-valur tal-attivitajiet li huma proposti li jitwettqu fl-Unjoni bħala parti mill-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż;

(e) fejn applikabbli, il-punt sa fejn l-offerent jipproponi li jintegra t-teknoloġiji żviluppati fl-Unjoni, inklużi r-riżultati tar-riċerka u tal-iżvilupp li jirriżultaw minn programmi ta' riċerka u ta' żvilupp iffinanzjati pubblikament fis-suq intern u jagħmel użu minn għodod, bħal standards, speċifikazzjonijiet, software jew mudelli jew teknoloġija oħra żviluppata fl-Unjoni.

5. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu japplikaw kriterji tal-għoti oħrajn relatati mal-innovazzjoni minbarra dawk stabbiliti fil-paragrafu 4. Il-ponderazzjoni kombinata tal-kriterji tal-għoti kollha relatati mal-innovazzjoni għandha tkun mill-inqas 15% tal-ponderazzjoni totali tal-kriterji tal-għoti kollha, u l-ponderazzjoni kombinata tal-kriterji tal-għoti relatati mal-innovazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c), (d) u (e) ma għandhiex taqbeż il-15% tal-ponderazzjoni totali tal-kriterji tal-għoti kollha. Il-kriterji tal-għoti relatati mal-innovazzjoni huma parti mill-kriterji tal-għoti tal-kwalità msemmija fil-paragrafu 2.

6. B'deroga mill-paragrafi 4 u 5, l-obbligu li jiġu applikati kriterji tal-għoti relatati mal-innovazzjoni skont dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż li għandhom bħala l-uniku suġġett tagħhom l-akkwist ta' servizzi ta' konsulenza dwar ir-riċerka u l-iżvilupp kif kopert mill-kodiċijiet 73200000-4, 73210000-7 u 73220000-0 tas-CPV.

Artikolu 18

Formulazzjoni tar-rekwiżiti għall-karatteristiċi tas-servizzi ta' R&Ż akkwistati

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-karatteristiċi tas-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp li għandhom jiġu akkwistati u tar-riżultati maħsuba tagħhom fid-dokumenti tal-akkwist fl-ordni ta' preċedenza li ġejja:

   (a) ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi;

   (b) ir-rekwiżiti funzjonali;

   (c) ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni;

   (d) ir-rekwiżiti tat-tfassil;

   Ix-xerrejja pubbliċi għandhom japplikaw l-ordni ta' preferenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu għal kull karatteristika individwalment.

   Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fid-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali applikabbli, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jabbozzaw ir-rekwiżiti kollha msemmija f'dan il-paragrafu b'mod li jippermetti lill-offerent jagħti prova tal-konformità permezz ta' kwalunkwe evidenza ekwivalenti alternattiva.

2. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jifformulaw biss rekwiżit bħala rekwiżit tal-prestazzjoni jew rekwiżit tat-tfassil, meta ma jkunx prattikabbli li tali rekwiżit jiġi abbozzat bħala rekwiżit funzjonali.

3. Meta għal karatteristika speċifika ma jkun hemm l-ebda rekwiżit obbligatorju mil-liġi u meta karatteristika speċifika ma tkunx tista' tiġi deskritta b'mod suffiċjenti permezz tar-rekwiżiti fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti għal dik il-karatteristika jistgħu jiġu fformulati bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin b'referenza, f'ordni ta' preċedenza, għal:

   (a) standards armonizzati, kif ukoll standards u riżultati tanġibbli tal-istandardizzazzjoni li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati għall-finijiet ta' dan il-paragrafu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew bi kwalunkwe mezz ieħor kif previst f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mal-ispeċifikazzjonijiet komuni, mifhuma bħala speċifikazzjoni teknika għajr standard u adottata mill-Kummissjoni, u li l-konformità magħhom tipprevedi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni;

   (b) standards Ewropej kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, inklużi standards nazzjonali li jittrasponu standards Ewropej;

   (c) Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni;

   (d) standards internazzjonali;

   (e) strumenti oħra ta' standardizzazzjoni stabbiliti minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

   (f) fejn ma teżisti l-ebda waħda mir-referenzi elenkati fil-punti (a) sa (f), standards nazzjonali, approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew speċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali.

   Kull referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti" sakemm ma ssirx referenza għal speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati obbligatorji.

4. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiżguraw li d-dokumenti tal-akkwist ma jirreferux għal għamla, għal isem ta' ditta jew għal sors speċifiku, jew għal proċess partikolari li jikkaratterizza l-prodotti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet ipprovduti minn operatur ekonomiku speċifiku, jew għal trademarks, għal privattivi, għal tipi jew għal oriġini jew għal produzzjoni speċifika bl-effett li jiffavorixxu jew jeliminaw lil ċerti operaturi jew prodotti, servizzi jew xogħlijiet.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, tali referenzi għandhom ikunu permessi biss meta ma tkunx possibbli deskrizzjoni preċiża u intelliġibbli biżżejjed tas-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż skont il-paragrafi 1, 2 u 3. Ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx jidderogaw minn dan l-obbligu sakemm ma jkunux iġġustifikati mis-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, u f'dak il-każ, ir-referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti".

Artikolu 19

Kondiviżjoni tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għar-riżultati ġġenerati minn kuntrattur fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż ma jsirux dovuti esklużivament għax-xerrej pubbliku għall-użu minnu fit-twettiq tal-affarijiet tiegħu iżda li x-xerrej pubbliku jikkondividi mal-kuntrattur skont il-kundizzjonijiet tas-suq ir-riskji u l-benefiċċji relatati ma' dawk id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Sabiex jissodisfaw dan ir-rekwiżit, ix-xerrejja pubbliċi u l-kuntratturi għandhom jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 9:

2. Il-kuntratturi għandu jkollhom id-dritt li jżommu s-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għar-riżultati li jkunu ġġeneraw fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż. Il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż għandu jipprovdi dan id-dritt lill-kuntratturi soġġetti għal obbligu fuq il-kuntratturi li jipproteġu r-riżultati tagħhom, li jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jikkummerċjalizzaw ir-riżultati tagħhom u li ma jużawx ir-riżultati li jmorru kontra l-interess pubbliku.

3. Il-kuntratturi għandhom jinnotifikaw lix-xerrejja pubbliċi malajr kemm jista' jkun bi kwalunkwe riżultat li jista' jiġi sfruttat f'perjodu massimu mill-ġenerazzjoni tar-riżultati speċifikati fil-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż. Din in-notifika għandha tinkludi d-deċiżjoni tal-kuntrattur li jipproteġi u jikkumerċjalizza dawn ir-riżultati. Meta l-kuntratturi jiddeċiedu li ma jipproteġux jew ma jikkummerċjalizzawx ir-riżultati kif definiti fil-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, ix-xerrej pubbliku għandu, b'deroga mill-paragrafu 2 u mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet morali tal-awturi, ikollu d-dritt:

   (a) li jagħti, bi qbil mal-kuntrattur, lill-persunal tal-kuntrattur id-dritt li jipproteġi dawk ir-riżultati u jikseb is-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għal dawk ir-riżultati; jew

   (b) li jipproteġi huwa stess dawk ir-riżultati, jikseb huwa stess is-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għal dawk ir-riżultati, u jittrasferixxi jew jilliċenzja r-riżultati skont kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli u b'mod mhux diskriminatorju.

4. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jiksbu tal-inqas aċċess liberu għal dawk ir-riżultati ġġenerati mill-kuntratturi fil-kuntest ta' kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż għall-użu mill-kuntratturi kurrenti u futuri tagħhom fl-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe kuntratt mogħti minn dawk ix-xerrejja pubbliċi. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jirrikjedu wkoll li,

minbarra d-drittijiet għall-użu, tali aċċess liberu jinkludi drittijiet oħra ta' aċċess bħal dawn biex jimmodifikaw u jżommu r-riżultati.

5. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn il-kuntratturi ma jkunux jistgħu jissodisfaw id-domanda sussegwenti għar-riżultati tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż fis-suq tal-Unjoni, ix-xerrejja pubbliċi għandu jkollhom id-dritt li jagħtu liċenzji jew li jirrikjedu lill-kuntratturi jagħtu liċenzji lil partijiet terzi biex jużaw kummerċjalment ir-riżultati tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż fuq bażi mhux esklużiva, mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzjar, u f'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli.

6. Meta l-kuntratturi jonqsu milli jikkummerċjalizzaw ir-riżultati tagħhom f'perjodu raġonevoli kif previst fil-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż iżda jipprovdu raġunijiet leġittimi għal dak il-falliment, ix-xerrejja pubbliċi għandhom:

   (a) jivverifikaw mal-kuntratturi jekk humiex kapaċi u lesti jikkummerċjalizzaw ir-riżultati jekk jingħataw ammont raġonevoli ta' żmien addizzjonali;

   (b) biss f'każ li jiġi vverifikat li l-kuntratturi ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jikkummerċjalizzaw ir-riżultati, jew jonqsu milli jikkummerċjalizzaw ir-riżultati fiż-żmien addizzjonali msemmi fil-punt (a), ikollhom id-dritt li:

      (a) jagħtu liċenzji jew jirrikjedu li l-kuntratturi jagħtu liċenzji lil partijiet terzi, taħt kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, biex jużaw kummerċjalment ir-riżultati tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż fuq bażi mhux esklużiva, mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzjar; jew

      (b) f'każ li azzjoni ta' liċenzjar kif imsemmija fil-punt (i) ma tkunx biżżejjed biex tinkiseb il-kummerċjalizzazzjoni meħtieġa mill-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż biss, jirrekjedu li l-kuntrattur jittrasferixxi s-sjieda ta' dawk ir-riżultati lix-xerrejja pubbliċi, f'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet morali tal-awturi.

7. Meta l-kuntratturi jonqsu milli jikkummerċjalizzaw ir-riżultati tagħhom f'perjodu raġonevoli previst fil-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż u jonqsu milli jiġġustifikaw dan b'raġunijiet leġittimi jew meta l-kuntratturi jużaw dawk ir-riżultati b'mod li jmur kontra l-interess pubbliku, u meta l-isforzi mwettqa mix-xerrejja pubbliċi biex jiksbu fi żmien raġonevoli awtorizzazzjoni mingħand il-kuntratturi biex jilliċenzjaw ir-riżultati skont kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli jkunu fallew, ix-xerrejja pubbliċi għandu jkollhom id-dritt li:

   (a) jagħtu liċenzji jew jirrikjedu li l-kuntratturi jagħtu liċenzji lil partijiet terzi biex jużaw kummerċjalment ir-riżultati tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż fuq bażi mhux esklużiva, mingħajr ebda dritt għal sottoliċenzja mingħajr ma jipprovdu kumpens finanzjarju lill-kuntratturi; jew

   (b) f'każ li l-azzjoni fil-punt (a) ma tkunx biżżejjed biex tipprevjeni l-użu tar-riżultati b'mod li jmur kontra l-interess pubbliku jew tinkiseb il-kummerċjalizzazzjoni meħtieġa mill-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, jirrikjedu li l-kuntrattur jittrasferixxi s-sjieda mingħajr dawk ir-riżultati lix-xerrejja pubbliċi, mingħajr ma jipprovdu kumpens finanzjarju lill-kuntratturi, mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet morali tal-awturi.

8. Għall-fini tal-paragrafi 6 u 7, ir-raġunijiet leġittimi jinkludu fejn il-kuntrattur juri li jkun għamel l-aħjar sforzi tiegħu biex jikkummerċjalizza r-riżultati u biex jevita l-abbuż tar-riżultati b'mod li jmur kontra l-interess pubbliku.

9. Il-kuntratturi għandhom jinnotifikaw lix-xerrejja pubbliċi minn qabel bi kwalunkwe intenzjoni li jwettqu liċenzjar esklużiv jew trasferiment tas-sjieda tar-riżultati tal-akkwist tar-R&Ż. Ix-xerrejja pubbliċi għandu jkollhom id-dritt li joġġezzjonaw għal-liċenzjar esklużiv jew għat-trasferiment tas-sjieda tar-riżultati tal-akkwist tar-R&Ż mill-kuntratturi fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta tali liċenzjar jew trasferiment ikollu impatt negattiv fuq l-aċċess tax-xerrej pubbliku għar-riżultati jew għall-isfruttament kummerċjali tar-riżultati;

(b) meta tali liċenzjar jew trasferiment ikun imur kontra l-interess pubbliku f'setturi ta' importanza vitali għall-iżvilupp soċjoekonomiku jew teknoloġiku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tax-xerrejja pubbliċi;

(c) meta dawk ir-riżultati jsiru soġġetti għal kontroll jew għal restrizzjonijiet oħra minn pajjiż għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 11(1), b'mod li jħalli impatt negattiv fuq l-aċċess tax-xerrej pubbliku għar-riżultati jew fuq il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, kif imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, jew b'mod li jmur kontra l-interess pubbliku, kif imsemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu.

10. Għall-akkwisti tar-R&Ż li ma humiex akkwisti prekummerċjali, b'deroga mill-paragrafi 1 sa 9, fejn ġustifikat minn kwalunkwe waħda mir-raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku li ġejjin li għandhom jiġu speċifikati fid-dokumenti tal-akkwist, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jiksbu s-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għar-riżultati ġġenerati mill-kuntratturi fil-kuntest ta' kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż:

(a) meta jkun neċessarju u ġustifikat għall-iżgurar tal-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2);

(b) meta jkun neċessarju għall-prevenzjoni ta' abbuż tar-riżultati mill-kuntratturi jew minn partijiet terzi oħra u ma jkun hemm l-ebda mod effettiv ieħor għall-prevenzjoni ta' tali abbuż.

(c) meta x-xerrej pubbliku jkollu l-intenzjoni li jkollu drittijiet esklużivi biex jisfrutta d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għar-riżultati ġġenerati mill-kuntratturi;

Meta x-xerrejja pubbliċi jiksbu sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'konformità mal-ewwel subparagrafu:

(a) jekk jonqsu milli jisfruttaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali miksuba skont il-punt (c) tal-paragrafu 10 fi ħdan perjodu ta' erba' snin mid-data tal-kisba tas-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, huma għandhom joffru li jittrasferixxu s-sjieda ta' dawk id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew jilliċenzjawhom b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli u b'mod mhux diskriminatorju;

(b) jekk jiddeċiedu li jittrasferixxu s-sjieda ta' dawn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew jilliċenzjawhom, huma għandhom jagħmlu dan f'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli u b'mod mhux diskriminatorju;

(c) huma għandhom jiżguraw li r-riżultati kollha li ma jwasslux għal drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkunu jistgħu jixxerdu b'mod wiesa', mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' kunfidenzjalità u ta' protezzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 26.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 39 biex temenda l-lista ta' każijiet stabbilita fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) l-impatt fuq iż-żieda tal-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-R&Ż;

(b) l-impatt fuq it-titjib tal-aċċess tal-intrapriżi innovattivi, inkluż b'mod partikolari l-istartups u l-iscaleups innovattivi, u tal-parteċipanti l-ġodda fis-suq;

(c) l-impatt fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku jew teknoloġiku fl-Unjoni;

(d) l-impatt fuq l-awtonomija strateġika u fuq is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni;

(e) l-impatt fuq il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi;

11. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom:

(a) jirrikjedu li l-kuntratturi jistipulaw fi ftehimiet ta' sottokuntrattar, li s-sottokuntratturi jkunu marbuta bl-istess drittijiet u obbligi tal-proprjetà intellettwali bħal dawk applikabbli għall-kuntratturi skont il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, b'mod partikolari li fi kwalunkwe ftehim ta' trasferiment jew ta' liċenzjar, l-obbligi tal-kuntrattur skont il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż jingħaddew lis-sid jew lil-liċenzjatarju l-ġdid u li s-sid jew il-liċenzjatarju l-ġdid ikollu l-obbligu li jgħaddihom lil ta' warajh fi kwalunkwe trasferiment jew liċenzjar sussegwenti.

(b) meta jkunu qed ifasslu u jimplimentaw obbligi li jaffettwaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-kuntest tal-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż, jikkonformaw mad-dritt applikabbli tal-Unjoni dwar il-proprjetà intellettwali, mal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (TRIPS)[43] u ma' obbligi internazzjonali oħra tal-Unjoni jew tal-Istati Membri kkonċernati.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-parteċipazzjoni fl-akkwist tar-R&Ż ma tkunx ristretta għall-operaturi ekonomiċi li joriġinaw fl-Istati Membri, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi li joriġinaw f'Pajjiżi membri oħra tad-WTO b'mod mhux inqas favorevoli mill-operaturi ekonomiċi li joriġinaw fil-pajjiż tax-xerrej pubbliku stess fir-rigward tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, ħlief fejn previst mod ieħor fil-Ftehim TRIPS.

Artikolu 20

Modifiki fil-kuntratti

1. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jimmodifikaw il-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż mogħtija matul it-terminu tagħhom mingħajr ma jniedu proċedura ġdida tal-akkwist tar-R&Ż meta dik il-possibbiltà, irrispettivament mill-valur monetarju tal-modifiki, tkun ġiet prevista fid-dokumenti tal-akkwist inizjali fi klawżoli ta' rieżami ċari, preċiżi u inekwivokabbli, li jistgħu jinkludu klawżoli jew għażliet ta' reviżjoni tal-prezzijiet. Dawn il-klawżoli għandhom jiddikjaraw l-ambitu u n-natura tal-modifiki jew l-

[43] Il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS), stabbilit fl-Anness 1C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, ĠU L 336, 23.12.1994, p. 214, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/800(16)/oj.

għażliet possibbli kif ukoll il-kundizzjonijiet li skonthom dawn jistgħu jintużaw. Klawżoli bħal dawn ma għandhomx jipprevedu modifiki jew għażliet li jbiddlu n-natura ġenerali tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

2. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jimmodifikaw ukoll il-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż mogħtija matul it-terminu tagħhom mingħajr proċedura ġdida tal-akkwist tar-R&Ż dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-modifika ma tkunx sostanzjali skont it-tifsira tal-paragrafu 3 jew meta l-modifika tkun sostanzjali iżda taqa' fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet elenkati fil-paragrafu 4;

   (b) il-modifika twieġeb għall-ħtiġijiet oġġettivi li jirriżultaw matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, hija limitata għal dak li huwa neċessarju u xieraq biex jiġu żgurati l-prestazzjoni u l-kontinwità tiegħu u ma jbiddlux il-bilanċ ekonomiku inizjali tal-kuntratt favur il-kuntrattur b'mod li ma kienx previst fil-kuntratt oriġinali.

3. Modifika għandha titqies bħala sostanzjali f'wieħed jew aktar mill-każijiet li ġejjin:

   (a) il-modifika tintroduċi kundizzjonijiet li, kieku kienu parti mill-proċedura tal-akkwist inizjali, kienu jippermettu l-ammissjoni ta' kandidati oħra minbarra dawk magħżula inizjalment jew l-aċċettazzjoni ta' offerta oħra minbarra dik aċċettata oriġinarjament jew kienu jattiraw parteċipanti addizzjonali fil-proċedura tal-akkwist;

   (b) meta tbiddel it-termini jew il-kundizzjonijiet essenzjali tal-kuntratt, bħal

   (c) bidla fil-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż favur il-kuntrattur b'mod li ma kienx previst fil-kuntratt oriġinali bħala konsegwenza ta' xi ħaġa minnhom;

      (a) estensjoni konsiderevoli tal-ambitu tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż;

      (b) l-identità tal-kuntrattur f'każijiet oħra għajr dawk previsti fil-paragrafu 4, il-punt (c).

4. Dment li ma jbiddlux il-bilanċ ekonomiku inizjali tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż favur il-kuntrattur b'mod li ma kienx previst fil-kuntratt inizjali tal-akkwist tar-R&Ż, modifiki sostanzjali għandhom ikunu permissibbli skont it-tifsira tal-paragrafu 2 biss fil-każijiet li ġejjin:

   (a) meta jkunu saru neċessarji servizzi addizzjonali, jew provvisti, matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, dment li bidla fil-kuntrattur ma tkunx teknikament jew ekonomikament fattibbli, inkluż minħabba l-interdipendenza ma' xogħlijiet jew ma' servizzi eżistenti jew żieda sostanzjali fil-kostijiet;

   (b) meta l-modifika tkun neċessarja minħabba ċirkostanzi li ma setgħux jiġu antiċipati b'mod raġonevoli minn xerrej pubbliku diliġenti fiż-żmien tat-tnedija tal-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, u li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-eżekuzzjoni jew il-fattibbiltà tal-kuntratt, inklużi:

      (a) bidliet sostanzjali fil-qafas regolatorju jew legali applikabbli;

      (ii) żviluppi teknoloġiċi maġġuri;

      (iii) tfixkil, emerġenzi jew kriżijiet severi b'impatt ekonomiku, soċjetali jew operazzjonali sinifikanti;

(c) meta l-kuntrattur oriġinali jiġi ssostitwit minn entità oħra f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) wara fużjoni, teħid tal-kontroll, akkwiżizzjoni, insolvenza jew ristrutturar korporattiv ieħor, operatur ekonomiku ieħor ikun is-suċċessur, kompletament jew parzjalment, għad-drittijiet u għall-obbligi tal-kuntrattur oriġinali, dment li l-entità l-ġdida tissodisfa l-kriterji tal-għażla kwalitattiva oriġinali, li ma ssir l-ebda modifika sostanzjali oħra għall-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż u li s-sostituzzjoni tkun maħsuba biex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament; jew

(ii) f'każ li x-xerrej pubbliku nnifsu jassumi l-obbligi tal-kuntrattur ewlieni lejn is-sottokuntratturi tiegħu meta din il-possibbiltà tkun prevista skont id-dritt nazzjonali.

5. Modifika li l-valur tagħha ma jaqbiżx il-15% tal-valur tal-kuntratt inizjali tal-akkwist tar-R&Ż għandha titqies mhux sostanzjali u tista' ssir mingħajr proċedura tal-akkwist ġdida, dment li l-modifika ma tibdilx il-bilanċ ekonomiku inizjali tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż favur il-kuntrattur b'mod li ma kienx previst fil-kuntratt inizjali tal-akkwist tar-R&Ż.

Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, il-limiti għandhom jiġu vvalutati abbażi tal-valur kumulattiv nett tal-modifiki suċċessivi.

6. Qabel ma jimmodifika l-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, ix-xerrej pubbliku għandu jistabbilixxi, abbażi ta' elementi oġġettivi u verifikabbli, li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ikunu ssodisfati. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom iżommu rekords dettaljati bil-miktub tal-elementi essenzjali tal-modifika, inkluża l-ġustifikazzjoni tagħha, in-neċessità jew l-adegwatezza tagħha, u l-impatt tagħha fuq il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt, b'mod partikolari fuq l-allokazzjoni tar-riskji u tal-vantaġġi ekonomiċi, biex jiġġustifikaw deċiżjonijiet biex jiġi mmodifikat il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż u biex tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità ma' dan l-Artikolu mill-korpi superviżorji, tal-awditjar u tar-rieżami kompetenti.

7. Qabel kwalunkwe modifika ta' kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż li taqbeż il-50% tal-valur stmat inizjali tal-kuntratt, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jippubblikaw avviż ta' modifika ta' kuntratt għal dak l-għan. Tali avviż għandu jkun fih il-ġustifikazzjoni għall-modifika mingħajr proċedura tal-akkwist ġdida. Modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' dan ir-Regolament.

8. Meta x-xerrejja pubbliċi jimmodifikaw sostanzjalment kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż f'konformità mal-paragrafu 4, u l-modifika ma taqbiżx il-50% tal-valur stmat inizjali tal-kuntratt, huma għandhom jippubblikaw avviż ta' modifika ta' kuntratt fi żmien 20 jum kalendarju mid-data li fiha tkun saret il-modifika.

9. Il-modifiki ta' kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż ma għandhomx jintużaw biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet tal-eżekuzzjoni tal-kuntrattur li ma humiex iġġustifikati minn ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tiegħu.

Artikolu 21

Inġinerija tal-valur

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom idaħħlu klawżola tal-inġinerija tal-valur fil-kuntratti kollha tal-akkwist tar-R&Ż soġġetti għal dan ir-Regolament b'valur stmat nett mill-VAT li jaqbeż:

(a) EUR 10 miljun minn… [OP please insert date 1 year from the date of entry into force of this Regulation];

(b) EUR 9 miljun minn… [OP please insert date 2 year from the date of entry into force of this Regulation];

(c) EUR 8 miljun minn… [OP please insert date 3 year from the date of entry into force of this Regulation];

(d) EUR 7 miljun minn… [OP please insert date 3 year from the date of entry into force of this Regulation];

(e) EUR 6 miljun minn… [OP please insert date 4 year from the date of entry into force of this Regulation];

(f) EUR 5 miljun minn… [OP please insert date 5 years from the date of entry into force of this Regulation].

Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jinkludu klawżola dwar l-inġinerija tal-valur fil-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż b'valur stmat aktar baxx.

2. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jinkludu fil-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż:

(a) klawżoli tal-inġinerija tal-valur li jħeġġu lill-kuntratturi jissottomettu proposti għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż ("klawżoli tal-inġinerija tal-valur volontarja"); jew

(b) klawżoli tal-inġinerija tal-valur li jirrikjedu li l-kuntratturi jissottomettu lix-xerrej pubbliku proposti għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur f'intervalli regolari matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż ("klawżoli tal-inġinerija tal-valur obbligatorja").

Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jużaw l-inġinerija tal-valur obbligatorja msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għall-kuntratt kollu tal-akkwist tar-R&Ż jew biss għal partijiet mill-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

Meta x-xerrejja pubbliċi jużaw l-inġinerija tal-valur obbligatorja għal partijiet mill-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, huma għandhom jifformulaw, fid-dokumenti tal-akkwist, ir-rekwiżiti relatati ma' dawk il-partijiet bħala rekwiżiti funzjonali jew ta' prestazzjoni.

Il-kuntratturi għandhom jinkludu klawżoli korrispondenti tal-inġinerija tal-valur obbligatorja jew volontarja fi kwalunkwe ftehim ta' sottokuntrattar li jaqbeż il-valuri msemmija fil-paragrafu 1 fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' sottokuntrattar. Dawn jistgħu jinkludu klawżoli tal-inġinerija tal-valur obbligatorji jew volontarji korrispondenti fi ftehimiet ta' sottokuntrattar taħt dawk il-valuri.

3. Meta l-kuntratturi jissottomettu proposti għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, dawn għandhom jinkludu f'dawk il-proposti:

(a) il-bidliet proposti kollha għal kwalunkwe wieħed mis-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp akkwistati bħala parti mill-akkwist tar-R&Ż

(b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe impatt li l-bidliet proposti msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jista' jkollhom fuq id-drittijiet u fuq l-obbligi tal-partijiet għall-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, inkluż fuq il-prezz ta' partijiet differenti tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż kif imsemmi fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jew fuq il-kompiti tal-kuntrattur;

(c) analiżi bbażata fuq l-evidenza tal-kost u l-benefiċċju mistennija tal-bidliet proposti;

(d) fil-każ ta' sottokuntrattar, kwalunkwe proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur mis-sottokuntratturi tagħhom, li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur tal-kuntrattur

4. Ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx jaċċettaw proposti għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur li:

(a) ibiddlu s-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż;

(b) ifixklu l-funzjonijiet jew il-karatteristiċi essenzjali tas-servizzi ta' R&Ż akkwistati jew ir-riżultati maħsuba tagħhom kif deskritti fir-rekwiżiti funzjonali jew ta' prestazzjoni;

(c) jinvolvu bidla fil-kwantitajiet konsenjabbli tas-servizzi ta' R&Ż akkwistati u tar-riżultati maħsuba tagħhom biss;

(d) jinvolvu bidla fl-oġġetti finali tar-riċerka u l-iżvilupp jew fil-kwantitajiet tat-testijiet tar-riċerka u l-iżvilupp li jirriżultaw biss minn ittestjar preċedenti skont il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

5. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jispeċifikaw fid-dokumenti tal-akkwist li jistgħu japprovaw emendi li jistgħu jnaqqsu jew iżidu l-prezz tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż wara proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur mill-kuntrattur. Id-dokumenti tal-akkwist għandhom jispeċifikaw il-limiti taż-żidiet permessi fil-prezz tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż minħabba emendi tal-kuntratt li japplikaw proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur. Kwalunkwe emenda tal-kuntratt bħal din għall-inġinerija tal-valur għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 20.

6. Fid-dokumenti tal-akkwist, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jistabbilixxu r-rati tal-kondiviżjoni tal-inċentivi li jikkondividu bejn ix-xerrejja pubbliċi u l-kuntratturi kwalunkwe ffrankar nett tal-kostijiet miksub għax-xerrejja pubbliċi minn proposti aċċettati għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur fuq il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż li jkun għaddej. Meta proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur toħloq iffrankar nett tal-kostijiet għax-xerrejja pubbliċi fuq kuntratti futuri potenzjali tal-akkwist tar-R&Ż, id-dokumenti tal-akkwist għandhom jispeċifikaw jekk ix-xerrej pubbliku jħallasx is-sehem tal-kuntrattur tal-iffrankar tal-kuntratt bħala pagament uniku jew bħala serje ta' pagamenti maż-żmien waqt li jingħataw kuntratti futuri tal-akkwist tar-R&Ż. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiżguraw li s-sehem tal-kuntrattur tal-iffrankar tal-kostijiet li huma jħallsu lill-kuntrattur bħala parti mill-akkwist tar-R&Ż ma jkunx daqs jew jaqbeż il-kost tas-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp imwettqa bħala parti mill-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

7. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jaċċettaw jew jirrifjutaw b'mod unilaterali kwalunkwe proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur, kompletament jew parzjalment. Jekk ix-xerrej pubbliku ma jaċċettax proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur, ix-xerrej pubbliku għandu jinnotifika lill-kuntrattur bil-miktub, filwaqt li jispjega r-raġunijiet għar-rifjut. Il-kuntrattur jista' jirtira kwalunkwe proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur, kompletament jew parzjalment, fi kwalunkwe ħin qabel ma tiġi aċċettata mix-xerrej pubbliku. Sakemm emenda għall-kuntratt tapplika proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur għall-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż li jkun għaddej, il-kuntrattur għandu jkompli jwettaq l-obbligi tiegħu f'konformità mal-kuntratt eżistenti tal-akkwist tar-R&Ż.

Artikolu 22

Akkwist minn diversi sorsi

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom japplikaw akkwist minn diversi sorsi fil-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż u għandhom jagħtu kuntratti multipli tal-akkwist tar-R&Ż lil kuntratturi multipli.

2. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jindikaw l-għadd minimu ta' kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż li huma mistennija li jingħataw fid-dokumenti tal-akkwist f'konformità mal-paragrafu 1.

3. Il-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż minn diversi sorsi għandhom jingħataw u jiġu ffirmati fl-ordni tal-lista kklassifikata ta' offerti mill-ogħla punteġġ sal-aktar wieħed baxx abbażi tal-evalwazzjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 11, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet debitament ġustifikati biex wieħed jipproċedi mod ieħor, f'konformità sħiħa mal-prinċipji tat-trattament ugwali u tat-trasparenza. Il-kuntratti kollha tal-akkwist tar-R&Ż għandhom jingħataw fl-istess proċedura tal-akkwist tar-R&Ż.

4. Sabiex jiġi ddeterminat l-għadd ta' kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż li għandhom jingħataw f'konformità mal-paragrafu 1, ix-xerrejja pubbliċi għandhom iqisu l-benefiċċji li jista' jiġġenera l-akkwist minn diversi sorsi sabiex:

   (a) tiġi evitata d-dipendenza żejda minn kuntrattur wieħed jew minn għadd limitat ta' kuntratturi għal prodotti, xogħlijiet jew servizzi li huma essenzjali għall-operazzjonijiet interni jew esterni tax-xerrej pubbliku, jew għal prodotti, xogħlijiet jew servizzi li huma bbażati fuq teknoloġiji kritiċi jew materja prima kritika;

   (b) jitnaqqsu r-riskji tat-teknoloġija jew tal-innovazzjoni inkluż billi jiġu stimulati l-iżvilupp, l-ittestjar jew l-integrazzjoni ta' riżultati alternattivi minn kuntratturi differenti;

   (c) jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ma jkunx hemm biżżejjed kompetizzjoni fis-suq jew jiġi evitat jew jitnaqqas l-intrappolament tal-fornituri billi tiġi stimolata aktar kompetizzjoni fis-suq;

   (d) jiġi mmitigat it-tfixkil fis-servizz u l-punt uniku ta' falliment billi jiżguraw ridondanza teknika fl-infrastruttura, fin-network jew fis-sistema ta' twassil tas-servizz tax-xerrej pubbliku;

   (e) meta jkun neċessarju u ġustifikat għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), jiġi rriżervat għadd minimu ta' kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż għall-operaturi ekonomiċi li joriġinaw mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11(6).

5. B'deroga mill-paragrafu 1, meta jkun ġustifikat minn kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin, li għandhom jiġu speċifikati fid-dokumenti tal-akkwist, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jagħtu kuntratt uniku tal-akkwist tar-R&Ż mingħajr ma japplikaw l-akkwist minn diversi sorsi f'konformità ma' dan l-Artikolu:

   (a) proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż li għandhom bħala l-uniku suġġett tagħhom l-akkwist ta' servizzi ta' konsulenza dwar ir-riċerka u l-iżvilupp koperti mill-kodiċijiet 73200000-4, 73210000-7 u 73220000-0 tas-CPV;

(b) fl-akkwisti tar-R&Ż li ma humiex akkwisti prekummerċjali, fejn tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-riżultati tal-eżiti tal-konsultazzjoni tas-suq imsemmija fl-Artikolu 9 u tar-riċerka tas-suq jindikaw li s-suq ikun żgħir wisq biex diversi kuntratturi jipparteċipaw fil-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż;

(b) il-benefiċċji fit-tul tal-akkwist minn diversi sorsi kif elenkati fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma jisbqux il-kostijiet żejda għax-xerrej pubbliku li japplika l-akkwist minn diversi sorsi;

(c) l-għoti ta' kuntratt uniku tal-akkwist tar-R&Ż ikun neċessarju u ġustifikat biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2);

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 39 biex temenda l-lista ta' każijiet stabbilita fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) l-impatt fuq iż-żieda tal-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-R&Ż;

(b) l-impatt fuq it-titjib tal-aċċess tal-intrapriżi innovattivi, inkluż b'mod partikolari l-istartups u l-iscaleups innovattivi, u tal-parteċipanti l-ġodda fis-suq;

(c) l-impatt fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku jew teknoloġiku fl-Unjoni;

(d) l-impatt fuq l-awtonomija strateġika u fuq is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni;

(e) l-impatt fuq il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi;

Artikolu 23

Sejħa għall-offerti għall-akkwist tar-R&Ż

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom iħabbru t-tnedija tas-sejħa għall-offerti għall-akkwist tar-R&Ż permezz ta' avviż dwar kuntratt. Dak l-avviż għandu:

(a) jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u, wara dan, jiġi ppubblikat ukoll fuq il-portal nazzjonali tal-akkwist tal-Istat Membru tax-xerrej pubbliku;

(b) ikun fih l-elementi li ġejjin:

(a) referenzi għall-kodiċijiet tas-CPV rilevanti għas-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp

(b) indikazzjoni, fejn rilevanti, li s-sejħa għall-offerti hija relatata mal-innovazzjoni billi jiġi mmarkat il-kamp "innovazzjoni" fl-avviż dwar kuntratt u billi jiġi inkluż, fejn applikabbli, il-kliem "Akkwist Prekummerċjali" fil-kamp "titolu tal-akkwist";

(c) il-valur stmat tal-akkwist tar-R&Ż ikkalkolat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 10(5).

2. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jippromwovu b'mod wiesa' t-tnedija tas-sejħa għall-offerti għall-akkwist tar-R&Ż fis-suq. Għal dan l-għan, wara li jħabbru t-tnedija tas-

sejħa għall-offerti permezz ta' avviż dwar kuntratt, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jippubblikaw u jippromwovu t-tnedija tas-sejħa għall-offerti permezz ta' kwalunkwe media disponibbli b'mod wiesa'.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, meta jkun neċessarju u ġustifikat biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà jew tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew ta' diversi mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), ix-xerrejja pubbliċi għandhom jippubblikaw u jippromwovu l-avviż dwar kuntratt filwaqt li jeskludu l-informazzjoni sensittiva kollha u jitolbu lill-operaturi ekonomiċi jesprimu l-interess tagħhom li jissottomettu offerti għall-akkwist tar-R&Ż. L-informazzjoni sensittiva għandha tintbagħat biss lill-operaturi ekonomiċi li jkunu esprimew interess, jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u ma joħolqux riskju għas-sigurtà skont it-tifsira tal-Artikolu 28(4), il-punt (d).

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, meta l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u l-pubblikazzjoni ta' elementi oħra fid-dokumenti tal-akkwist imsemmija fl-Artikolu 10 imorru kontra l-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew ta' diversi mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2), ix-xerrejja pubbliċi għandhom jistiednu għall-offerti u jikkondividu d-dokumenti tal-akkwist biss ma' operaturi ekonomiċi potenzjalment xierqa li jkunu ġew identifikati matul il-konsultazzjoni tas-suq imsemmija fl-Artikolu 9 u matul ir-riċerka tas-suq, li jissodisfaw il-kriterji ta' kwalifika u li ma joħolqux riskju għas-sigurtà skont it-tifsira tal-Artikolu 28(4), il-punt (d).

5. Il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta tal-offerti għandu jkun ta' xahar mid-data li fiha l-avviż dwar kuntratt ikun intbagħat għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dan il-limitu ta' żmien minimu jista' jitqassar mix-xerrej pubbliku meta tkun ġiet attivata modalità ta' emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2024/2747[44], ikun ġie attivat il-qafas ta' emerġenza skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2372[45], ikun jeżisti theddid transfruntier serju għas-saħħa skont ir-Regolament (UE) 2022/2371[46], jew il-Kummissjoni tkun iddikjarat kriżi jew stat ta' emerġenza. Il-limitu ta' żmien massimu għax-xerrejja pubbliċi biex ilestu l-evalwazzjoni tal-offerti u jinnotifikaw lill-offerenti bid-deċiżjoni tal-għoti għandu jkun ta' 60 jum kalendarju mill-iskadenza għar-riċevuta tal-offerti.

6. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jivverifikaw, abbażi tal-informazzjoni fl-offerta, liema offerenti jkollhom aċċess għall-akkwist tar-R&Ż f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15(9), ix-xerrejja pubbliċi għandhom jevalwaw l-offerti kollha sottomessi mill-offerenti li jkollhom aċċess għall-akkwist tar-R&Ż abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji billi japplikaw ir-raġunijiet għall-

---

44 Ir-Regolament (UE) 2024/2747 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' miżuri relatati ma' emerġenzi tas-suq intern u mar-reżiljenza tas-suq intern u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 (Att dwar l-Emerġenzi u r-Reżiljenza tas-Suq Intern) (ĠU L, 2024/2747, 8.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2747/oj).

45 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2372 tal-24 ta' Ottubru 2022 dwar qafas ta' miżuri għall-iżgurar tal-provvista ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2372/oj).

46 Ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2371/oj).

esklużjoni applikabbli u l-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-Artikoli 13, 14 u 15, ir-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu ssodisfati mill-offerenti kollha u l-kriterji tal-għoti applikabbli msemmija fl-Artikolu 17, inklużi l-kriterji tal-għoti relatati mal-innovazzjoni, u għandhom jabbozzaw lista klassifikata tal-offerti evalwati.

8. Wara s-sottomissjoni tal-offerti inizjali, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jwettqu intervisti mal-operaturi ekonomiċi u jistgħu jwettqu negozjati f'sessjoni waħda jew aktar. Il-pubbliku għandu jiżgura li fi kwalunkwe ċiklu tan-negozjati, l-għadd ta' soluzzjonijiet diskussi jippermetti kompetizzjoni ġenwina. Wara kull ċiklu, u skont l-eżitu tan-negozjati, l-operaturi ekonomiċi li jipparteċipaw fin-negozjati għandhom jiġu mistiedna jissottomettu offerta riveduta u x-xerrejja pubbliċi jistgħu jiddeċiedu li jnaqqsu l-għadd ta' parteċipanti abbażi tal-kriterji tal-għoti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 17. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jinfurmaw lill-operaturi ekonomiċi meta tibda ċiklu ġdid tan-negozjati u jekk humiex se jiġu mistiedna jew le. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jinfurmaw lill-offerenti kollha, li l-offerti tagħhom ma jkunux ġew eliminati, bi kwalunkwe bidla fl-ispeċifikazzjonijiet jew bidliet f'partijiet oħra tad-dettall tal-akkwist minħabba n-negozjati Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jagħtu biżżejjed ħin lill-offerenti biex jimmodifikaw u jerġgħu jippreżentaw l-offerti emendati, kif xieraq. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jissottomettu offerti riveduti skont l-eżitu tan-negozjati. Meta xerrej pubbliku jkun iddeċieda li jikkonkludi n-negozjati u jipproċedi għall-għoti tal-kuntratt ta' akkwist tar-R&Ż, għandu jistieden lill-operaturi ekonomiċi li jifdal biex jissottomettu offerta finali.

9. Sa mhux aktar tard minn 30 jum wara l-konklużjoni tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jippubblikaw avviż ta' għoti ta' kuntratt f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u, wara, anki fuq il-portal tal-akkwist nazzjonali tagħhom, ħlief meta l-pubblikazzjoni tmur kontra l-interessi tas-sigurtà jew tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew ta' diversi mill-Istati Membri tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2).

L-avviż ta' għoti ta' kuntratt għandu jindika li l-proċedura tikkonċerna akkwist tar-R&Ż u hija relatata mal-innovazzjoni. Fejn applikabbli, ix-xerrej pubbliku għandu jinkludi l-kliem "akkwist prekummerċjali" fil-kamp "titolu tal-akkwist" u għandu jimmarka l-kamp "innovazzjoni" fl-avviż ta' għoti ta' kuntratt.

L-avviż ta' għoti ta' kuntratt għandu jinkludi informazzjoni dwar il-valur tal-kuntratt jew tal-kuntratti mogħtija u dwar kwalunkwe lott mogħti.

Artikolu 24

Żvilupp kompetittiv f'fażijiet u valutazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jakkwistaw ir-R&Ż f'diversi fażijiet suċċessivi ta' riċerka u ta' żvilupp li jistgħu jinkludu kwalunkwe kombinazzjoni ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali u ta' attivitajiet ta' żvilupp sperimentali.

2. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jorganizzaw akkwist rapidu tar-R&Ż li jikkombina kwalunkwe waħda mill-fażijiet relatati mal-iżvilupp u mal-ittestjar li huma parti mir-riċerka industrijali u mill-iżvilupp sperimentali f'fażi waħda.

3. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jorganizzaw il-fażijiet tar-R&Ż b'mod li jiżguraw li l-għadd minimu ta' kuntratti ppjanati għal kull fażi tal-akkwist tar-R&Ż jippermetti kompetizzjoni ġenwina fir-R&Ż ("Żvilupp Kompetittiv") bejn l-operaturi ekonomiċi.

4. Matul kull fażi tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jivvalutaw kwalunkwe proposta għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur u, fejn meħtieġ, jemendaw il-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż li jkunu għaddejjin kif xieraq f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-inġinerija tal-valur stabbiliti fl-Artikolu 21.

5. Fi tmiem kull fażi ta' R&Ż tal-akkwist tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jivvalutaw l-eżekuzzjoni tal-kuntratturi abbażi tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati mal-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(13).

6. Il-valutazzjoni għandha tiddetermina jekk il-kuntrattur lestiex b'suċċess il-fażi speċifika ta' riċerka u żvilupp abbażi ta' jekk ir-riżultati ta' dik il-fażi speċifika humiex innovattivi, kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti u kummerċjalment vijabbli.

7. Meta l-valutazzjoni tiddetermina li l-kuntrattur ma jkunx lesta b'suċċess fażi speċifika, ix-xerrej pubbliku jista' jittermina l-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż ma' dak il-kuntrattur. Madankollu, meta tali kuntrattur ikun wettaq b'mod sodisfaċenti l-kompiti kollha mitluba u ssottometta r-riżultati kollha mitluba, dak il-kuntrattur għandu jkun eliġibbli għall-pagament applikabbli għall-fażi speċifika kif miftiehem fil-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż.

8. Meta skont kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, il-kuntratturi jkunu implimentaw proposti għal bidla mil-lat tal-inġinerija tal-valur li jkunu rriżultaw f'iffrankar nett tal-kostijiet għax-xerrej pubbliku, ix-xerrej pubbliku għandu jħallas lill-kuntrattur is-sehem tiegħu ta' dak l-iffrankar f'konformità mal-metodu miftiehem ta' pagament tal-inġinerija tal-valur.

9. Billi jtemm il-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż fi tmiem fażi kif imsemmi fil-paragrafu 7 u billi jagħżel l-aħjar offerti għall-fażi li jmiss, ix-xerrej pubbliku jista' jnaqqas l-għadd ta' kuntratturi wara t-tlestija ta' kull fażi.

10. Meta minkejja l-aħjar sforzi tax-xerrej pubbliku biex jiżgura l-iżvilupp kompetittiv fil-fażijiet kollha msemmija fil-paragrafu 3, ix-xerrej pubbliku jkun temm kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż fi tmiem fażi kif imsemmi fil-paragrafu 7 jew jirċievi offerti ta' kwalità tajba insuffiċjenti biex jippermetti l-għażla ta' aktar minn kuntrattur wieħed għall-fażi li jmiss, ix-xerrej pubbliku jista' jippermetti lill-operaturi ekonomiċi li ma jkunux ipparteċipaw f'fażijiet preċedenti u li ma jkunux ipparteċipaw fil-proċedura inizjali tal-akkwist tar-R&Ż biex jissottomettu offerti biss għall-fażi jew għall-fażijiet li jifdal bl-għan li jikkonkludu kuntratti speċifiċi. Meta x-xerrej pubbliku jkun irid jagħmel użu minn din l-għażla, ix-xerrej pubbliku għandu jżomm il-possibbiltà għall-operaturi ekonomiċi li ma jkunux ipparteċipaw f'fażijiet preċedenti li jesprimu l-interess tagħhom li jipparteċipaw f'fażijiet aktar tard tal-akkwist tar-R&Ż, sal-mument tal-għażla tal-kuntratturi għall-aħħar fażi ta' R&Ż. Kwalunkwe operatur ekonomiku bħal dan għandu jintgħażel abbażi tal-istess raġunijiet għall-esklużjoni, kriterji tal-għażla, rekwiżiti minimi u kriterji tal-għoti bħal kuntratturi oħra li pparteċipaw f'fażijiet preċedenti.

11. Meta minkejja l-aħjar sforzi tax-xerrej pubbliku biex jiżgura żvilupp kompetittiv fil-fażijiet kollha msemmija fil-paragrafi 3 u 10, ix-xerrej pubbliku jkun temm kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż fi tmiem fażi kif imsemmi fil-paragrafu 7 jew jirċievi offerti ta' kwalità tajba insuffiċjenti biex jippermetti l-għażla ta' diversi kuntratturi għall-fażi li jmiss, ix-xerrej pubbliku jista' jipproċedi għall-fażi li jmiss b'kuntrattur wieħed biss.

12. B'deroga mill-paragrafu 1 sa 11, meta jkun iġġustifikat minn kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin li għandhom jiġu speċifikati fid-dokumenti tal-akkwist, ix-xerrejja

pubbliċi jistgħu jiddeċiedu li ma jorganizzawx il-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż f'diversi fażijiet suċċessivi ta' riċerka u ta' żvilupp fil-każijiet li ġejjin:

(a) għall-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż li jkollhom bħala l-uniku suġġett tagħhom l-akkwist ta' servizzi ta' konsulenza dwar ir-riċerka u l-iżvilupp koperti mill-kodiċijiet 73200000-4, 73210000-7 u 73220000-0 tas-CPV;

(b) għall-akkwisti tar-R&Ż li ma jkunux akkwisti prekummerċjali, li s-suġġett tagħhom jikkonċerna servizzi tar-R&Ż li jkunu limitati għal livell wieħed ta' tħejjija teknoloġika u dawk is-servizzi ta' R&Ż ikunu limitati wisq fl-ambitu biex ir-R&Ż jinqasmu f'diversi fażijiet.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 39 biex temenda l-lista ta' każijiet stabbilita fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) l-impatt fuq iż-żieda tal-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-R&Ż;

(b) l-impatt fuq it-titjib tal-aċċess tal-intrapriżi innovattivi, inkluż b'mod partikolari l-istartups u l-iscaleups innovattivi, u tal-parteċipanti l-ġodda fis-suq;

(c) l-impatt fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku jew teknoloġiku fl-Unjoni;

(d) l-impatt fuq l-awtonomija strateġika u fuq is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni;

(e) l-impatt fuq il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi;

13. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom:

(a) jivvalutaw b'mod regolari l-eżekuzzjoni tal-kuntratturi abbażi tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati mal-innovazzjoni li jinkludu ż-żamma mal-iskeda ta' żmien, iż-żamma tal-kostijiet taħt kontroll u t-twassil tal-kwalità mistennija f'termini tal-ilħuq tar-rekwiżiti minimi msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (f), tar-rekwiżiti funzjonali jew tar-rekwiżiti ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 18, u l-kriterji tal-għoti, inklużi l-kriterji tal-għoti relatati mal-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 17;

(b) meta, wara l-valutazzjoni msemmija fil-punt (a), hija tikkonkludi li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ma tikkonformax mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati mal-innovazzjoni, titlob lill-kuntratturi jieħdu azzjoni korrettiva biex jilħqu l-eżekuzzjoni tal-kuntratt miftiehma fil-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż; meta kuntrattur ma jiħux l-azzjonijiet korrettivi neċessarji, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jitterminaw il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż ma' dak il-kuntrattur;

(c) meta tintuża inġinerija tal-valur biex tittejjeb l-eżekuzzjoni tal-kuntratt matul l-akkwist tar-R&Ż skont l-Artikolu 21, jitqiesu l-proposti aċċettati għall-inġinerija tal-valur meta tiġi vvalutata l-eżekuzzjoni tal-kuntratt u meta l-kuntrattur jitħallas is-sehem tiegħu mill-iffrankar tal-kostijiet li jirriżulta mill-proposti aċċettati għall-inġinerija tal-valur.

Artikolu 25

Pagamenti

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 2011/7/UE[47] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiżguraw il-ħlas fil-ħin tal-kuntratturi u, meta applikabbli, tas-sottokuntratturi.

2. Bħala parti mill-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' akkwist tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jipprevedu li l-kuntratturi jgħaddu termini ta' pagament ekwivalenti mill-katina tal-provvista, kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. Sakemm ma jkunx ġustifikat minn interess prevalenti tax-xerrej pubbliku, ix-xerrej pubbliku għandu jistabbilixxi pagament bil-quddiem xieraq għall-kuntrattur.

4. Meta ssir talba ta' sottokuntrattur u meta n-natura tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż tippermetti dan, ix-xerrej pubbliku għandu jittrasferixxi l-pagamenti dovuti lis-sottokuntrattur għall-prodotti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet tiegħu lill-kuntrattur ewlieni. Tali miżuri jistgħu jinkludu mekkaniżmi adattati li jippermettu lill-kuntrattur prinċipali joġġezzjona għal pagamenti mhux dovuti. L-arranġamenti li jikkonċernaw dak il-mod ta' ħlas għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist.

Artikolu 26

Kunfidenzjalità u protezzjoni tad-data

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli, ix-xerrejja pubbliċi ma għandhomx jiddivulgaw mingħajr ftehim bil-miktub minn qabel informazzjoni pprovduta lilhom minn operaturi ekonomiċi f'konsultazzjonijiet tas-suq, minn offerenti matul jew wara s-sejħa għall-offerti, minn kuntratturi matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt jew minn kuntratturi preċedenti wara t-tmiem tal-akkwist tar-R&Ż, li t-tali operaturi ekonomiċi jkunu ddeżinjaw bħala kunfidenzjali, inklużi sigrieti tekniċi jew kummerċjali u l-aspetti kunfidenzjali tal-offerti. L-offerenti, il-kuntratturi jew l-eks kuntratturi lanqas ma għandhom jiddivulgaw mingħajr ftehim minn qabel bil-miktub informazzjoni pprovduta lilhom mix-xerrejja pubbliċi, li x-xerrejja pubbliċi jkunu ddeżinjaw bħala kunfidenzjali. Il-ftehim bil-miktub minn qabel ma għandux jieħu l-forma ta' rinunzja ġenerali iżda għandu jingħata b'referenza għall-komunikazzjoni maħsuba tal-informazzjoni kunfidenzjali speċifika.

2. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 u fid-Direttiva 2002/58/KE, u fid-dritt nazzjonali applikabbli fl-iskambji kollha u fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni matul il-konsultazzjoni tas-suq, is-sejħa għall-offerti, l-eżekuzzjoni tal-kuntratt u wara t-tlestija tal-akkwist tar-R&Ż.

3. Fid-dokumenti tal-akkwist imsemmija fl-Artikolu 10, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jispeċifikaw kwalunkwe rekwiżit dwar il-lokalizzazzjoni tad-data personali pproċessata mill-kuntrattur u l-aċċess għaliha. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu li:

   (a) id-data personali għandha tiġi pproċessata biss fit-territorju ta' dawk il-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 11(1) u ma għandhiex titneħħa minn dak it-territorju;

   (b) id-data għandha tinżamm biss f'ċentri tad-data li jinsabu fit-territorju ta' dawk il-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 11(1);

[47] Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/7/oj).

(c) ma għandu jingħata l-ebda aċċess għal tali data barra mill-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 11(1);

(d) il-kuntrattur ma jistax ibiddel il-post tal-ipproċessar tad-data mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel tax-xerrej pubbliku;

(e) kwalunkwe trasferiment ta' data personali skont il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali għandu jikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679.

Artikolu 27

Terminazzjoni ta' kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe raġuni oħra għat-terminazzjoni prevista f'dan l-Att jew skont id-dritt nazzjonali applikabbli, ix-xerrejja pubbliċi għandhom itemmu l-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż meta:

(a) l-operatur ekonomiku jsir is-suġġett ta' kundanna finali għal waħda mir-raġunijiet obbligatorji għall-esklużjoni msemmija fl-Artikolu 13, ħlief meta x-xerrej pubbliku jistabbilixxi li tali terminazzjoni ma tkunx ġustifikata għal raġunijiet ta' interess pubbliku prevalenti u s-sentenza finali ma tipprekludix li jsir hekk;

(b) il-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż jew il-modifika tiegħu ma jkunx missha ngħatat lill-kuntrattur fid-dawl ta' ksur serju tal-obbligi skont it-Trattati u dan ir-Regolament li ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fi proċedura skont l-Artikolu 258 tat-Trattat.

TAQSIMA 2
SIGURTÀ

Artikolu 28

Kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà fl-akkwist tar-R&Ż

1. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jieħdu miżuri xierqa, minbarra l-miżuri meħtieġa jew imposti permezz ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, fejn rilevanti, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, mill-ippjanar u mill-konsultazzjoni tas-suq sal-għoti tal-kuntratt u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, biex jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri għal kwalunkwe proċedura tal-akkwist tar-R&Ż identifikata bħala li tippreżenta jew li tinkludi riskju għas-sigurtà jew għas-sikurezza pubblika. Dan il-Kapitolu huwa mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti oħra skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

2. L-interessi tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru rilevanti għal kuntratt partikolari tal-akkwist tar-R&Ż jistgħu jinkludu dawn li ġejjin, iżda ma humiex limitati għalihom:

(a) il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, l-infrastruttura strateġika b'użu doppju, identifikata mill-Istati Membri f'konformità mal-[Artikolu 33 tar-Regolament dwar il-Mobbiltà Militari], speċjalment għal dawk li jinsabu f'kuritur tal-mobbiltà militari, is-servizzi essenzjali, il-ktajjen tal-provvista kritiċi, it-

teknoloġiji kritiċi, ir-reżiljenza kontra t-theddid fiżiku, ċibernetiku jew ibridu, u l-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra r-riskji ta' kwalunkwe tfixkil inkluż minħabba dipendenzi strateġiċi dannużi fuq fornituri ta' pajjiżi terzi;

(b) il-prevenzjoni ta' spjunaġġ, sabotaġġ jew żvelar teknoloġiku;

(c) il-preparatezza għall-kriżijiet, inkluż il-kontinwità tal-operat u l-ippjanar ta' kontinġenza għat-tfixkil f'każ ta' diżastri naturali jew instabbiltà ġeopolitika, pandemiji jew attakki ċibernetiċi;

(d) il-prevenzjoni ta' interferenza dannuża oħra, inkluża influwenza minn pajjiżi terzi u influwenza kkontrollata mill-Istat minn pajjiżi terzi;

(e) iċ-ċibersigurtà tas-sistemi, tan-networks u tad-data pproċessata;

(f) il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, data sensittiva, riċerka, jew proprjetà intellettwali minn aċċess jew trasferiment mhux awtorizzat;

(g) l-iżgurar tas-saħħa pubblika, inklużi servizzi tas-saħħa mħejjija għall-kriżijiet u awtosuffiċjenti; jew

(h) il-protezzjoni tal-ambjent u l-protezzjoni minn tfixkil relatat mal-klima.

3. Ir-riskji għas-sigurtà u għas-sikurezza pubblika f'kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari minn dawn:

(a) is-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż, inklużi:

(a) is-sensittività tal-assi involuti jew li għandhom jiġu żviluppati fl-implimentazzjoni tiegħu;

(b) l-aċċess għal data sensittiva u t-trattament tagħha;

(c) dipendenza kritika jew riskju ta' dipendenza kritika fuq għadd limitat ta' fornituri, ta' oġġetti, ta' servizzi jew ta' teknoloġiji ta' pajjiżi terzi;

(d) ir-riskji assoċjati mal-aċċess għal infrastruttura kritika, għal infrastruttura strateġika b'użu doppju identifikata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament dwar il-Mobbiltà Militari], għal faċilitajiet tar-riċerka, sistemi tal-IT, jew materjali kritiċi;

(e) in-natura b'użu doppju tar-riżultati tas-servizzi ta' riċerka u żvilupp akkwistati;

(f) in-natura tal-interessi pubbliċi marbuta miegħu u l-konsegwenzi potenzjali ta' funzjonament ħażin jew ta' prestazzjoni ħażina, bħal ħsara għas-sikurezza pubblika, għas-sigurtà nazzjonali, għall-istabbiltà ekonomika, għas-sigurtà tas-saħħa jew għad-drittijiet fundamentali.

(b) il-karatteristiċi tal-operaturi ekonomiċi, inklużi:

(a) is-sjieda, il-kontroll, jew l-istruttura ta' finanzjament li ġġorr riskji ta' interferenza jew ta' influwenza indebita fuqu;

(ii) ir-rekord tas-sigurtà, inkluż ksur fil-passat, nonkonformità ma' standards tas-sigurtà, jew esklużjoni minn proċeduri oħra tal-akkwist għal raġunijiet tas-sigurtà;

(iii) il-kapaċità li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti applikabbli tal-approvazzjoni tas-sigurtà, tal-iskrutinju tal-persunal, jew tas-sigurtà tal-informazzjoni;

(iv) esponiment għal leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz li tista' ġġiegħel id-divulgazzjoni ta' informazzjoni sensittiva jew l-interferenza fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

4. Sa fejn ikun possibbli, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jispeċifikaw fid-dokumenti tal-akkwist b'mod ċar u dettaljat biżżejjed miżuri xierqa li jkunu proporzjonati għar-riskji msemmija fil-paragrafu 3 u mhux diskriminatorji. Miżuri bħal dawn jistgħu jiġu implimentati, b'mod partikolari permezz ta':

(a) speċifikazzjonijiet u dokumenti ta' konsultazzjoni tas-suq, inklużi standards tas-sigurtà obbligatorji, ċertifikazzjonijiet, obbligi ta' skrutinju jew ta' approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal, jew rekwiżiti ta' ġestjoni tar-riskju u ta' assigurazzjoni kontra r-riskju;

(b) kriterji tal-għoti, bħall-evalwazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-offerenti, l-istandards tal-konformità tas-sigurtà, il-kapaċitajiet ta' rispons għall-inċidenti, is-sigurtà tal-katina tal-provvista;

(c) kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti, inklużi klawżoli li jippermettu s-sorveljanza tas-sigurtà tal-forniturі permezz ta' awditi, spezzjonijiet, jew rieżamijiet tad-dokumentazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi f'każ ta' ksur, inklużi dispożizzjonijiet dwar is-sottokuntrattar, in-notifika ta' bidla fis-sjieda, u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata jew sensittiva;

(d) kriterji tal-għażla, fejn ġustifikat, bħall-pussess ta' approvazzjonijiet tas-sigurtà jew inkella r-rekwiżit li l-offerenti jistabbilixxu li huma ma jkunux jippreżentaw riskji għas-sigurtà jew għas-sikurezza pubblika skont il-paragrafu 3, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14.

(e) jistiednu jissottomettu offerta biss lil dawk l-operaturi ekonomiċi li jissodisfaw rekwiżiti speċifiċi oġġettivi u nondiskriminatorji relatati mas-sigurtà, dment li x-xerrej pubbliku jkun indika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan, u r-rekwiżiti relatati mas-sigurtà li beħsiebu japplika, fl-avviż tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż inkwistjoni.

Fid-dokumenti tal-akkwist ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jindikaw ukoll liema miżuri ta' sigurtà jkun beħsiebhom jimplimentaw fejn jinħolqu riskji għas-sigurtà jew għas-sikurezza pubblika matul il-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż.

5. Fi kwalunkwe ħin waqt proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jeskludu lil operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni fi proċedura tal-akkwist tar-R&Ż meta l-operatur ikun ġie identifikat bħala fornitur ta' riskju għoli skont ir-Regolament (UE) XXX/XXXX [l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2] fir-rigward tal-forniment ta' komponenti tal-ICT jew ta' komponenti li jinkludu komponenti tal-ICT li jridu jintużaw f'assi ewlenin tal-ICT.

6. Meta jkun hemm evidenza li d-disparitajiet fil-miżuri jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 39 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji, kriterji tal-għażla, kriterji tal-għoti jew klawżoli ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt, għal kategoriji speċifiċi ta' servizzi tal-akkwist tar-R&Ż jew għar-riżultati maħsuba tagħhom fejn tali elementi jindirizzaw interess speċifiku identifikat tas-sigurtà u tas-sikurezza pubblika tal-Unjoni.

Artikolu 29

Miżuri ta' sigurtà matul l-implimentazzjoni tal-kuntratt

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt kuntrattwali tal-Istati Membri, ix-xerrej pubbliku jista' jittermina kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż kompletament jew parzjalment meta jiddetermina li l-kuntrattur ikun naqas milli jikkonforma ma' miżuri jew ma' obbligi li jkollhom l-għan li jipprevjenu jew jimmitigaw riskji għas-sigurtà u għas-sikurezza pubblika, jew riskju għas-sigurtà jew għas-sikurezza pubblika jkun immaterjalizza jew x'aktarx jimmaterjalizza. Taħt l-istess kundizzjonijiet, dawn jistgħu jeskludu ċerti operaturi ekonomiċi matul l-implimentazzjoni tal-kuntratt.

2. It-terminazzjoni u l-esklużjoni skont dan l-Artikolu għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tar-riskju għas-sigurtà jew għas-sikurezza pubblika. Qabel ma jittermina kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż jew jeskludi operatur ekonomiku, ix-xerrej pubbliku għandu jwettaq valutazzjoni bil-miktub. Ix-xerrej pubbliku għandu jqis b'mod partikolari:

   (a) is-severità tar-riskju għas-sigurtà jew għas-sikurezza pubblika;

   (b) l-impatt tat-terminazzjoni jew tal-esklużjoni fuq l-għoti ta' servizzi pubbliċi;

   (c) miżuri alternattivi ta' mitigazzjoni bħal emendi tal-kuntratt jew monitoraġġ imsaħħaħ.

3. Sakemm ma jkunx ġustifikat mis-severità tar-riskji involuti, mill-imminenza tat-theddida jew fejn in-notifika tista' taggrava r-riskju, ix-xerrej pubbliku għandu jinnotifika lill-kuntrattur bil-miktub bl-intenzjoni tiegħu ta' terminazzjoni jew ta' esklużjoni, filwaqt li jispeċifika:

   (a) ir-raġunijiet għat-terminazzjoni jew għall-esklużjoni;

   (b) il-fatti u l-evidenza li jsostnu d-deċiżjoni, bl-eċċezzjoni ta' informazzjoni klassifikata;

   (c) id-data proposta tat-terminazzjoni jew tal-esklużjoni.

4. Il-kuntrattur għandu jkollu żmien xieraq, iddeterminat mix-xerrej pubbliku, li ma għandux ikun iqsar minn 10 ijiem kalendarji, biex jissottometti l-osservazzjonijiet dwar ir-raġunijiet għat-terminazzjoni u jipproponi l-azzjonijiet ta' rimedju. Ix-xerrej pubbliku jista' jqassar l-iskadenza f'każ ta' emerġenza.

5. Il-kuntrattur għandu jikkoopera max-xerrej pubbliku biex jiżgura jew jittrasferixxi data, dokumenti, jew assi relatati mal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż u jiżgura l-kontinwità tas-servizzi kritiċi sa ma tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni jew l-esklużjoni.

Artikolu 30

Ċibersigurtà

1. Għall-prodotti kollha b'elementi diġitali użati u żviluppati bħala parti mis-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp akkwistati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48], ix-xerrejja pubbliċi

[48] Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) (ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj).

għandhom jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, inkluż l-abbiltà tal-manifatturi li jittrattaw il-vulnerabbiltajiet b'mod effettiv tiġi kkunsidrata fil-proċess tal-akkwist tar-R&Ż.

2. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lix-xerrejja milli jissoġġettaw il-prodotti b'elementi diġitali msemmija fil-paragrafu 1 għal rekwiżiti addizzjonali taċ-ċibersigurtà għall-akkwist tar-R&Ż jew l-użu ta' dawk il-prodotti għal finijiet speċifiċi, inkluż meta dawk il-prodotti jiġu żviluppati, jinkisbu jew jintużaw għal finijiet tas-sigurtà jew tad-difiża nazzjonali, dment li tali rekwiżiti jkunu konsistenti mal-obbligi tal-Istati Membri stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u li jkunu neċessarji u proporzjonati għall-kisba ta' dawk il-finijiet.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] fejn applikabbli, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jispeċifikaw fid-dokumenti tal-akkwist rekwiżiti relatati maċ-ċibersigurtà għas-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp akkwistati u għar-riżultati maħsuba tagħhom. Għal dak l-għan, huma jistgħu jinkludu speċifikazzjonijiet, kriterji tal-għażla, kriterji tal-esklużjoni, kriterji tal-għoti jew kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti. Tali rekwiżiti għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt tal-akkwist tar-R&Ż u jikkonformaw mal-prinċipji tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità.

4. Fi kwalunkwe ħin matul proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, ix-xerrejja pubbliċi għandhom jeskludu lil operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni fi proċedura tal-akkwist tar-R&Ż meta l-operatur ikun ġie identifikat bħala fornitur ta' riskju għoli fir-rigward tal-forniment ta' komponenti tal-ICT jew ta' komponenti li jinkludu komponenti tal-ICT li jridu jintużaw f'assi ewlenin tal-ICT.

TAQSIMA 3
AKKWIST KONĠUNT TA' SERVIZZI TA' RIĊERKA U ŻVILUPP

Artikolu 31

Regoli komuni dwar l-akkwist konġunt tar-R&Ż

1. Ix-xerrejja pubbliċi li jwettqu akkwist konġunt tar-R&Ż għandhom jikkonformaw mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jorganizzaw akkwist konġunt tar-R&Ż ma' żewġ xerrejja pubbliċi jew aktar minn Stat Membru wieħed jew aktar. Xerrejja pubbliċi. Meta żewġ xerrejja pubbliċi jew aktar minn Stat Membru wieħed jew aktar ikunu jixtiequ jwettqu akkwist konġunt tar-R&Ż, huma għandhom jikkonkludu ftehim tal-akkwist konġunt li jistabbilixxi grupp ta' xerrejja u li jaħtar ix-xerrej ewlieni. Dak il-ftehim għandu jispeċifika mill-inqas dan li ġej:

   (a) l-impenji finanzjarji pprovduti minn kull xerrej pubbliku fil-grupp tax-xerrejja għall-akkwist konġunt tar-R&Ż;

[49] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj).

(b) id-diviżjoni tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet bejn ix-xerrej ewlieni u x-xerrejja pubbliċi li jkunu membri tal-grupp tax-xerrejja fir-rigward tal-proċedura tal-akkwist tar-R&Ż, l-eżekuzzjoni tal-kuntratt u l-interazzjonijiet ta' wara l-kuntratt ma' kuntratturi preċedenti kif imsemmi fil-Kapitolu 2, it-Taqsimiet 1 u 2;

(c) id-dritt applikabbli tal-Unjoni jew dak nazzjonali b'rabta mas-soluzzjoni tat-tilwim, b'rabta ma' kwalunkwe proċedura jew approvazzjoni meħtieġa għall-ittestjar ta' prototipi jew tal-ewwel prodotti, ta' servizzi jew ta' xogħlijiet żviluppati matul l-akkwist tar-R&Ż u kwalunkwe aspett ieħor tat-twettiq tal-akkwist konġunt tar-R&Ż li ma humiex irregolati b'dan ir-Regolament;

(d) il-mekkaniżmu għall-allokazzjoni u għall-isfruttament tar-riżultati tal-akkwist konġunt tar-R&Ż.

Minbarra l-elementi elenkati fl-Artikolu 10, id-dokumenti tal-akkwist għall-akkwist konġunt tar-R&Ż għandhom jinkludu l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) u (d), ta' dan il-paragrafu.

3. Il-membri tal-grupp tax-xerrejja għandhom jipprovdu b'mod konġunt l-impenji finanzjarji għall-akkwist tar-R&Ż u jwettqu b'mod konġunt il-konsultazzjoni tas-suq, jabbozzaw id-dokumenti tal-akkwist għall-bżonn tal-akkwist komuni tar-R&Ż tagħhom, u jwettqu l-evalwazzjoni tal-offerti.

4. Ix-xerrej ewlieni għandu jniedi l-proċedura tal-akkwist konġunt tar-R&Ż u jagħti l-kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż f'isem ix-xerrejja pubbliċi kollha li huma membri tal-grupp tax-xerrejja u għan-nom tagħhom. Ix-xerrejja pubbliċi li jwettqu akkwist konġunt tar-R&Ż jistgħu jagħmlu dan bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni u jistgħu jippermettu lill-offerenti jissottomettu offerti bi kwalunkwe waħda minn dawk il-lingwi uffiċjali.

5. Ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jorganizzaw l-akkwist konġunt tar-R&Ż tramite l-korpi ċentrali tal-akkwist ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

6. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-korpi ċentral tal-akkwist għandhom ikunu xerrej pubbliku li jwettaq l-attivitajiet relatati mal-akkwist tar-R&Ż li ġejjin:

(a) jaġixxu bħala bejjiegħ bl-ingrossa billi jixtru u jbigħu mill-ġdid servizzi tar-R&Ż akkwistati fis-suq, jew riżultati ta' dawk is-servizzi tar-R&Ż;

(b) jaġixxu bħala intermedjarju, billi jippubblikaw avviżi u jagħtu kuntratti tal-akkwist tar-R&Ż lil xerrejja pubbliċi;

(c) Il-korpi ċentrali tal-akkwist jistgħu wkoll, minbarra l-attivitajiet stabbiliti hawn fuq, iwettqu jew jieħdu sehem f'attivitajiet konġunti tal-akkwist tar-R&Ż jew jipprovdu servizzi anċillari ta' appoġġ relatati mal-akkwist tar-R&Ż lil xerrejja pubbliċi, inkluż infrastruttura, pariri jew assistenza teknika, inkluż it-tħejjija u l-ġestjoni ta' proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż f'isem u għall-kont tax-xerrej pubbliku kkonċernat.

7. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jindikaw fl-avviżi msemmija fl-Artikolu 4(5) meta jkunu qed jaġixxu bħala korp ċentrali tal-akkwist.

Kwalunkwe xerrej pubbliku jista' jakkwista servizzi tar-R&Ż u jikseb ir-riżultati maħsuba tagħhom mingħand jew tramite kwalunkwe korp ċentrali tal-akkwist stabbilit fl-Unjoni li joffri attivitajiet ċentralizzati tal-akkwist. Xerrej pubbliku għandu jitqies li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament meta jakkwista

servizzi tar-R&Ż mingħand jew tramite korp ċentrali tal-akkwist li għal dak l-akkwist tar-R&Ż kien obbligat li japplika u applika dan ir-Regolament. Il-korpi ċentrali tal-akkwist li huma nfushom mhumiex xerrej pubbliku għandhom iwettqu proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż f'konformità ma' dan ir-Regolament.

8. L-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jwettqu akkwist tar-R&Ż, inkluż akkwist prekummerċjali, għalihom infushom, b'mod konġunt ma' entitajiet oħra tal-Unjoni, jew f'isimhom, u b'mod konġunt ma' xerrejja pubbliċi fl-Istati Membri, jew f'isimhom, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Kapitolu 3
KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAR-RIŻULTATI TAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Artikolu 32

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-Unjoni għall-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali

1. L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("l-Uffiċċju") għandu jistabbilixxi Ċentru ta' Kompetenza sabiex jappoġġa u jippromwovi l-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali, inkluża l-proprjetà intellettwali li tirriżulta mir-riċerka u mill-innovazzjoni u l-esklużivitajiet regolatorji għall-prodotti farmaċewtiċi ("iċ-Ċentru ta' Kompetenza")

2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jappoġġa lill-entitajiet li ġejjin permezz tal-kompiti tiegħu:

   (a) ir-riċerkaturi stabbiliti fi Stat Membru;

   (b) intrapriżi innovattivi stabbiliti fi Stat Membru, inkluż startups innovattivi, scaleups innovattivi u spin-offs, li l-prestazzjoni innovattiva u kompetittiva tagħhom hija xprunata mis-sjieda jew mill-użu u l-kummerċjalizzazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

   (c) entitajiet pubbliċi u privati oħrajn stabbiliti fi Stat Membru li għandhom interess fil-kummerċjalizzazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali;

   (d) entitajiet li l-funzjoni tagħhom hija li jappoġġaw kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

3. Sabiex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-Uffiċċju permezz taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu:

   (a) minn… [*OP please insert date 4 years from the date of entry into force of this Regulation*], jiżviluppa qafas volontarju tal-Unjoni għall-valwazzjoni u d-divulgazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali abbażi tat-tipi kollha ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali u ta' esklużivitajiet regolatorji għall-farmaċewtiċi u mfassal biex jiffaċilita l-użu tiegħu f'setturi differenti u l-adozzjoni tiegħu mill-partijiet ikkonċernati finanzjarji, meta possibbli billi juża l-Kartieri Ewropej tan-Negozju stabbiliti f'konformità mar-*[Regulation XXX of the European Parliament and of the Council on the establishment of European*

Business Wallets], jew xi mezz elettroniku alternattiv li jkun interoperabbli mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inkluż billi:

(i) jistabbilixxi u jżomm proċessi u servizzi diġitali relatati mad-divulgazzjoni, mal-iskrinjar u mal-valwazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali;

(ii) jidentifika u jikkompila l-aħjar prattiki biex jappoġġa l-iżvilupp tal-qafas volontarju ta' valwazzjoni;

(iii) jistabbilixxi, bħala parti integrali tal-qafas, arranġamenti volontarji ta' divulgazzjoni li jippermetti lill-impriżi jippreżentaw informazzjoni dwar l-assi tal-proprjetà intellettwali tagħhom b'mod komparabbli u strutturat għal finijiet ta' finanzjament.

(b) sa… [*OP please insert date 4 years from the date of entry into force of this Regulation*], jistabbilixxi u jmantni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, pjattaforma diġitali ta' tlaqqigħ għall-Unjoni kollha, meta possibbli billi juża l-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew xi mezz elettroniku alternattiv li jkun interoperabbli mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, biex b'mod volontarju jiffaċilita l-liċenzjar u t-trasferiment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali protetti fl-Unjoni.

(c) jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' suq sekondarju biex jiġi appoġġat id-disponiment tal-assi tal-proprjetà intellettwali miżmuma mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2;

(d) jappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati finanzjarji pubbliċi u privati rilevanti, inklużi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-banek kummerċjali, fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji pubbliċi u privati ġodda appoġġati minn proprjetà intellettwali, inkluża l-provvista ta' evidenza soda dwar il-ħtiġijiet tas-suq, l-analiżi tad-data li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' tali strumenti finanzjarji u l-provvista ta' servizzi ta' konsulenza teknika b'rabta mal-PI;

(e) jistabbilixxu u jimplimentaw programmi ta' żvilupp tal-ħiliet fl-ekosistema tal-innovazzjoni kollha fir-rigward tal-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali;

(f) joħolqu sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali bħala xprunaturi għall-innovazzjoni, għat-tkabbir u għall-kompetittività tal-Unjoni u dwar il-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali;

(g) jappoġġaw l-iżvilupp progressiv ta' bażi tad-data tal-evidenza dwar il-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali, inkluż billi jiġbru u janalizzaw b'mod volontarju data anonimizzata jew data oħra mhux personali minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament appoġġati mill-proprjetà intellettwali u, fejn xieraq, billi jistabbilixxu mekkaniżmi li jiffaċilitaw id-disponibbiltà u l-użu ta' tali data, inkluż meta possibbli bl-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew b'mezzi alternattivi li jkunu interoperabbli mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju;

(h) jipprovdu appoġġ lill-persuni u lill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 fil-valorizzazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali li tirriżulta mir-riċerka u mill-innovazzjoni ffinanzjati pubblikament, inkluż permezz ta'

sensibilizzazzjoni u bini tal-kapaċitajiet fil-ġestjoni tal-proprjetà intellettwali, filwaqt li jipprovdu assistenza fid-definizzjoni ta' strateġiji ta' ġestjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali;

(i) jikkoordinaw helpdesk fil-livell tal-Unjoni li joffri informazzjoni u servizzi ta' appoġġ relatati mal-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali lill-entitajiet elenkati fil-paragrafu 2.

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi neċessarji għall-implimentazzjoni uniformi tal-qafas volontarju tal-Unjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet li jikkonċernaw il-kontenut, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-divulgazzjonijiet. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2). F'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti skont it-tieni subparagrafu, l-Uffiċċju għandu jiżviluppa, iżomm u, fejn neċessarju, jaġġorna l-mudelli u l-għodod operazzjonali relatati għall-implimentazzjoni tal-qafas volontarju tal-Unjoni

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi standards tekniċi komuni, rekwiżiti ta' interoperabbiltà u speċifikazzjonijiet operazzjonali għall-pjattaforma diġitali ta' tlaqqigħ imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).

4. Soġġett għad-disponibbiltà ta' surplus baġitarju akkumulat u għall-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Baġit tal-Uffiċċju, l-Uffiċċju jista' jikkonkludi ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet tal-Unjoni definiti b'mod ċar li jaqgħu fl-ambitu tal-kompiti fdati lill-Uffiċċju skont dan ir-Regolament u relatati mal-finanzjament appoġġat minn proprjetà intellettwali u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' assi tal-proprjetà intellettwali. Ftehimiet ta' kontribuzzjoni bħal dawn għandhom jispeċifikaw ir-responsabbiltajiet u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji rispettivi tal-partijiet, l-attivitajiet u r-riżultati li għandhom jiġu ffinanzjati, il-kostijiet eliġibbli, l-arranġamenti ta' implimentazzjoni, l-obbligi ta' rapportar, il-miżuri ta' kontroll intern, id-drittijiet tal-awditjar u t-trattament ta' kwalunkwe ammont mhux użat.

5. Ir-Regolament (UE) 2017/1001 għandu japplika għat-twettiq tal-kompiti fdati lill-Uffiċċju skont dan l-Artikolu. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jifforma parti mill-Uffiċċju u ma għandux ikollu personalità ġuridika separata, awtonomija finanzjarja jew setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet. L-attivitajiet kollha mwettqa permezz taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandhom jibqgħu soġġetti għall-qafas ta' governanza, ta' programmazzjoni, baġitarju, ta' kontabbiltà, ta' kontroll intern u ta' rapportar applikabbli għall-Uffiċċju.

6. Il-kostijiet tal-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-kostijiet operazzjonali li jirriżultaw mill-kompiti fdati lill-Uffiċċju minn dan ir-Regolament għandhom jiġu koperti mill-baġit operazzjonali tiegħu. Il-kostijiet tal-istabbiliment jistgħu jinkludu, mill-inqas, il-kostijiet relatati mal-iżvilupp tas-sistemi ta' appoġġ tal-IT u l-istabbiliment tal-infrastruttura amministrattiva korrispondenti, kif ukoll għat-tħejjija jew għall-istabbiliment ta' inizjattivi ġodda b'limitu ta' żmien. Il-Kumitat tal-Baġit tal-Uffiċċju jista' jawtorizza l-użu tas-surplus baġitarju akkumulat tal-Uffiċċju għall-

kostijiet tal-istabbiliment neċessarji, definiti b'mod ċar, mhux rikorrenti u b'limitu ta' żmien.

7. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju jista' jintroduċi tariffi għal servizzi speċifiċi msemmija f'dan l-Artikolu pprovduti lill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) 2017/1001. Dawn it-tariffi għandhom ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji u limitati għall-kost tas-servizz speċifiku.

L-aċċess għall-qafas volontarju ta' valwazzjoni żviluppat f'konformità mal-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-aċċess għall-pjattaforma diġitali ta' tlaqqigħ żviluppata f'konformità mal-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), is-servizzi ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d) ipprovduti lill-partijiet ikkonċernati pubbliċi, inklużi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, u l-aċċess għall-helpdesk fil-livell tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (i) ma għandhomx ikunu soġġetti għal tariffi jew għal imposti.

Artikolu 33

Ġbir ta' data

1. Bil-ħsieb li jappoġġa t-twettiq tal-kompiti fdati lill-Uffiċċju skont l-Artikolu 32, u b'mod partikolari dawk relatati mal-iżvilupp ta' bażi ta' evidenza, mal-analiżi tad-data u mal-appoġġ għal aċċess imtejjeb għall-finanzi għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 32(2), l-Uffiċċju għandu jiġbor u janalizza data anonimizzata jew data oħra mhux personali, ipprovduta fuq bażi volontarja, relatata ma' tranżazzjonijiet li fihom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jintużaw bħala kollateral għal finijiet ta' kreditu jew ta' assigurazzjoni jew bħala kontribuzzjoni *in natura* f'xenarji ta' investiment fl-ekwità, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar informazzjoni klassifikata.

2. Meta jiġbor u janalizza d-data f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Uffiċċju għandu, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, jikkoopera mal-istituzzjonijiet, mal-korpi u mal-aġenziji tal-Unjoni, mal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri, mal-uffiċċji nazzjonali u reġjonali tal-proprjetà intellettwali, u mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati rilevanti fl-oqsma tal-finanzi u l-assigurazzjoni, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati d-disponibbiltà, il-komparabbiltà u l-użu mill-ġdid tad-data eżistenti, kif ukoll li jiġu esplorati, abbażi ta' sorsi u prattiki ta' data eżistenti, approċċi possibbli għat-titjib tat-trasparenza u l-interoperabbiltà madwar l-Unjoni.

3. Id-data miġbura u analizzata mill-Uffiċċju f'konformità ma' dan l-Artikolu tista' tinkludi, meta disponibbli u xieraq, informazzjoni li toriġina minn reġistri tal-proprjetà intellettwali, reġistri kummerċjali, reġistri ta' wegħdi jew drittijiet *in rem* oħra fuq il-proprjetà intellettwali u sorsi simili, kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra pprovduta minn awtoritajiet pubbliċi jew atturi tas-settur privat, inkluż informazzjoni dwar kif il-proprjetà intellettwali użata bħala kollateral għal finijiet ta' kreditu jew assigurazzjoni jew bħala kontribuzzjoni *in natura* f'xenarji ta' investiment fl-ekwità tkun ġiet evalwata, dwar id-daqs u l-karatteristiċi tat-tranżazzjoni korrispondenti, dwar it-tip ta' dritt tal-proprjetà intellettwali kkonċernat, u dwar indikaturi rilevanti bħall-valwazzjoni tal-ekwità, il-kollateralizzazzjoni, jew il-proporzjonijiet bejn is-self u l-valur.

4. B’kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, l-Uffiċċju għandu jippromwovi l-iżvilupp ta’ standards u prattiki komuni relatati mal-kwalità tad-data, il-formati u l-kundizzjonijiet tal-aċċess, inkluż modalitajiet tal-aċċess differenzjati u proporzjonati, u għandu jipprovdi gwida u miżuri ta’ appoġġ immirati biex l-intrapriżi innovattivi, l-istartups innovattivi, l-iscaleups innovattivi u l-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-bażi ta’ evidenza mtejba u mill-outputs analitiċi.

5. Meta jkun ġustifikat mill-esperjenza miksuba permezz tal-attivitajiet imsemmija f’dan l-Artikolu, l-Uffiċċju jista’ jikkunsidra, f’kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, l-iżvilupp ta’ għodod diġitali jew ta’ sistemi tad-data strutturata biex ikompli jappoġġa t-twettiq tal-kompiti taċ-Ċentru ta’ Kompetenza stabbiliti fl-Artikolu 32, inkluż billi jinvestiga l-fattibbiltà ta’ reġistru ta’ wegħdiet fl-Unjoni kollha fuq l-assi tal-proprjetà intellettwali.

6. L-Uffiċċju għandu jistabbilixxi miżuri ta’ gwida u appoġġ biex jiżgura li l-intrapriżi innovattivi, l-istartups innovattivi, l-iscaleups innovattivi u l-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw b’mod effettiv mid-data miġbura f’konformità ma’ dan l-Artikolu.

Artikolu 34

Valwaturi tal-proprjetà intellettwali

1. Il-persuni u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 32(2) u l-entitajiet pubbliċi u privati rilevanti fl-oqsma tal-finanzi u tal-assigurazzjoni jistgħu jitolbu valutazzjoni tal-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali skont il-qafas volontarju tal-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 32(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a). Tali valutazzjoni tista’ ssir minn valwatur tal-proprjetà intellettwali ċċertifikat f’konformità mal-Artikolu 35.

2. Meta l-valutazzjoni tiġi kkummissjonata b’rabta ma’ tranżazzjoni ta’ finanzjament, l-informazzjoni neċessarja għall-valutazzjoni għandha tiġi pprovduta f’konformità mal-arranġamenti miftiehma bejn il-partijiet ikkonċernati u soġġetta għar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali.

3. Meta jwettaq valutazzjoni, il-valwatur tal-proprjetà intellettwali għandu jaġixxi b’mod indipendenti u għandu jevita kwalunkwe kunflitt ta’ interess mal-persuni jew mal-entitajiet ikkonċernati mill-valutazzjoni.

4. It-tariffi u kostijiet oħra relatati ma’ valutazzjoni għandhom jiġġarrbu mill-persuna jew mill-entità li tikkummissjona l-valutazzjoni, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn il-partijiet. Dawn għandhom ikunu trasparenti, raġonevoli u proporzjonati man-natura, mal-ambitu u mal-kumplessità tal-valutazzjoni.

Artikolu 35

Ċertifikazzjoni tal-valwaturi tal-proprjetà intellettwali

1. L-Uffiċċju għandu jistabbilixxi u jamministra skema ta’ ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-valwaturi tal-proprjetà intellettwali. Iċ-ċertifikazzjoni għandha tafferma li valwatur ikun kiseb l-għarfien u l-kompetenza professjonali neċessarji biex iwettaq valwazzjonijiet skont il-qafas volontarju tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 32(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a).

2. Iċ-ċertifikazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tkun volontarja u għandha tafferma l-kompetenza fl-applikazzjoni tal-qafas ta' valwazzjoni tal-Unjoni. Ma għandhiex tikkostitwixxi liċenzja professjonali jew tagħti dritt għall-eżerċizzju ta' professjoni regolata, u lanqas ma għandha tkun prerekwiżit għat-twettiq ta' valwazzjonijiet tal-proprjetà intellettwali skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-professjonijiet regolati, il-kwalifiki professjonali u l-forniment ta' servizzi ta' valwazzjoni.

3. Iċ-ċertifikazzjoni mill-Uffiċċju ma għandhiex tagħmel lill-Uffiċċju responsabbli għal valwazzjonijiet individwali mwettqa minn valwatur iċċertifikat u ma għandhiex tagħti effett legali vinkolanti jew preżunt fuq tali valwazzjonijiet.

4. Sabiex ikun eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni, il-valwatur prospettiv għandu:

   (a) ikollu sfond edukattiv jew professjonali xieraq u esperjenza professjonali rilevanti, u kompetenza teknika fil-valwazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali;

   (b) ilesti b'suċċess taħriġ speċjalizzat dwar l-applikazzjoni tal-qafas volontarju tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 32(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u valutazzjoni li turi għarfien u abbiltà prattika suffiċjenti biex jiġi applikat dak il-qafas;

   (c) ikollu oġġettività, integrità u aderenza mixhuda bi prova ma' standards professjonali jew ma' kodiċijiet ta' kondotta xierqa.

   It-taħriġ u l-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (c) għandhom jiġu organizzati mill-Uffiċċju. L-Uffiċċju jista' jiżviluppa u jipprovdi taħriġ u valutazzjoni bħal dawn f'kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali tal-proprjetà intellettwali u mal-organizzazzjonijiet professjonali u mal-korpi ta' valwazzjoni Ewropej jew internazzjonali rilevanti.

5. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet dettaljati li ġejjin għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni stabbilita minn dan l-Artikolu:

   (a) l-isfond edukattiv jew professjonali minimu u l-esperjenza professjonali meħtieġa għall-ammissjoni fl-iskema ta' ċertifikazzjoni u l-evidenza li għandha tiġi sottomessa għal dak l-għan;

   (b) il-kontenut minimu, l-eżiti tat-tagħlim u l-komponenti prattiċi tat-taħriġ speċjalizzat imsemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), inkluż kwalunkwe rekwiżit li jikkonċerna l-attendenza;

   (c) il-forma, il-kontenut, il-metodoloġija tal-valutazzjoni u r-rekwiżiti minimi ta' suċċess għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c);

   (d) il-proċedura ta' applikazzjoni, inklużi d-dokumenti u l-evidenza li għandhom jiġu sottomessi u l-arranġamenti għall-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4;

   (e) il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikazzjoni u l-kundizzjonijiet u l-proċedura għat-tiġdid tagħha, inklużi r-rekwiżiti relatati mal-iżvilupp professjonali kontinwu;

   (f) ir-raġunijiet u l-proċedura għas-sospensjoni u għall-irtirar taċ-ċertifikazzjoni, inklużi salvagwardji proċedurali xierqa u d-dritt tal-persuna kkonċernata li tinstema';

(g) il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu, il-preżentazzjoni u l-komunikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni u tal-istatus iċċertifikat tal-Unjoni, inklużi regoli maħsuba biex jipprevjenu kwalunkwe rappreżentanza qarrieqa fir-rigward tal-ambitu jew tal-effetti legali taċ-ċertifikazzjoni; u

(h) l-informazzjoni dwar l-valwaturi ċċertifikati li għandha tiġi inkluża fil-bażi tad-data msemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).

6. Permezz taċ-Ċentru ta' Kompetenza, l-Uffiċċju għandu jagħti, iġedded, jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.

7. Permezz taċ-Ċentru ta' Kompetenza, l-Uffiċċju għandu jistabbilixxi u jmantni bażi tad-data tal-Unjoni aċċessibbli għall-pubbliku tal-valwaturi tal-proprjetà intellettwali ċċertifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu.

8. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jintroduċi tariffi għas-servizzi ta' ċertifikazzjoni, ta' valutazzjoni u ta' tiġdid previsti skont dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) 2017/1001. Dawn it-tariffi għandhom ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji u ma għandhomx jaqbżu l-kost tas-servizzi speċifiċi kkonċernati

Artikolu 36

Programmazzjoni u rappurtar

1. L-Uffiċċju għandu jirrifletti l-attivitajiet meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti fdati lill-Uffiċċju f'konformità ma' dan ir-Regolament f'taqsima separata tal-programm strateġiku pluriennali u l-programm ta' ħidma annwali tal-Uffiċċju msemmi fl-Artikolu 153(1), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) 2017/1001.

2. It-taqsima separata msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tistabbilixxi l-objettivi, l-attivitajiet, ir-riżultati mistennija, l-indikaturi tal-prestazzjoni u r-riżorsi umani u finanzjarji stmati relatati ma' dawk il-kompiti, filwaqt li jitqiesu l-politiki u l-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni. It-tħejjija, l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-emendar għall-programm strateġiku pluriennali u l-programm ta' ħidma annwali għandhom ikunu regolati mir-Regolament (UE) 2017/1001.

3. Fir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Uffiċċju msemmija fl-Artikolu 153(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/1001, l-Uffiċċju għandu jinkludi taqsima speċifika dwar il-kompiti fdati lill-Uffiċċju skont dan l-Artikolu. Dik it-taqsima speċifika għandu jkun fiha dawn kollha li ġejjin:

(a) rieżami tal-attivitajiet ewlenin imwettqa matul is-sena preċedenti;

(b) ir-riżultati miksuba fir-rigward tal-objettivi u tal-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali;

(c) valutazzjoni ġenerali tat-twettiq ta' dawk il-kompiti, inklużi r-riżorsi finanzjarji u tal-persunal użati, kwalunkwe dħul miksub minn imposti u kwalunkwe effett materjali fuq it-twettiq tal-kompiti statutorji l-oħra tal-Uffiċċju;

(d) ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ippjanati għas-snin ta' wara.

Artikolu 37

Emenda għar-Regolament (UE) 2017/1001

Fl-Artikolu 151(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001, jiddaħħal il-punt (f) li ġej:

"(f) il-kompiti fdati lilu skont ir-Regolament (UE) 202X/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. *[+]"

---

* Ir-Regolament (UE) 202X/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [PAK] (ĠU…, ELI…).'.

Kapitolu 4
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 38

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Implimentazzjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/1001. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 39

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 19(10), fl-Artikolu 22(5), fl-Artikolu 24(12), fl-Artikolu 28(5) u fl-Artikolu 31(8) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħat mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(2), fl-Artikolu 19(11), fl-Artikolu 22(5), fl-Artikolu 24(12), fl-Artikolu 28(5) u fl-Artikolu 31(8) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dan ir-Regolament (l-Att Ewropew dwar l-Innovazzjoni) fin-nota f'qiegħ il-paġna.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti ddeżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 19(10), l-Artikolu 22(5), l-Artikolu 24(12), l-Artikolu 28(5) u l-Artikolu 31(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu għarrfu lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 40

Evalwazzjoni

Sa *[OP insert date four years from the date of entry into force of this Regulation]* u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-objettivi li jsegwi, b'mod partikolari dwar it-tisħiħ tar-rwol tal-akkwist pubbliku bħala fattur ewlieni tal-innovazzjoni u t-titjib tal-valwazzjoni, tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-użu tal-PI, u għandha tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Meta jkun xieraq, din l-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposta għall-emendi jew għal tħassir ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 41

Dhul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
[...]	*[...]*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

Werrej

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA 1
1.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta 1
1.2. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat 4
1.3. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni 5
2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ 7
2.1. Bażi legali 7
2.2. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva) 7
2.3. Proporzjonalità 8
2.4. Għażla tal-istrument 9
3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT 10
3.1. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati 10
3.2. Ġbir u użu tal-għarfien espert 11
3.3. Valutazzjoni tal-impatt 12
3.4. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni 15
4. Drittijiet fundamentali 15
5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI 15
6. ELEMENTI OĦRA 16
• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar 16
• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta 16
1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 4
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 4
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 4
1.3. Objettiv(i) 4
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 4
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 4
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 4
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 6
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 6
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 6

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 6
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). 7
1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 7
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 8
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 8
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 9
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 9
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 10
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 10
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 10
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 10
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 10
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 10
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 11
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 12
3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 12
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 13
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 13
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 13
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 15
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 15
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani 15
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat 15
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 17
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 17
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 18
3.2.8. Riżorsi umani stmati u l-użu tal-approprjazzjonijiet meħtieġa f'aġenzija deċentralizzata 18

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul 20
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI 20
4.1. Rekwiżiti ta’ rilevanza diġitali 20
4.2. Data 23
4.3. Soluzzjonijiet diġitali 25
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà 25
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 26

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas ta' miżuri biex tissaħħaħ l-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Unjoni (l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni)

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Suq uniku, kompetittività, riċerka u innovazzjoni

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

L-inizjattiva għandha l-objettiv ġenerali li ttejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku għall-innovazzjoni billi tnaqqas l-ostakli għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-iskalar tas-soluzzjonijiet innovattivi, u b'hekk tħaffef il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom fl-Unjoni.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru 1

Kostijiet ta' valwazzjoni aktar baxxi u żieda fil-liċenzjar u fit-trasferiment ta' pagamenti istantanji fl-UE fl-4 snin li ġejjin.

Objettiv speċifiku Nru 2

Żieda fl-infiq fuq l-akkwist ta' servizzi tar-R&Ż fil-5 snin li ġejjin.

Objettiv speċifiku Nru 3

Żieda fl-akkwist ta' soluzzjonijiet tar-R&Ż ibbażati fl-UE fil-5 snin li ġejjin.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Benefiċċji ekonomiċi

L-introduzzjoni ta' qafas armonizzat ta' valwazzjoni tal-PI fl-UE kollha, ikkomplementat minn Ċentru ta' Taħriġ tal-PI tal-UE u pjattaforma ta' tlaqqigħ tal-PI, mistennija tnaqqas il-kostijiet u l-kumplessità assoċjati mal-valwazzjoni, il-ġestjoni u l-monetizzazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali. Billi jipprovdu metodoloġiji ta' valwazzjoni standardizzati, għarfien espert speċjalizzat, u infrastruttura tas-suq imtejba, dawn il-miżuri jnaqqsu l-asimmetriji fl-informazzjoni bejn id-ditti u l-finanzjaturi esterni fir-rigward tal-valur ekonomiku tal-assi tal-PI.

Trasparenza u kredibbiltà mtejba fil-valwazzjoni tal-PI huma mistennija li jiffaċilitaw l-użu ta' privattivi u ta' assi oħra tal-PI bħala kollateral, u b'hekk iżidu l-aċċess kemm għall-finanzjament tad-dejn kif ukoll għall-finanzjament tal-ekwità. B'mod partikolari, sistemi ta' valwazzjoni standardizzati jistgħu jsaħħu l-funzjoni kollaterali tal-PI għall-banek u l-funzjoni ta' sinjalar tal-PI għall-investituri ta' kapital ta' riskju, b'hekk jikkontribwixxu għal volumi akbar ta' finanzjament appoġġat mill-PI. Hekk kif id-ditti jsiru aktar kapaċi jaqbdu u jikkomunikaw il-valur ekonomiku tal-proprjetà intellettwali tagħhom, ir-redditi mistennija mill-privattivi aktarx li jiżdiedu, u b'hekk joħolqu inċentivi aktar b'saħħithom biex jinvestu fl-innovazzjoni u jfittxu protezzjoni formali tal-PI.

Il-letteratura tissuġġerixxi li din ir-relazzjoni tista' tiġġenera ċiklu virtuż bejn il-privattivi u l-finanzjament. Portafolli tal-PI aktar b'saħħithom jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjament estern, filwaqt li kundizzjonijiet ta' finanzjament imtejba jappoġġaw investimenti addizzjonali fir-R&Ż u attivitajiet ta' innovazzjoni, li jwasslu għal aktar ġenerazzjoni ta' privattivi. Lil hinn miż-żieda fil-kwantità ta' applikazzjonijiet għal privattivi, mekkaniżmi ta' valwazzjoni aktar affidabbli jistgħu jtejbu wkoll il-kwalità tal-privattivi billi jħeġġu lid-ditti jiffokaw fuq invenzjonijiet b'potenzjal teknoloġiku u kummerċjali akbar.

Diversi linji ta' evidenza jappoġġaw dan il-mekkaniżmu. Minn perspettiva ta' għażliet reali, sistemi ta' valwazzjoni kredibbli u swieq sekondarji tal-PI jżidu r-riversibbiltà tal-investimenti relatati mal-privattivi billi jittrasformaw il-privattivi f'assi negozjabbli aktar milli strumenti purament legali. Dan inaqqas ir-riskju effettiv tal-privattivi u jħeġġeġ lill-kumpaniji jippreżentaw privattivi li sussegwentement jistgħu jiġu liċenzjati, jistgħu jinbiegħu, jew jistgħu jintużaw biex jappoġġaw tranżazzjonijiet ta' finanzjament. L-evidenza mill-Istati Uniti turi li l-esponiment għal swieq sekondarji tal-privattivi jżid l-attività tal-privattivi, b'mod partikolari waqt xi inċertezza ekonomika, u jħeġġeġ lid-ditti biex jagħmlu privattivi tal-invenzjonijiet li altrimenti jibqgħu sigrieti kummerċjali.

L-introduzzjoni ta' qafas armonizzat fil-livell tal-UE għall-akkwist tar-R&Ż hija mistennija li tnaqqas b'mod sinifikanti l-inċertezza legali u l-kumplessità proċedurali kurrentament assoċjati mal-akkwist tar-R&Ż fost l-Istati Membri. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera tal-akkwist tar-R&Ż, li jippermettu lix-xerrejja pubbliċi jiġbru flimkien id-domanda u jiksbu massa kritika akbar, u b'hekk jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku għall-akkwist ta' innovazzjoni.

L-inkorporazzjoni ta' prattiki mixhuda bi prova ta' akkwist orjentati lejn l-innovazzjoni f'qafas komuni ttejjeb ukoll l-effettività u l-effiċjenza tal-proċessi tal-akkwist tar-R&Ż, filwaqt li żżid ir-redditu fuq l-investiment pubbliku fl-innovazzjoni. Proċeduri aktar ċari jtejbu l-kapaċità tax-xerrejja pubbliċi li jfasslu u li jimmaniġġaw proġetti tal-akkwist tar-R&Ż, filwaqt li jnaqqsu l-kostijiet tal-parteċipazzjoni u l-ostakli għall-forniturі. Dan huwa mistenni li jħeġġeġ għadd akbar ta' ditti, inklużi dawk minn Stati Membri differenti, biex jipparteċipaw f'sejħa għall-offerti għall-akkwist tar-R&Ż, u b'hekk tiżdied il-kompetizzjoni, tittejjeb il-kwalità tas-soluzzjonijiet proposti, u jitwessa' l-aċċess għal teknoloġiji innovattivi.

Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' preferenza tal-UE fi ħdan il-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż iżżid il-probabbiltà li benefiċċji ekonomiċi u teknoloġiċi sinifikanti ġġenerati permezz tal-akkwist tar-R&Ż iffinanzjat pubblikament jibqgħu fi ħdan l-Unjoni Ewropea. It-tisħiħ tad-domanda għal soluzzjonijiet innovattivi żviluppati minn ditti bbażati fl-UE jappoġġa l-investiment privat fir-R&Ż, irrawwem it-tkabbir tal-ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropej, u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjiegi ta' valur għoli. B'dan il-mod, issaħħaħ l-awtonomija strateġika u s-sovranità teknoloġika tal-UE f'teknoloġiji u f'setturi kritiċi.

B'mod ġenerali, l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni huwa stmat li jżid il-PDG tal-UE b'bejn 0.25% u 0.42% fuq perjodu ta' għaxar snin meta mqabbel ma' xenarju bażi mingħajr l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni.

Lil hinn mill-effetti tiegħu fuq il-PDG u l-impjiegi, l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni huwa mistenni li jiġġenera benefiċċji soċjetali usa' billi jsaħħaħ it-traduzzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet kummerċjabbli. Korp

sostanzjali ta' evidenza empirika juri li l-investiment pubbliku u privat sostnut fir-riċerka u l-innovazzjoni jaċċellera l-iżvilupp, id-diffużjoni, u t-tnaqqis tal-kostijiet ta' teknoloġiji nodfa, filwaqt li jikkontribwixxi għal emissjonijiet aktar baxxi ta' gassijiet serra, effiċjenza enerġetika mtejba, u proċessi ta' produzzjoni aktar sostenibbli. Dawn il-benefiċċji x'aktarx li jiġġeneraw esternalitajiet ambjentali u soċjali pożittivi li jinqabdu biss parzjalment minn indikaturi makroekonomiċi konvenzjonali bħall-PDG.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Il-progress lejn l-objettiv speċifiku ta' tnaqqis tal-kostijiet tal-valwazzjoni tal-PI u ta' żieda fil-liċenzjar, fit-trasferiment u fl-użu finanzjarju tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (drittijiet tal-PI) fl-UE se jiġi mmonitorjat permezz ta' diversi indikaturi. Dawn jinkludu n-numru ta' Stati Membri li jintegraw l-istandards ta' valwazzjoni tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea fil-prattiki ta' valwazzjoni nazzjonali tagħhom, in-numru ta' tranżazzjonijiet li japplikaw il-metodoloġija ta' valwazzjoni tal-PI tal-UE, il-kostijiet medji ta' valwazzjoni tal-PI mġarrba mid-ditti, u l-għadd ta' kumpaniji li jużaw assi tal-PI bħala kollateral jew fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament.

Il-progress lejn l-objettiv speċifiku li tiżdied in-nefqa fuq l-akkwist ta' servizzi tar-R&Ż se jitkejjel bis-sehem tan-nefqa tar-R&Ż fl-akkwist pubbliku totali u bl-għadd u bil-valur tal-kuntratti tal-akkwisti transfruntiera tar-R&Ż. Il-progress lejn l-objettiv speċifiku li jiżdied l-akkwist ta' soluzzjonijiet ta' R&Ż ibbażati fl-UE se jiġi mmonitorjat permezz tal-għadd u l-valur ta' kuntratti tal-akkwist ta' R&Ż mogħtija lil fornituri u soluzzjonijiet ibbażati fl-UE.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[50]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Il-proposta twieġeb għall-ħtieġa li jiġu indirizzati l-frammentazzjonijiet eżistenti fis-Suq Uniku fil-qasam tal-**akkwist tar-R&Ż** billi tistabbilixxi proċedura armonizzata għall-akkwisti tar-R&Ż u l-akkwisti transfruntiera konġunti tar-R&Ż li għandhom jiġu implimentati mix-xerrejja pubbliċi fl-Istati Membri kollha f'konformità ma' dan ir-Regolament ladarba jidħol fis-seħħ.

Barra minn hekk, tafda kompiti ġodda lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-istabbiliment ta' Ċentru ta' Kompetenza tal-Unjoni Ewropea għall-**finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-proprjetà intellettwali** ladarba r-Regolament jidħol fis-seħħ. Ladarba jiġi stabbilit fi ħdan l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni

[50] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Ewropea, iċ-Ċentru ta' Kompetenza se jibda jwettaq il-kompiti mogħtija lilu mir-Regolament inkluż l-għoti ta' appoġġ lil diversi partijiet ikkonċernati fl-oqsma tal-finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettwali. Fl-aħħar nett, sal-1 ta' Settembru 2028 (li għandha tkun maħsuba bħala data tentattiva, billi l-iżvilupp tal-IT jirrekjedi ż-żmien), l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, permezz taċ-Ċentru ta' Kompetenza, se jiżviluppa qafas ta' valwazzjoni għall-assi intanġibbli kollha u se jistabbilixxi pjattaforma ta' tlaqqigħ diġitali biex jiffaċilita l-liċenzjar u t-trasferiment tat-tipi kollha ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali protetti fil-livell tal-Unjoni.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet).

Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante)

Il-miżuri proposti jiffukaw fuq oqsma fejn hemm valur miżjud ċar f'li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, il-veloċità u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa. L-azzjonijiet għandhom l-għan li jtejbu l-argument għall-vijabbiltà għall-innovaturi biex iġibu l-innovazzjonijiet fis-suq billi jiffaċilitaw il-valwazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tad-drittijiet tal-PI bħala kollateral biex jinkiseb finanzjament appoġġat mill-PI u billi jagħmluha aktar faċli li jinstabu l-ewwel klijenti permezz tal-akkwist tar-R&Ż. Dan itejjeb l-effiċjenza billi jippermetti kooperazzjoni transfruntiera aħjar, jiżgura aċċess aktar ġust għall-opportunitajiet għall-kompaniji innovattivi irrispettivament mill-post tagħhom, u jsaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tikkompeti globalment.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (ex post)

L-intervent tal-UE se jiġġenera benefiċċji dejjiema permezz ta' ekonomiji ta' skala, kostijiet tat-tranżazzjonijiet aktar baxxi, u ċertezza legali mtejba għax-xerrejja pubbliċi, għall-kompaniji u għall-investituri. Dan se jsaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li tqiegħed soluzzjonijiet innovattivi fis-suq u li tikkummerċjalizza l-assi tal-proprjetà intellettwali u tingranahom fil-finanzjament tal-kompaniji. Proċeduri armonizzati u diġitalizzati għall-akkwist tar-R&Ż se jnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u l-piż amministrattiv għax-xerrejja pubbliċi u għall-kompaniji li jipparteċipaw fl-akkwisti tar-R&Ż, filwaqt li jipprovdu kundizzjonijiet uniformi tas-suq madwar l-Istati Membri. L-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Kompetenza fi ħdan l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea se jżid l-użu ta' finanzjament appoġġat mill-proprjetà intellettwali fl-Ewropa, filwaqt li se jżid l-opportunitajiet ta' finanzjament għal kumpaniji innovattivi.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ġabar għarfien espert sinifikanti fil-qasam tad-drittijiet tal-PI permezz tal-kompiti tiegħu relatati mal-protezzjoni tat-trademarks, tad-disinji u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE, kif ukoll il-monitoraġġ tal-ksur tat-tipi kollha ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali permezz tal-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali. Filwaqt li tqis din l-esperjenza, il-proposta tibni fuq l-għarfien espert tal-Uffiċċju tal-

Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea billi tafdah b'kompiti addizzjonali relatati mal-valwazzjoni u mal-kummerċjalizzazzjoni tal-PI.

Il-Proċedura tas-Sħubija għall-Innovazzjoni, li ġiet introdotta fid-direttivi tal-UE tal-2014 dwar l-akkwist pubbliku, tintuża biss b'mod limitat ħafna. L-evalwazzjoni tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku tal-2014 ikkonkludiet li fir-reviżjoni li għaddejja tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, l-obbligu li din il-proċedura trid tinvolvi l-akkwist tar-R&Ż jenħtieġ li jitneħħa, minħabba li x-xerrejja pubbliċi ma jħobbux jixtru r-R&Ż bħala parti minn proċedura li tixtri volumi kummerċjali ta' soluzzjonijiet u li hija miftuħa għall-forniturі mill-pajjiżi terzi kollha li magħhom l-Unjoni għandha ftehim internazzjonali dwar l-akkwist pubbliku. B'kont meħud ta' din l-esperjenza, il-proposta Ewropea għandha l-għan li tipprovdi proċedura għall-**akkwist tar-R&Ż** għax-xiri ta' servizzi tar-R&Ż li ma tinvolvix l-akkwist ta' volumi kummerċjali ta' soluzzjonijiet u li tista' tkun miftuħa biss għall-forniturі mill-Istati Membri, mill-pajjiżi taż-ŻEE u mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u se tiġi implimentata permezz ta' programmi eżistenti tal-Unjoni mingħajr ma jinħolqu pakketti ta' nfiq jew obbligi finanzjarji ġodda lil hinn mir-riżorsi eżistenti.

Jekk il-koleġiżlaturi japprovaw il-proposta u jiddeċiedu li l-EUIPO jistabbilixxi, imexxi ċ-Ċentru u jikkontribwixxi fondi (mill-operazzjonali jew mis-surplus), jenħtieġ li jiġi nnotat li din il-kontribuzzjoni tal-EUIPO ma tiġix mill-baġit tal-UE (ma hijiex kontribuzzjoni tal-UE) iżda mill-baġit tal-EUIPO u għalhekk, ma tiddependix fuq il-QFP.

F'dak is-sens, id-deċiżjoni dwar l-elementi baġitarji speċifiċi tkun soġġetta għad-deċiżjoni u għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat tal-Baġit (MBBC) tal-EUIPO.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Il-finanzjament kollu se jiġi żgurat b'riallokazzjonijiet mill-programmi. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati dwar il-QFP li jmiss, l-approprjazzjonijiet previsti mill-2028 'il quddiem huma strettament indikattivi.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[51]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

[51] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Din id-Dikjarazzjoni tinkludi n-nefqiet tal-persunal. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa. Il-Kummissjoni se tevalwa l-output, ir-riżultati u l-impatt ta' din il-proposta kull tliet snin wara d-data li fiha ssir applikabbli. L-evalwazzjoni se tivvaluta l-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-funzjonament tas-suq uniku, inklużi l-objettivi speċifikati f'dan ir-Regolament.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-modalità ta' ġestjoni għall-inizjattiva hija l-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. Dan huwa l-aktar approċċ xieraq minħabba l-ambitu limitat tan-nefqa tal-Unjoni, li hija limitata għall-kostijiet amministrattivi standard u dawk relatati mal-monitoraġġ. L-użu ta' proċeduri interni stabbiliti jiżgura kontrolli effettivi u effiċjenti, rati baxxi ta' erruri, ipproċessar rapidu tat-tranżazzjonijiet u kostijiet minimi tal-kontrolli

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

B'mod ġenerali, l-inizjattiva teħtieġ nefqa tal-persunal. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa. Il-maġġoranza tal-aspetti tal-inizjattiva jsegwu proċeduri stabbiliti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-riskju operazzjonali ewlieni huwa kapaċità amministrattiva insuffiċjenti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-obbligi stabbiliti fir-Regolament. Din il-proposta hija akkumpanjata minn rapport ta' valutazzjoni tal-impatt, li jipprovdi l-analitika li tirfed l-approċċ ta' politika magħżul. It-tħejjija tal-inizjattiva kienet ibbażata wkoll fuq konsultazzjoni pubblika kif ukoll fuq konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, mal-Istati Membri u mal-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, li żguraw il-ġbir ta' data, ta' informazzjoni u ta' feedback rilevanti. Madankollu, matul l-implimentazzjoni xorta jistgħu jseħħu konsegwenzi mhux intenzjonati jew impatti mhux previsti. Dawn se jiġu identifikati permezz tal-proċeduri ta' monitoraġġ stabbiliti fir-Regolament, li jippermettu lill-Kummissjoni tindirizzahom b'mod xieraq u f'waqtu.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

L-inizjattiva tinvolvi nefqa amministrattiva limitata. Japplikaw il-proċeduri standard ta' kontroll tal-Kummissjoni. Peress li ma jinħoloq l-ebda programm ta' finanzjament jew mekkaniżmu ta' konsenja b'diversi livelli, l-attivitajiet ta' kontroll jibqgħu sempliċi u kosteffettivi. Il-kontrolli jsir kollha b'ġestjoni diretta, permezz ta' awditi ex post standard fil-qafas tal-kontrolli interni tal-Kummissjoni. Dan jiżgura bilanċ xieraq bejn l-isforz ta' kontroll u l-valur limitat tal-fondi ġestiti. Minħabba l-istruttura simplifikata u n-nuqqas ta' operazzjonijiet finanzjarji ta' riskju għoli, ir-rata ta' errur mistennija fil-pagament u fl-għeluq hija baxxa u ferm taħt il-limitu tal-

materjalità. Għalhekk, is-sistema ta' kontroll tipprovdi livell għoli ta' assigurazzjoni b'kost proporzjonat.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

L-inizjattiva ma tistabbilix programmi ta' finanzjament jew skemi ta' appoġġ finanzjarju. Għalhekk, hija tiddependi fuq il-qafas ta' kontroll intern eżistenti tal-Kummissjoni u l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi. Japplikaw miżuri preventivi u ta' detezzjoni standard, inklużi kontrolli interni bbażati fuq ir-riskju, segregazzjoni tad-dmirijiet u flussi tax-xogħol stabbiliti għan-nefqa amministrattiva.

F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1001 u mar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Uffiċċju, l-Uffiċċju għandu jiżgura li jkun hemm fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fit-twettiq tal-kompiti fdati lilu skont dan ir-Regolament, inklużi miżuri għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-indirizzar tal-frodi, tal-korruzzjoni, tal-kunflitti ta' interess u ta' irregolaritajiet oħra. Il-Kummissjoni għandha teżerċita l-funzjonijiet ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ mogħtija lilha skont il-qafas ta' governanza applikabbli.

Bħal fil-każ tal-attivitajiet kollha ġestiti mill-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jistgħu jeżerċitaw is-setgħat tagħhom f'konformità mal-bażijiet legali rispettivi tagħhom biex jinvestigaw il-frodi, il-korruzzjoni jew attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri żżomm id-drittijiet tal-awditjar standard tagħha fuq in-nefqa tal-Kummissjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

L-impatt stmat fuq in-nefqa u fuq il-persunal għall-2028 u lil hinn qiegħed jiżdied għal skopijiet illustrattivi biss u ma jippreġudikax il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Is-sors tal-finanzjament u l-ambitu tal-impenn finanzjarju tal-Unjoni fil-perjodu ta' wara l-2027 jibqgħu soġġetti għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-QFP 2028-2034, u wara għandhom jiġu ddeterminati bil-proċedura baġitarja annwali. L-approprjazzjonijiet u l-allokazzjonijiet tal-persunal kollha mill-2028 huma indikattivi. Fir-rigward tal-baġit tal-EUIPO, iċ-ċifri huma indikattivi u soġġetti għall-approvazzjoni mill-korpi governattivi tal-EUIPO f'konformità mar-Regolament dwar it-Trademark tal-UE (EUTMR).

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.[52]	mill-pajjiżi tal-EFTA[53]	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[54]	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
02	01 01 01 01	Mhux diff.	IVA	IVA	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	Mhux applikabbli					

[52] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[53] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[54] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	02

DĠ: RTD			Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Linja baġitarja	Impenji	(1a)								**0**
	Pagamenti	(2a)								**0**
Linja baġitarja	Impenji	(1b)								**0**
	Pagamenti	(2b)								**0**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[55]										
Linja baġitarja 01 01 01 01		(3)	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**4.074**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet	Impenji	=1a+1b+3	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**4.074**

[55] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

għad-DĠ RTD	Pagamenti	=2a+2b+3	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**4.074**

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4	Impenji	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**4.074**
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**0.582**	**4.074**

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2028 – 2034**
INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	**0.000**
Nefqa amministrattiva oħra	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	**0.000**
Subtotal tal-INTESTATURA 4	**0.000**	**0.000**	**0.000**	**0.000**	**0.000**	**0.000**	**0.000**	**0.000**
Barra mill-INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	**4.074**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	**4.074**
TOTAL	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	0.582	**4.074**

L-impatt stmat fuq in-nefqa u fuq il-persunal għall-2028 u lil hinn qiegħed jiżdied għal skopijiet illustrattivi biss u ma jippreġudikax il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Is-sors tal-finanzjament u l-ambitu tal-impenn finanzjarju tal-Unjoni fil-perjodu ta' wara l-2027 jibqgħu soġġetti għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-QFP 2028-2034, u wara għandhom jiġu ddeterminati bil-proċedura baġitarja annwali. L-approprjazzjonijiet u l-allokazzjonijiet tal-persunal kollha mill-2028 huma indikattivi.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs)[56]

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka indiretta)	3	3	3	3	3	3	3
(Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0

[56] Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

• Persunal estern (f'FTEs)								
20 02 01 (AC, END mill-pakkett globali)		0	0	0	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0	0	0	0
Linja ta' appoġġ amministrattiv	• fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0	0
[XX.01.YY.YY]	• fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0	0
(AC, END — Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0	0
(AC, END — Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) — Intestatura 4		0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) — Barra mill-Intestatura 4		0	0	0	0	0	0	0
TOTAL		**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	**Persunal addizzjonali eċċezzjonali ***		
		Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 4 jew skont ir-Riċerka	**Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA**	**Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi**
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	3 [Nota: Meta titqies is-sitwazzjoni ġenerali diffiċli fl-Intestatura 4, f'termini tal-persunal kif ukoll tal-livell ta' approprjazzjonijiet, ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati minn persunal mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie riallokat fi ħdan id-DĠ jew servizzi oħra tal-Kummissjoni]		Mhux applikabbli	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)				

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	Huma meħtieġa 3 FTEs għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament.
Persunal estern	

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

Eċċezzjonalmet, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-approprjazzjonijiet skont l-Intestatura 4 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 3 għandhom jiġu riflessi bħala "Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali". Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (pereż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 "Dimensjonijiet diġitali".

TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028 – 2034**
INTESTATURA 4								
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Subtotal tal-INTESTATURA 4	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**
Barra mill-INTESTATURA 4								
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**
TOTAL	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**

3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

– ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP

– ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.2.8. Riżorsi umani stmati u l-użu tal-approprjazzjonijiet meħtieġa f'aġenzija deċentralizzata

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jipprovdi appoġġ f'oqsma bħall-isfruttament, il-kummerċjalizzazzjoni u l-aċċess għall-finanzjament tal-PI. L-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet hija stmata li teħtieġ 10 FTEs fis-sena matul il-fażi ta' implimentazzjoni, jekk jiġi supponut perjodu ta' żvilupp ta' sentejn. Għalhekk, jekk l-Att jidħol fis-seħħ fl-2028, din il-fażi tkopri l-2028 u l-2029. Ladarba ċ-Ċentru ta' Kompetenza jsir kompletament operazzjonali, ir-rekwiżit stmat tal-persunal jonqos għal 8 FTEs fis-sena.

Rekwiżiti tal-persunal (unitajiet ekwivalenti għall-full-time)

Aġenzija: EUIPO	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
Aġenti temporanji (Gradi AD)	6	6	4	4	4	4	4
Aġenti temporanji (Gradi AST)	0	0	0	0	0	0	0
Subtotal tal-aġenti temporanji (AD+AST)	6	6	4	4	4	4	4
Aġenti kuntrattwali	4	4	4	4	4	4	4

Esperti nazzjonali sekondati	0	0	0	0	0	0	0
Subtotal tal-aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati	4	4	4	4	4	4	4
Persunal TOTALI	10	10	8	8	8	8	8

Ħarsa ġenerali/sommarju tar-riżorsi umani u l-approprjazzjonijiet (f'miljuni ta' EUR) meħtieġa mill-proposta/inizjattiva f'aġenzija deċentralizzata

Aġenzija: EUIPO	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
Aġenti temporanji (AD+AST)	6	6	4	4	4	4	4
Aġenti kuntrattwali	4	4	4	4	4	4	4
Esperti nazzjonali sekondati	0	0	0	0	0	0	0
Persunal totali	10	10	8	8	8	8	8
Approprjazzjonijiet koperti mill-baġit tal-UE	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Approprjazzjonijiet koperti minn tariffi (jekk applikabbli)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Approprjazzjonijiet koperti mill-baġit operattiv/mis-surplus tal-EUIPO (kif applikabbli)	0.746	1.523	1.173	1.196	1.220	1.245	1.269
Approprjazzjonijiet kofinanzjati (jekk applikabbli)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-approprjazzjonijiet	0.746	1.523	1.173	1.196	1.220	1.245	1.269

L-Uffiċċju jirriżerva l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-kalkolu tad-dħul li jista' jiġi dderivat mill-provvista rilevanti tal-VIA.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – ☐ indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja bażitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[57]						
		Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
Artikolu …….								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i bażitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Referenza għar-rekwiżit	Deskrizzjoni tar-rekwiżit	Attur(i) affettwat(i) jew ikkonċernat(i) mir-rekwiżit	Proċessi ta' livell għoli	Kategoriji
Artikolu 4(4)	L-akkwisti tar-R&Ż li jridu jitwettqu mill-pjattaforma TED (interfaċċa diġitali biex jittellgħu avviżi tal-akkwist f'*Il-*	Xerrejja pubbliċi Operaturi ekonomiċi	Akkwist tar-R&Ż	Data Soluzzjoni diġitali Servizz Pubbliku Diġitali Diġitalizzazzjoni u

[57] Fil-każ tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 10% għall-kostijiet tal-ġbir, kif propost f'COM(2025)574.

	Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea)			awtomatizzazzjoni tal-proċess Interoperabbiltà
Artikolu 4(4)	Rekwiżit li jintuża format elettroniku għad-dokumenti tal-akkwist	Xerrejja pubbliċi Operaturi ekonomiċi	Akkwist tar-R&Ż	Data Soluzzjoni diġitali Servizz Pubbliku Diġitali Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess Interoperabbiltà
Artikolu 10	Rekwiżit fuq ix-xerrejja pubbliċi biex jispeċifikaw ir-rekwiżiti fuq il-kuntratturi biex jikkontribwixxu għall-pubblikazzjoni tar-riżultati, fejn xieraq, bħala data miftuħa jew sors miftuħ	Xerrejja pubbliċi Operaturi ekonomiċi	Akkwist tar-R&Ż	Data Soluzzjoni diġitali Servizz Pubbliku Diġitali Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikolu 26	Rekwiżit li jiġu rrispettati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, inklużi dawk għall-komunikazzjoni elettronika	Xerrejja pubbliċi Operaturi ekonomiċi	Akkwist tar-R&Ż	Data Soluzzjoni diġitali Servizz Pubbliku Diġitali Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikolu 32(3)(a)	L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea jiżviluppa qafas ta' valwazzjoni	Operaturi ekonomiċi Stati Membri Entitajiet tal-Unjoni	Valwazzjoni tal-PI	Data Soluzzjoni diġitali Servizz Pubbliku Diġitali

	għall-valwazzjoni ta' assi intanġibbli u proċessi u servizzi diġitali relatati, relatati mad-divulgazzjoni, l-iskrinjar u l-valwazzjoni tal-PI			Diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-proċess
Artikolu 32(3)(b)	L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi u jmantni pjattaforma diġitali ta' tlaqqigħ biex jiffaċilita l-liċenzjar u t-trasferiment tat-tipi kollha ta' drittijiet tal-PI protetti fil-livell tal-Unjoni.	Entitajiet tal-Unjoni Operaturi ekonomiċi	Faċilitazzjoni tal-liċenzjar u t-trasferiment tal-PI	Data Soluzzjoni diġitali Servizz Pubbliku Diġitali
Artikolu 32(3)(g) u Artikolu 35	Żvilupp ta' bażi tad-data tal-evidenza dwar il-finanzjament appoġġat mill-PI	Stati Membri Awtoritajiet kompetenti Operaturi ekonomiċi Entitajiet tal-Unjoni	Ipproċessar u analiżi tad-data	Data

4.2. Data

Tip ta' data	Referenza għar-rekwiżit(i)	Standard u/jew speċifikazzjoni (jekk applikabbli)
Data relatata mal-proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż dwar l-ambitu tal-akkwist, dwar ix-xerrejja pubbliċi u dwar l-offerenti/il-kuntratturi	Artikoli 4(4), 6, 16 u 17	Standards u speċifikazzjonijiet użati fil-portal tal-akkwist pubbliku tal-UE (eForms, OASIS UBL, TED APIs, eProcurement ontology)

Data relatata mal-finanzjament appoġġat mill-PI, inkluża informazzjoni dwar kif il-proprjetà intellettwali użata bħala kollateral għal finijiet ta' kreditu jew ta' assigurazzjoni jew bħala kontribuzzjoni in natura f'xenarji ta' investiment fl-ekwità ġiet evalwata, dwar id-daqs u l-karatteristiċi tat-tranżazzjoni korrispondenti, dwar it-tip ta' dritt tal-proprjetà intellettwali kkonċernat, u dwar indikaturi rilevanti bħall-valwazzjoni tal-ekwità, il-kollateralizzazzjoni, jew il-proporzjonijiet tas-self għall-valur.	Artikolu 32(3)(g) u Artikolu 33	Standards u speċifikazzjonijiet li għandhom jiġu definiti miċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament appoġġat mill-PI, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, li jkopru: rekwiżiti armonizzati tad-data għat-tip ta' assi tal-PI, għall-istruttura tal-kollateral, għad-daqs tat-tranżazzjoni, u għall-eżiti tas-self; protokolli ta' kondiviżjoni tad-data u ta' aċċess konsistenti mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data; rekwiżiti tal-interoperabbiltà li jippermettu r-rabta bejn ir-reġistri tal-PI, ir-reġistri kummerċjali, u r-rekords tal-istrumenti pubbliċi; u standards għall-anonimizzazzjoni u għall-aggregazzjoni ta' data fil-livell tat-tranżazzjonijiet miġbura permezz ta' strumenti finanzjarji appoġġati mill-PI appoġġati mill-UE.

Allinjament mal-Istrateġija Ewropea għad-Data

Spjega kif ir-rekwiżit(i) huwa/huma allinjati mal-Istrateġija Ewropea għad-Data

- Il-proposta tippromwovi l-użu ta' għodod u ta' proċeduri diġitali għall-akkwist pubbliku tar-R&Ż u għall-valwazzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-PI, li huwa allinjat mal-objettiv tal-Istrateġija Ewropea għad-Data li tippromwovi d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni xprunata mid-data.
- Il-proposta tibni fuq l-għodod diġitali eżistenti għall-akkwist pubbliku, inklużi l-portali nazzjonali tal-akkwist. Dan huwa konsistenti mal-għan tal-Istrateġija Ewropea għad-Data li ttejjeb il-kondiviżjoni tad-data u l-interoperabbiltà.
- Il-proposta tippromwovi t-trasparenza filwaqt li tirrispetta r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità tad-data, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u s-salvagwardja tas-sigrieti kummerċjali. Dan huwa konformi mal-objettiv tal-Istrateġija Ewropea tad-Data li tippromwovi t-trasparenza u l-fiduċja fl-ekosistemi mmexxija mid-data.
- Il-proposta hi maħsuba biex toħloq ambjent favorevoli għall-istartups u l-iscaleups, b'mod konsistenti mal-għan tal-Istrateġija Ewropea għad-Data li tippromwovi l-innovazzjoni u l-intraprenditorija b'teknoloġiji mmexxija mid-data.

Spjegazzjoni ta' kif id-data li għadha kif inħolqot hija traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli, u tissodisfa standards ta' kwalità għolja

L-aċċessibbiltà, it-traċċabbiltà, l-interoperabbiltà u r-riutilizzabbiltà tad-data u r-rekwiżiti tal-kwalità tad-data relatati mal-**akkwisti tar-R&Ż** bħalissa huma definiti fir-regoli għall-

pubblikazzjoni tad-data u għall-aċċess għaliha fuq il-portal TED

Id-data miġbura skont l-Att se tiġi ġestita mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea. Iċ-**Ċentru ta' Kompetenza tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea** se jżomm repożitorju strutturat bi standards ta' metadata definiti biex jappoġġa l-iskopribbiltà u l-użu mill-ġdid. L-Uffiċċju huwa l-entità legali li se tmantni r-repożitorju. L-aċċess se jkun regolat minn protokolli ċari, li jiddistingwu bejn data disponibbli għall-pubbliku u data aċċessibbli biss għal korpi awtorizzati. L-interoperabbiltà mar-reġistri tal-PI u mar-reġistri kummerċjali eżistenti se tiġi segwita permezz ta' formati komuni tad-data u permezz ta' identifikaturi kondiviżi. L-istandards tal-kwalità tad-data, inklużi r-regoli ta' validazzjoni u l-obbligi ta' rapportar għall-entitajiet parteċipanti, se jiġu definiti miċ-Ċentru ta' Kompetenza f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

Flussi tad-data

Deskrizzjoni ta' livell għoli tal-flussi ta' data

Tip ta' data	Referenza/i għar-rekwiżit(i)	Attur li jipprovdi d-data	Attur li jirċievi d-data	Skattatur tal-iskambju tad-data	Frekwenza (jekk applikabbli)
Dokumenti u avviżi tal-akkwist	Artikoli 4(4), 6, 16 u 17	Xerrej pubbliku	Offerenti	Pubblikazzjoni ta' avviżi u link għad-dokumenti tal-akkwist	
Għodod ta' valwazzjoni tal-PI	Artikolu 32(3)(a)	EUIPO	Operaturi ekonomiċi Korpi pubbliċi	Talba għall-valwazzjoni tal-PI	
Informazzjoni dwar it-tlaqqigħ tal-PI	Artikolu 32(3)(b)	EUIPO	Operaturi ekonomiċi Korpi pubbliċi	Talba għat-tlaqqigħ	
Evidenza relatata mal-finanzjament ibbażat fuq il-PI	Artikolu 32(3)(g)	Istituzzjonijiet nazzjonali ta' garanzija Intermedjarji finanzjarji	EUIPO	Talba għall-ġbir tal-evidenza	

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Skont din il-proposta, **l-akkwisti tar-R&Ż** se jitwettqu permezz tas-soluzzjonijiet diġitali użati fil-portal TED.

Skont din il-proposta, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea għandu l-kompitu li jiżviluppa s-soluzzjonijiet diġitali li ġejjin:

- għodod diġitali li jappoġġaw id-divulgazzjoni, l-iskrinjar u l-valwazzjoni indikattiva

tal-assi tal-PI, aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi u għall-istituzzjonijiet finanzjarji

- pjattaforma ta' liċenzjar u ta' trasferiment tal-PI li tiffaċilita l-liċenzjar u t-trasferiment tad-drittijiet tal-PI protetti fil-livell tal-Unjoni
- Bażi tad-data tal-evidenza finanzjarja appoġġata mill-PI li tiġbor data fil-livell tat-tranżazzjonijiet dwar strumenti finanzjarji appoġġati mill-PI

It-tliet soluzzjonijiet kollha se jitħaddmu mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea u se jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli taċ-ċibersigurtà u mar-regoli diġitali rilevanti tal-Unjoni. Meta jintużaw għodod assistiti mill-IA, b'mod partikolari għall-iskrinjar u għall-valwazzjoni indikattiva, se tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli għall-użu tal-IA u l-klassifikazzjoni tar-riskju rilevanti se tiġi vvalutata fl-istadju tad-disinn.

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

Is-soluzzjonijiet diġitali awtorizzati mill-Att jeħtieġu interazzjoni bejn il-fruntieri tal-Istati Membri u jinvolvu diversi entitajiet tal-UE u korpi tas-settur pubbliku, li jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet għal valutazzjoni tal-interoperabbiltà.

Bħalissa l-portal TED jipprovdi mod interoperabbli għax-xerrejja pubbliċi biex itellgħu avviżi tal-akkwisti tar-R&Ż li jkunu ġew ippubblikati fuq il-portali nazzjonali tal-akkwist pubbliku permezz tal-portal TED ukoll. Fil-futur, is-suq diġitali tal-UE għall-akkwisti pubbliċi huwa mistenni li jkompli jtejjeb l-interoperabbiltà bejn portali u bażijiet tad-data nazzjonali u tal-UE differenti dwar l-akkwist pubbliku, b'tali mod li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi minn Stat Membru wieħed jipparteċipaw aktar faċilment fi proċedura tal-akkwist tar-R&Ż ta' xerrej pubbliku fi Stat Membru ieħor, u jissimplifika l-proċess għax-xerrejja pubbliċi minn żewġ Stati Membri jew aktar biex iwettqu proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż b'mod konġunt. Il-portal TED se jibqa' l-interfaċċa għax-xerrejja pubbliċi biex iniedu proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż u għall-operaturi ekonomiċi biex isibu opportunitajiet ta' negozju tal-akkwist tar-R&Ż. Għalhekk, l-interazzjonijiet bejn il-portali u l-bażijiet tad-data tal-akkwist pubbliku nazzjonali u tal-UE ma humiex parti minn din il-valutazzjoni tal-interoperabbiltà.

L-għodod ta' valwazzjoni u l-pjattaforma ta' tlaqqigħ tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea se jkunu aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi u għall-korpi pubbliċi fl-Istati Membri kollha, u jirrikjedu interoperabbiltà semantika mar-reġistri nazzjonali tal-PI u mar-reġistri kummerċjali. Il-bażi tad-data tal-evidenza finanzjarja appoġġata mill-PI se taggrega d-data mill-istituzzjonijiet nazzjonali ta' garanzija u mill-intermedjarji finanzjarji, se tirrikjedi formati armonizzati tad-data u identifikaturi kondiviżi. Is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà rilevanti disponibbli fil-livell tal-UE se jiġu vvalutati għall-użu mill-ġdid matul il-fażi tad-disinn u tal-implimentazzjoni. L-ostakli ewlenin li fadal jinkludu formati nazzjonali diverġenti tar-reġistru tal-PI u n-nuqqas ta' reġistru ċentrali tal-wegħdiet tal-PI fil-livell tal-UE.

Peress li din il-proposta tintroduċi rekwiżiti vinkolanti ġodda għas-servizzi pubbliċi diġitali transfruntiera skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58], twettqet valutazzjoni tal-interoperabbiltà, u r-rapport li jirriżulta għandu jiġi

[58] Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.03.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj).

ppubblikat fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli.

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin huma ppjanati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet diġitali skont din il-proposta:

Għall-akkwist tar-R&Ż:

- l-użu ta' karatteristiċi eżistenti għat-tnedija ta' proċeduri tal-akkwist tar-R&Ż permezz tal-portal TED, u l-integrazzjoni ta' karatteristiċi diġitali ġodda għat-tnedija ta' proċeduri ta' akkwist tar-R&Ż permezz tas-suq diġitali tal-UE għall-akkwisti pubbliċi
- attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet immirati lejn l-Istati Membri, ix-xerrejja pubbliċi u l-operaturi ekonomiċi biex jappoġġaw l-użu wiesa' u korrett tat-tnedija ta' akkwisti tar-R&Ż permezz tal-portal TED

Għall-attivitajiet tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea:

- l-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea għall-finanzi appoġġati mill-PI, responsabbli għall-għodod diġitali, il-pjattaforma ta' tlaqqigħ, u l-bażi tad-data tal-evidenza.
- programm ta' bini tal-kapaċità mmirat lejn l-istituzzjonijiet finanzjarji, żviluppat b'mod konġunt mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni, biex jappoġġa l-adozzjoni tal-qafas ta' valwazzjoni u l-għodod diġitali.
- fażi pilota għall-bażi tad-data tal-evidenza li tinvolvi istituzzjonijiet ta' garanzija nazzjonali u intermedjarji finanzjarji magħżula, li tippermetti rfinar iterattiv qabel l-implimentazzjoni sħiħa.